ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 59

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

**Volum 54**

**4 ta' Marzu 2011**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 212/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ li jbidu (detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS)** [1] ... 1

★ **Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 213/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jemenda l-Annessi II u V għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali** [1] ... 4

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 214/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi** ... 8

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2011 tal-1 ta' Marzu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pecorino Sardo (DPO)]** ... 15

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 216/2011 tal-1 ta' Marzu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Chianti Classico (DPO)]** ... 17

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 217/2011 tal-1 ta' Marzu 2011 li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Robiola di Roccaverano (DPO)]** ... 19

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*

**Prezz: EUR 4**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 218/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........ 21

Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 219/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11 ...... 23

Regolament Implimentattiv tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għas-sbatax-il stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 447/2010 ...................... 25

DIRETTIVI

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/22/UE tat-3 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż il-bispiribak bħala sustanza attiva** ([1]) ............................... 26

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/23/UE tat-3 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tat-triflumuron bħala sustanza attiva** ([1]) ........................... 29

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/25/UE tat-3 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż il-bupirimat bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE** ([1]) ........................................................................ 32

★ **Direttiva tal-Kummissjoni 2011/26/UE tat-3 ta' Marzu 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi d-dietofenkarb bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE** ([1]) ........................................................................ 37

DEĊIŻJONIJIET

2011/138/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2011 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/248/UE li taġġusta l-allowances previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE u d-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u persunal militari ssekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill** ........................................................................ 41

2011/139/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2011 li taġġusta l-allowances previsti fid-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill** ...................................................... 43

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 212/2011

**tat-3 ta' Marzu 2011**

**li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ li jbidu (detentur tal-awtorizzazzjoni Lallemand SAS)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din it-tip ta' awtorizzazzjoni.

(2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M. Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mid-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ li jbidu, biex jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi".

(4) L-użu tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M ġie awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien għat-tiġieġ għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005 (2), mingħajr limitu taż-żmien għall-ħnieżer għat-tismin mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2036/2005 (3), u għal 10 snin għas-salmonidi u l-gambli mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2009 (4) u għall-ħnienes miftuma mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1120/2010 (5).

(5) Ġiet ippreżentata dejta ġdida bħala sostenn għall-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M għat-tiġieġ li jbidu. L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet fl-opinjoni tagħha tal-5 ta' Ottubru 2010 (6) li l-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M, skont il-kundizzjonijiet proposti tal-użu, ma għandhiex effett negattiv fuq saħħet l-annimali, saħħet il-bniedem jew fuq l-ambjent, u li l-użu tagħha jżid l-intensità li bih tbid l-ispeċi fil-mira b'mod sinifikanti. L-Awtorità tikkunsidra li ma hemmx bżonn għal rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf, fl-għalf mibgħut mil-Laboratorju ta' Referenza tal-Komunità stabbilit mir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

(6) Il-valutazzjoni tal-*Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stipulat fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għaldaqstant, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Peramanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li taqa' taħt il-kategorija "addittivi żootekniċi" u mal-grupp funzjonali "stabbilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

(1) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.
(2) ĠU L 195, 27.7.2005, p. 6.
(3) ĠU L 328, 15.12.2005, p. 13.
(4) ĠU L 257, 30.9.2009, p. 10.
(5) ĠU L 317, 3.12.2010, p. 12.
(6) *EFSA Journal* 2010; 8(10):1865.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

ANNESS

| Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv | Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni | Addittiv | Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku | Speċi jew kategorija tal-annimal | Età massima | Kontenut minimu | Kontenut massimu | Dispożizzjonijiet oħra | Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | CFU/kg ta' prodott tal-għalf komplet b'kontenut ta' umdità ta' 12 % | | | |
| **Kategorija ta' addittivi żootekniċi. Grupp funzjonali: stabbilizzanti għall-batterja li tinsab fil-musrana** | | | | | | | | | |
| 4d1712 | Lallemand SAS | *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M | *Il-kompożizzjoni tal-addittiv*<br>Preparazzjoni ta' *Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M li fiha minimu ta' $1 \times 10^{10}$ CFU/g<br>*Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva*<br>*Ċelloli vijabbli ta' Pediococcus acidilactici* CNCM MA 18/5M<br>*Metodi analitiċi* (1)<br>Enumerazzjoni: metodu tat-tifrix bl-użu tal-MSR agar (EN 15786:2009)<br>Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) | Tiġieġ li jbidu | — | $1 \times 10^9$ | — | 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura tal-ħżin, it-tul tal-ħżin u l-istabbiltà għall-pelleting.<br>2. Għas-sigurtà: għandhom jintlibsu xi ħaġa għall-protezzjoni tal-imnifsejn, nuċċali u ingwanti waqt l-immaniġġjar | l-24 ta' Marzu 2021 |

(1) Dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz li ġej tal-Laboratorju Komunitarju ta' Referenza: www.irmm.jrc.be/crl-feed-additives

# Ir-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 213/2011

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li jemenda l-Annessi II u V għad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali ([1]), u b'mod partikolari t-tieni paragrafu tal-Artikolu 11 u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 26,

Billi:

(1) L-Awstrija talbet iż-żieda tal-għaxar programmi ta' taħriġ relatati mal-kura tas-saħħa fl-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KE. Dawn il-programmi tat-taħriġ jiġu rregolati mill-Ordinanza ta' Kompitu Speċjali dwar il-Kura tas-Saħħa u l-Infermerija (GuK-SV BGBl II Nru 452/2005) u l-Ordinanza dwar id-Doveri tat-Tagħlim u l-Ġestjoni tal-Kura tas-Saħħa u l-Infermerija (GuK-LFV BGBl II Nru 453/2005).

(2) Peress li dawn il-programmi Awstrijaċi tat-taħriġ huma ekwivalenti għal-livell tat-taħriġ ipprovdut skont l-Artikolu 11(c)(i) tad-Direttiva 2005/36/KE u jipprovdu standard professjonali komparabbli u jippreparaw lil min qed jitħarreġ għal livell komparabbli ta' responsabbiltajiet u funzjonijiet, id-dħul tagħhom abbażi tal-Artikolu 11(c)(ii) fl-Anness II għad-Direttiva 2005/36/KE huwa ġġustifikat.

(3) Il-Portugall ressaq talba raġjonevoli sabiex fil-punt 5.1.3 tal-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE jiddaħħal taħriġ mediku speċjalizzat fl-onkoloġija medika.

(4) L-onkoloġija medika timmira li toffri trattament sistemiku għall-kanċer. Minħabba l-progress xjentifiku, matul l-aħħar għaxar snin it-trattament tal-pazjenti tal-kanċer għadda minn bidliet ewlenin. It-taħriġ mediku speċjalizzat fl-onkoloġija medika mhuwiex elenkat fil-punt 5.1.3 tal-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE. Madankollu, l-onkoloġija medika żviluppat f'taħriġ mediku speċjalizzat separat u distint f'iktar minn tnejn minn ħames Stati Membri, u dan jiġġustifika d-dħul tagħha fil-punt 5.1.3 tal-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE.

(5) Sabiex ikun żgurat livell għoli biżżejjed ta' taħriġ mediku speċjalizzat, il-perjodu minimu ta' taħriġ meħtieġ għall-ispeċjalizzazzjoni medika tal-onkoloġija medika biex tiġi rikonoxxuta awtomatikament għandu jkun 5 snin.

(6) Franza ressqet talba raġjonevoli sabiex fil-punt 5.1.3 tal-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE jiddaħħal taħriġ mediku speċjalizzat fil-ġenetika medika.

(7) Il-ġenetika medika hija speċjalizzazzjoni li tirrispondi għall-iżvilupp rapidu tal-għarfien fil-qasam tal-ġenetika u l-implikazzjoni tagħha f'oqsma speċjalizzati numerużi, bħall-onkoloġija, il-mediċina tal-fetu, il-pedjatrija, il-mard kroniku. Il-ġenetika medika għandha rwol li dejjem qed jikber iktar fl-iskrinjar u l-prevenzjoni ta' patoloġiji numerużi. It-taħriġ mediku speċjalizzat fil-ġenetika medika mhuwiex elenkat fil-punt 5.1.3 tal-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE. Madankollu, huwa żviluppa f'taħriġ mediku speċjalizzat separat u distint f'iktar minn tnejn minn ħames Stati Membri, u dan jiġġustifika d-dħul tiegħu fil-punt 5.1.3 tal-Anness V għad-Direttiva 2005/36/KE.

(8) Sabiex ikun żgurat livell għoli biżżejjed ta' taħriġ mediku speċjalizzat, il-perjodu minimu ta' taħriġ meħtieġ għall-ispeċjalizzazzjoni medika tal-ġenetika medika biex tiġi rikonoxxuta awtomatikament għandu jkun 4 snin.

(9) Għalhekk, id-Direttiva 2005/36/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(10) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Annessi II u V għad-Direttiva 2005/36/KE huma emendati kif stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-Annessi II u V għad-Direttiva 2005/36/KE huma emendati kif ġej:

1. Fil-punt 1 tal-Anness II, taħt "fl-Awstrija", jiżdied dan li ġej:

‘— taħriġ speċjali fil-kura tat-tfal u ż-żgħażagħ (Sonderausbildung in der Kinder- und Jugendlichenpflege),

— taħriġ speċjali għall-kura tas-saħħa u l-infermerija psikjatrika (Sonderausbildung in der psychiatrischen Gesundheits- und Krankenpflege),

— taħriġ speċjali fil-kura intensiva (Sonderausbildung in der Intensivpflege),

— taħriġ speċjali fil-kura intensiva tat-tfal (Sonderausbildung in der Kinderintensivpflege),

— taħriġ speċjali fl-infermerija relatata mal-anestesija (Sonderausbildung in der Anästhesiepflege),

— taħriġ speċjali fl-infermerija relatata mat-terapija tad-dijalisi renali (Sonderausbildung in der Nierenersatztherapie),

— taħriġ speċjali fl-infermerija fis-swali tal-operazzjonijiet dipartimentali (Sonderausbildung in der Pflege im Operationsbereich),

— taħriġ speċjali fl-iġjene tal-isptarijiet (Sonderausbildung in der Krankenhaushygiene),

— taħriġ speċjali għat-tagħlim tal-ħidma fil-kura tas-saħħa u l-infermerija (Sonderausbildung für Lehraufgaben in der Gesundheits- und Krankenpflege),

— taħriġ speċjali fil-ġestjoni tal-kura tas-saħħa u l-infermerija. (Sonderausbildung für Führungsaufgaben in der Gesundheits- und Krankenpflege),

li jirrappreżenta korsijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ b'tul totali ta' mill-inqas bejn tlettax-il sena u sitt xhur u erbatax-il sena, inkluża edukazzjoni ġenerali ta' mill-inqas għaxar snin, tliet snin oħra taħriġ bażiku fil-livell postsekondarju għal pożizzjoni fis-servizz pubbliku fil-kura tas-saħħa u l-infermerija, u taħriġ speċjali ta' bejn sitta u tnax-il xahar f'ħidma speċjalizzata, tat-tagħlim jew tal-ġestjoni.’.

2. It-tabella li ġejja hija miżjuda mal-punt 5.1.3 tal-Anness V:

| ‘Pajjiż | Onkoloġija medika<br>Perjodu minimu tat-taħriġ: 5 snin | Ġenetika medika<br>Perjodu minimu tat-taħriġ: 4 snin |
|---|---|---|
| | Titlu | Titlu |
| Belgique/België/Belgien | Oncologie médicale/ Medische oncologie | |
| България | Медицинска онкология | Медицинска генетика |
| Česká republika | Klinická onkologie | Lékařská genetika |
| Danmark | | Klinisk genetik |
| Deutschland | | Humangenetik |
| Eesti | | Meditsiinigeneetika |
| Ελλάς | Παθολογική Ογκολογία | |
| España | | |
| France | Oncologie | Génétique médicale |
| Ireland | Medical oncology | Clinical genetics |
| Italia | Oncologia medica | Genetica medica |
| Κύπρος | Ακτινοθεραπευτική Ογκολογία | |
| Latvija | Onkoloģija ķīmijterapija | Medicīnas ģenētika |

| Pajjiż | Onkoloġija medika<br>Perjodu minimu tat-taħriġ: 5 snin | Ġenetika medika<br>Perjodu minimu tat-taħriġ: 4 snin |
|---|---|---|
| | Titlu | Titlu |
| Lietuva | Chemoterapinė onkologija | Genetika |
| Luxembourg | Oncologie médicale | Médecine génétique |
| Magyarország | Klinikai onkológia | Klinikai genetika |
| Malta | | |
| Nederland | | Klinische genetica |
| Österreich | | Medizinische Genetik |
| Polska | Onkologia kliniczna | Genetyka kliniczna |
| Portugal | Oncologia médica | Genética médica |
| România | Oncologie medicala | Genetica medicala |
| Slovenija | Internistična onkologija | Klinična genetika |
| Slovensko | Klinická onkológia | Lekárska genetica |
| Suomi/Finland | | Perinnöllisyyslääketiede/<br>Medicinsk genetik |
| Sverige | | |
| United Kingdom | Medical oncology | Clinical genetics' |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 214/2011

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li jemenda l-Annessi I u V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 22(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali, iffirmata fil-11 ta' Settembru 1998 u approvata, f'isem il-Komunità, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/106/KE [2].

(2) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu jiġi emendat sabiex titqies l-azzjoni regolatorja li ttieħdet fir-rigward ta' ċerti sustanzi kimiċi skont id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [3], id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali [4] u r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni [5].

(3) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandu jiġi emendat biex jitqiesu d-deċiżjonijiet li ttieħdu fir-rigward ta' ċerti sustanzi kimiċi taħt il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar pollutanti organiċi persistenti (il-Konvenzjoni ta' Stokkolma), iffirmata fit-22 ta' Mejju 2001 u approvata, f'isem il-Komunità, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/507/KE [6] u azzjoni regolatorja sussegwenti li ttieħdet fir-rigward ta' dawk is-sustanzi kimiċi skont ir-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar pollutanti organiċi persistenti u li jemenda d-Direttiva 79/117/KEE [7]. L-Anness V għandu wkoll jiġi emendat biex jirrifletti l-azzjoni regolatorja li ttieħdet biex tipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi għajr il-pollutanti organiċi persistenti.

(4) Is-sustanzi difenilammina, triażossidu u triflumuron ma ġewx inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li dawk is-sustanzi attivi huma pprojbiti għall-użu fil-pestiċidi u għalhekk għandhom jiġu miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Minħabba li tressqu applikazzjonijiet ġodda li se jkunu jeħtieġu deċiżjonijiet ġodda dwar l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, iż-żieda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 ma għandhiex tiġi applikata sakemm jiġu adottati d-deċiżjonijiet il-ġodda dwar l-istatus ta' dawk is-sustanzi kimiċi.

(5) Is-sustanzi bifentrin u metam ma ġewx inklużi bħala sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE; f'dak li jirrigwarda d-Direttiva 98/8/KE dawk is-sustanzi ġew identifikati u nnotifikati għall-evalwazzjoni. B'riżultat ta' dan, is-sustanzi bifentrin u metam huma severament ristretti għall-użu bħala pestiċidi billi l-użu taż-żewġ sustanzi huwa pprojbit kważi kompletament minkejja l-fatt li jistgħu jibqgħu jiġu awtorizzati mill-Istati Membri sakemm tittieħed deċiżjoni skont id-Direttiva 98/8/KE. Għalhekk huwa xieraq li s-sustanzi bifentrin u metam jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Minħabba li tressqu applikazzjonijiet ġodda li se jkunu jeħtieġu deċiżjonijiet ġodda dwar l-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, iż-żieda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 ma għandhiex tiġi applikata sakemm jiġu adottati d-deċiżjonijiet il-ġodda dwar l-istatus ta' dawk is-sustanzi kimiċi.

(6) Is-sustanza karbosulfan ma ġietx inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li s-sustanza karbosulfan hija pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u għalhekk għandha tiġi miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Iż-żieda tas-sustanza karbosulfan mal-Parti 2 tal-Anness I ġiet sospiża minħabba

[1] ĠU L 204, 31.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 63, 6.3.2003, p. 27.
[3] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[4] ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1.
[5] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[6] ĠU L 209, 31.7.2006, p. 1.
[7] ĠU L 158, 30.4.2004, p. 7.

applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha ([1]). Minħabba li din l-applikazzjoni l-ġdida ġiet irtirata mill-applikant, ir-raġuni għas-sospensjoni taż-żieda fil-Parti 2 tal-Anness I ma baqgħetx valida. Għalhekk, is-sustanza karbosulfan għandha tiġi miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(7) Is-sustanza trifluralin ma ġietx inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li s-sustanza trifluralin hija pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u għalhekk għandha tiġi miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Iż-żieda tas-sustanza trifluralin mal-Parti 2 tal-Anness I ġiet sospiża minħabba applikazzjoni ġdida għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE mressqa skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008. Din l-applikazzjoni l-ġdida għal darb'oħra rriżultat fid-deċiżjoni li s-sustanza trifluralin ma tiġix inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE bl-effett li s-sustanza trifluralin tibqa' pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u r-raġuni għas-sospensjoni taż-żieda mal-Parti 2 tal-Anness I ma baqgħetx valida. Għalhekk, is-sustanza trifluralin għandha tiġi miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(8) Is-sustanza klortal-dimetil ma ġietx inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, bl-effett li s-sustanza klortal-dimetil hija pprojbita għall-użu fil-pestiċidi u għalhekk għandha tiġi miżjuda mal-listi ta' sustanzi kimiċi li jinsabu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(9) Is-sustanzi kimiċi klordekon, eżabromobifenil, eżaklороċikloeżani, lindan u etere tal-pentabromodifenil se jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li huma pprojbiti għall-esportazzjoni inklużi fil-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Għalhekk, ma għadx hemm il-ħtieġa li dawk is-sustanzi kimiċi jinżammu fil-Partijiet 1 u 2 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament u konsegwentement l-entrati għandhom jitħassru.

(10) Is-sustanzi kimiċi eżabromobifenil, eżaklороċikloeżan (HCH) u lindan diġà huma elenkati fil-Parti 3 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Iż-żieda tagħhom mal-Parti 1 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament għandha għalhekk tkun riflessa fil-Parti 3 tal-Anness I.

(11) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 757/2010 tal-24 ta' Awwissu 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 850/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pollutanti organiċi persistenti fir-rigward tal-Annessi I u III ([2]) jimplimenta deċiżjonijiet meħuda skont il-Konvenzjoni ta' Stokkolma biex il-klordekon, il-pentaklorobenżen, l-eżabromobifenil, l-eżaklороċikloeżani, il-lindan, l-etere tat-tetrabromodifenil, l-etere tal-pentabromodifenil, l-etere tal-eżabromodifenil u l-etere tal-ettabromodifenil jiġu elenkati fil-Parti 1 tal-Anness A tal-Konvenzjoni ta' Stokkolma billi dawk is-sustanzi kimiċi jiġu miżjuda mal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 850/2004. Konsegwentement, dawk is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu miżjuda mal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 1102/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-projbizzjoni tal-merkurju metalliku u ta' ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju u l-ħżin sikur tal-merkurju metalliku ([3]) jipprojbixxi l-esportazzjoni tal-merkurju metalliku u ċerti komposti u taħlitiet tal-merkurju mill-Unjoni Ewropea għal pajjiżi terzi. Konsegwentement, dawk is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu miżjuda mal-lista ta' sustanzi kimiċi li tinsab fil-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008. Barra minn hekk, l-entrata għall-komposti tal-merkurju fil-Parti 1 tal-Anness I għandha tiġi emendata biex tirrifletti l-projbizzjoni tal-esportazzjoni ta' ċerti komposti tal-merkurju u l-istatus attwali tal-komposti tal-merkurju skont id-Direttiva 98/8/KE.

(13) L-Annessi I u V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(14) Sabiex jitħalla biżżejjed żmien għall-Istati Membri u l-industrija biex jieħdu l-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi ddifferita.

(15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 689/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

(2) L-Anness V huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

([2]) ĠU L 223, 25.8.2010, p. 29.

([3]) ĠU L 304, 14.11.2008, p. 75.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 hija emendata kif ġej:

(a) għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Bifentrina | 82657-04-3 | | 2916 20 00 | p(1) | b | |
| Klortal-dimetil + | 1861-32-1 | 217-464-7 | 2917 39 95 | p(1) | b | |
| Difenilammina | 122-39-4 | 204-539-4 | 2921 44 00 | p(1) | b | |
| Metam | 144-54-7<br>137-42-8 | 205-632-2<br>205-239-0 | 2930 20 00 | p(1) | b | |
| Triażossidu | 72459-58-6 | 276-668-4 | 2933 29 90 | p(1) | b | |
| Triflumuron | 64628-44-0 | 264-980-3 | 2924 29 98 | p(1) | b" | |

(b) l-entrata għall-komposti tal-merkurju hija sostitwita b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Komposti tal-merkurju, inklużi komposti tal-merkurju inorganiċi, komposti tal-alkil-merkurju u komposti tal-alkilossialkil u tal-aril merkurju għajr komposti tal-merkurju elenkati fl-Anness V # | 62-38-4, 26545-49-3 u oħrajn | 200-532-5, 247-783-7 u oħrajn | 2852 00 00 | p(1)-p(2) | b-b | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkolari PIC fuq www.pic.int/" |

(c) l-entrata għall-bifenili polibrominati hija sostitwita b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Bifenili po-libromi-nati (PBB) għajr eżabromobifenil # | 13654-09-6, 27858-07-7 u oħrajn | 237-137-2, 248-696-7 u oħrajn | 2903 69 90 | i(1) | sr | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkolari PIC fuq www.pic.int/" |

(d) l-entrata li ġejja tithassar:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Klordekon | 143-50-0 | 205-601-3 | 2914 70 00 | p(2) | sr" | |

(e) l-entrata li ġejja titħassar:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Etere tal-pentabromodi-fenil + | 32534-81-9 | 251-084-2 | 2909 30 31 | i(1) | sr" | |

(f) l-entrata li ġejja titħassar:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "HCH/Eża-kloroċikloeżan (isomeri mħallta) # | 608-73-1 | 210-168-9 | 2903 51 00 | p(1) - p(2) | b - sr | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkolari PIC fuq www.pic.int/" |

(g) l-entrata li ġejja titħassar:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Subkategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) | Pajjiżi li għalihom mhijiex meħtieġa notifika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Lindan (γ-HCH) # | 58-89-9 | 200-401-2 | 2903 51 00 | p(1) - p(2) | b - sr | Jekk jogħġbok irreferi għaċ-ċirkolari PIC fuq www.pic.int/" |

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Kategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) |
|---|---|---|---|---|---|
| "Karbosulfan | 55285-14-8 | 259-565-9 | 2932 99 00 | p | b |
| Klortal-dimetil | 1861-32-1 | 217-464-7 | 2917 39 95 | p | b |
| Trifluralin | 1582-09-8 | 216-428-8 | 2921 43 00 | p | b" |

(b) l-entrata li ġejja titħassar:

| Sustanza kimika | Nru CAS | Nru Einecs | Kodiċi NM | Kategorija (*) | Limitazzjoni tal-użu (**) |
|---|---|---|---|---|---|
| "Etere tal-pentabromodi-fenil | 32534-81-9 | 251-084-2 | 2909 30 31 | i | sr" |

(3) Il-Parti 3 hija emendata kif ġej:

(a) l-entrata għal HCH (isomeri mħallta) hija sostitwita b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Numru(i) CAS rilevanti | Kodiċi HS Sustanza pura | Kodiċi HS Taħlitiet, preparazzjonijiet li jkun fihom is-sustanza | Kategorija |
|---|---|---|---|---|
| "HCH (isome-ri mħallta) (*) | 608-73-1 | 2903.51 | 3808.50 | Pestiċida" |

(b) l-entrata għal-lindan hija sostitwita b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Numru(i) CAS rilevanti | Kodiċi HS Sustanza pura | Kodiċi HS Taħlitiet, preparazzjonijiet li jkun fihom is-sustanza | Kategorija |
|---|---|---|---|---|
| "Lindan (*) | 58-89-9 | 2903.51 | 3808.50 | Pestiċida" |

(c) l-entrata għall-bifenili polibrominati (PBB) hija sostitwita b'dan li ġej:

| Sustanza kimika | Numru(i) CAS rilevanti | Kodiċi HS Sustanza pura | Kodiċi HS Taħlitiet, preparazzjonijiet li jkun fihom is-sustanza | Kategorija |
|---|---|---|---|---|
| "Bifenili polibrominati (PBB) | | | | |
| — (eża-) (*) | 36355-01-8 | — | 3824.82 | Industrijali" |
| — (otta-) | 27858-07-7 | | | |
| — (deka-) | 13654-09-6 | | | |

*ANNESS II*

L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 689/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Parti 1 għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Deskrizzjoni ta' sustanzi kimiċi/oġġett(i) soġġett(i) għal projbizzjoni ta' esportazzjoni | Dettalji addizzjonali, fejn rilevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru KE, Nru CAS, eċċ.) | |
|---|---|---|
| | "Klordekon | Nru KE 205-601-3<br>Nru CAS 143-50-0<br>Kodiċi NM 2914 70 00 |
| | Pentaklorobenżen | Nru KE 210-172-5<br>Nru CAS 608-93-5<br>Kodiċi NM 2903 69 90 |
| | Eżabromobifenil | Nru KE 252-994-2<br>Nru CAS 36355-01-8<br>Kodiċi NM 2903 69 90 |
| | Eżaklороċikloeżani, inkluż il-lindan | Nru KE 200-401-2, 206-270-8, 206-271-3, 210-168-9<br>Nru CAS 58-89-9, 319-84-6, 319-85-7, 608-73-1<br>Kodiċi NM 2903 51 00 |
| | Etere tat-tetrabromodifenil<br>$C_{12}H_6Br_4O$ | Nru KE 254-787-2 u oħrajn<br>Nru CAS 40088-47-9 u oħrajn<br>Kodiċi NM 2909 30 38 |
| | Etere tal-pentabromodifenil<br>$C_{12}H_5Br_5O$ | Nru KE 251-084-2 u oħrajn<br>Nru CAS 32534-81-9 u oħrajn<br>Kodiċi NM 2909 30 31 |
| | Etere tal-eżabromodifenil<br>$C_{12}H_4Br_6O$ | Nru KE 253-058-6<br>Nru CAS 36483-60-0 u oħrajn<br>Kodiċi NM 2909 30 38 |
| | Etere tal-ettabromodifenil<br>$C_{12}H_3Br_7O$ | Nru KE 273-031-2<br>Nru CAS 68928-80-3 u oħrajn<br>Kodiċi NM 2909 30 38" |

(2) Fil-Parti 2 għandhom jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

| Deskrizzjoni ta' sustanzi kimiċi/oġġett(i) soġġett(i) għal projbizzjoni ta' esportazzjoni | Dettalji addizzjonali, fejn rilevanti (eż. isem is-sustanza kimika, Nru KE, Nru CAS, eċċ.) |
|---|---|
| "Merkurju metalliku u taħlitiet ta' merkurju metalliku ma' sustanzi oħra, inklużi ligi ta' merkurju, b'konċentrazzjoni ta' merkurju li tal-anqas tkun ta' 95 % piż skont il-piż | Nru CAS 7439-97-6<br>Kodiċi NM 2805 40 |
| Komposti tal-merkurju għajr komposti esportati għal skopijiet ta' riċerka u żvilupp, skopijiet mediċi jew ta' analiżi. | Mineral taċ-ċinabru, klorur tal-merkurju (I)($Hg_2Cl_2$, Nru CAS 10112-91-1), ossidu tal-merkurju (II)(HgO, Nru CAS 21908-53-2); Kodiċi NM 2852 00 00" |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 215/2011

## tal-1 ta' Marzu 2011

## li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Pecorino Sardo (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Pecorino Sardo", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1263/96 ([3]).

(2) Minħabba li l-emendi konċernati mhumiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi ([4]). Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.
([4]) ĠU C 162, 22.6.2010, p. 7.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.3 Ġobon**

L-ITALJA

Pecorino Sardo (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 216/2011

## tal-1 ta' Marzu 2011

## li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Chianti Classico (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1), u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-prodott tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Chianti Classico", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2400/96 [2] kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2446/2000 [3].

(2) Minħabba li l-emendi konċernati mhumiex minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament imsemmi [4]. Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
[2] ĠU L 327, 18.12.1996, p. 11.
[3] ĠU L 281, 7.11.2000, p. 12.
[4] ĠU C 163, 23.6.2010, p. 16.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żjut, eċċ.)**

L-ITALJA

Chianti Classico (DPO)

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 217/2011

## tal-1 ta' Marzu 2011

## li japprova emendi mhux minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Robiola di Roccaverano (DPO)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tal-imsemmi Regolament, il-Kummissjoni eżaminat it-talba tal-Italja biex jiġu approvati xi emendi fl-elementi tal-ispeċifikazzjoni tad-denominazzjoni protetta tal-oriġini "Robiola di Roccaverano" irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 ([2]), hekk kif ġie emendat mir-Regolament (KE) Nru 1263/96 ([3]).

(2) Peress li l-emendi kkonċernati ma kinux minuri fis-sens tal-Artikolu 9 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emendi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tal-imsemmi regolament. Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 510/2006, l-emendi għandhom jiġu approvati.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-emendi tal-ispeċifikazzjoni ppublikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li jikkonċernaw id-denominazzjoni mniżżla fl-Anness għal dan ir-Regolament huma approvati.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
([2]) ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1.
([3]) ĠU L 163, 2.7.1996, p. 19.
([4]) ĠU C 168, 26.6.2010, p. 10.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli maħsubin għall-konsum mill-bniedem imniżżlin fl-Anness I għat-Trattat:

**Klassi 1.3 Ġobon**

L-ITALJA

Robiola di Roccaverano (DPO)

# REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 218/2011

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-4 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 122,2 |
| | MA | 45,8 |
| | TN | 92,7 |
| | TR | 101,1 |
| | ZZ | 90,5 |
| 0707 00 05 | TR | 164,7 |
| | ZZ | 164,7 |
| 0709 90 70 | MA | 31,6 |
| | TR | 132,7 |
| | ZZ | 82,2 |
| 0805 10 20 | EG | 55,0 |
| | IL | 76,8 |
| | MA | 62,9 |
| | TN | 42,9 |
| | TR | 65,9 |
| | ZA | 37,9 |
| | ZZ | 56,9 |
| 0805 50 10 | MA | 45,9 |
| | TR | 53,6 |
| | ZZ | 49,8 |
| 0808 10 80 | BR | 55,2 |
| | CA | 126,3 |
| | CL | 90,0 |
| | CN | 109,4 |
| | MK | 54,8 |
| | US | 112,1 |
| | ZZ | 91,3 |
| 0808 20 50 | AR | 93,2 |
| | CL | 84,9 |
| | CN | 65,8 |
| | US | 92,6 |
| | ZA | 103,2 |
| | ZZ | 87,9 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 219/2011

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam mal-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2010/11 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 867/2010 ([3]). Dawn il-prezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 199/2011 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skont ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (UE) Nru 867/2010 għas-sena tas-suq 2010/11, huma b'dan mmodifikati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-4 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 259, 1.10.2010, p. 3.
([4]) ĠU L 56, 1.3.2011, p. 12.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mill-4 ta' Marzu 2011**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 59,32 | 0,00 |
| 1701 11 90 (1) | 59,32 | 0,00 |
| 1701 12 10 (1) | 59,32 | 0,00 |
| 1701 12 90 (1) | 59,32 | 0,00 |
| 1701 91 00 (2) | 55,08 | 0,95 |
| 1701 99 10 (2) | 55,08 | 0,00 |
| 1701 99 90 (2) | 55,08 | 0,00 |
| 1702 90 95 (3) | 0,55 | 0,19 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT IMPLIMENTATTIV TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 220/2011

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li jiffissa l-prezz minimu għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għas-sbatax-il stedina individwali għall-offerti fi ħdan il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti miftuħa mir-Regolament (UE) Nru 447/2010

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 43(j), flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 447/2010 [2] fetaħ il-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat permezz ta' proċedura tas-sejħiet għall-offerti, skont il-kundizzjonijiet ipprovduti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1272/2009 tal-11 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 f'dak li għandu x'jaqsam max-xiri u l-bejgħ ta' prodotti agrikoli taħt intervent pubbliku [3].

(2) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għal stediniet individwali għall-offerti, il-Kummissjoni għandha tiffissa prezz minimu tal-bejgħ jew għandha tiddeċidi li ma tiffissax prezz minimu tal-bejgħ, skont l-Artikolu 46(1) tar-Regolament (UE) Nru 1272/2009.

(3) Fid-dawl tal-offerti li waslulhom b'risposta għas-sbatax-il stedina individwali għall-offerti, għandu jiġi ffissat prezz minimu tal-bejgħ.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sbatax-il stedina individwali għall-offerti għall-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat fi ħdan il-proċedura tas-sejħa għall-offerti miftuħa bir-Regolament (UE) Nru 447/2010, li għaliha l-limitu taż-żmien għat-tressiq tal-offerti skada fl-1 ta' Marzu 2011, il-prezz minimu tal-bejgħ tat-trab tal-ħalib xkumat għandu jkun EUR 252,10/100 kg.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-4 ta' Marzu 2011.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni,*
*f'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 126, 22.5.2010, p. 19.
[3] ĠU L 349, 29.12.2009, p. 1.

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/22/UE

**tat-3 ta' Marzu 2011**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż il-bispiribak bħala sustanza attiva**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE l-Italja rċeviet fis-26 ta' Frar 2002 applikazzjoni minn Bayer CropScience għall-inklużjoni tas-sustanza attiva bispiribak (imsejjaħ ukoll sodju bispiribak (sodju benżoat), skont il-forma li fiha s-sustanza attiva tinsab fil-formulazzjoni rappreżentattiva li fuqha l-fajl huwa bbażat) fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/305/KE ([2]) kkonfermat li l-fajl kien 'komplut' fis-sens li seta' jitqies li jissodisfa, fil-prinċipju, ir-rekwiżiti ta' dejta u informazzjoni tal-Annessi II u III mad-Direttiva 91/414/KEE.

(2) Għal dik is-sustanza attiva, l-effetti fuq is-saħħa tal-bniedem u l-ambjent ġew ivvalutati, b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) u (4) tad-Direttiva 91/414/KEE, għall-użi proposti mill-applikant. L-Istat Membru relatur maħtur issottometta abbozz ta' rapport ta' valutazzjoni fl-1 ta' Awwissu 2003.

(3) L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fil-format tal-konklużjoni tal-EFSA dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva bispiribak fit-12 ta' Lulju 2010 ([3]). Dan ir-rapport ġie revedut mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġie ffinalizzat fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-bispiribak.

(4) Minn bosta eżaminazzjonijiet li saru deher li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jinkludu l-bispiribak huma mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) u l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li kienu eżaminati u ddettaljati fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Huwa għalhekk xieraq li l-bispiribak jiġi inkluż fl-Anness I ta' dik id-Direttiva, sabiex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jistgħu jingħataw l-awtorizzazz-
jonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(5) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li tinkiseb iktar informazzjoni ta' konferma dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet. Għalhekk, huwa xieraq li applikant jintalab jissottometti aktar informazzjoni biex jikkonferma l-valutazzjoni tar-riskju dwar il-potenzjal għall-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti M03 ([4]), M04 ([5]) u M10 ([6]).

(6) Bla ħsara għall-obbligi definiti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni sabiex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet provviżorji eżistenti tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li jinkludu l-bispiribak sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti stabbiliti mid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet relevanti stabbiliti fl-Anness I, jiġu sodisfati. L-Istati Membri għandhom ibiddlu l-awtorizzazzjonijiet provviżorji eżistenti f'awtorizzazzjonijiet sħaħ, jemendawhom jew jirtirawhom b'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. Permezz ta' deroga mill-iskadenza ta' hawn fuq, għandu jingħata perjodu itwal għall-preżentazzjoni u l-valutazzjoni tal-fajl komplut tal-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 112, 6.5.2003, p. 10.
([3]) EFSA Journal (2010) 8(1): 1692, (Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi tas-sustanza attiva bispiribak (sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor id-dejta kollha evalwata tirreferi għall-varjant sodju bispiribak)). doi:10.2903/j.efsa.2010.1692. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu.
([4]) 2-idrossi-4,6-dimetossipirimidina
([5]) 2,4-diidrossi-6-metossipirimidina
([6]) sodju 2-idrossi-6-(4-idrossi-6-metossipirimidina-2-il)ossibenżoat

(7) Huwa għalhekk xieraq li d-Diretttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri pprovduti f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE huwa emendat kif stipulat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw l-aktar tard sal-31 ta' Jannar 2012 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Frar 2012.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri għandhom b'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE, fejn hu neċessarju, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom il-bispiribak bħala sustanza attiva sal-31 ta' Jannar 2012. Sa din id-data, huma għandhom jivverifikaw b'mod partikolari li l-kundizzjonijiet fl-Anness I ta' din id-Direttiva relatati mal-bispiribak jiġu sodisfati, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li tikkonċerna s-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu, jew għandu aċċess għal, fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13(2) ta' dik id-Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-bispiribak bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2011, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jevalwaw il-prodott skont il-prinċipji uniformi stipulati fl-Anness VI għad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III għal dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I għal dik id-Direttiva li tikkonċerna l-bispiribak. Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li dan jiġi ddeterminat l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-bispiribak bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2013; jew

(b) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-bispiribak bħala wieħed minn numru ta' sustanzi attivi, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni, fejn meħtieġ, sal-31 ta' Jannar 2013 jew sad-data ffissata għal din l-emenda jew dan l-irtirar fid-Direttiva jew id-Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, liema minnhom tkun l-aħħar.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2011.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fl-Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE, l-annotazzjoni li ġejja hija miżjuda fi tmiem it-tabella:

| Nru | Isem komuni, Numri ta' identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità (*) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "329 | Bispiribak<br>Nru tal-CAS 125401-75-4<br>Nru ta' CIPAC 748 | 2,6-bis(4,6-dimetossipirimidina-2-ilossi)aċidu benżojku | ≥ 930 g/kg (b'referenza għalih bħala sodju bispiribak) | l-1 ta' Awwissu 2011 | il-31 ta' Lulju 2021 | PARTI A<br>L-użu bħala erbiċida fir-ross biss jista' jiġi awtorizzat.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bispiribak, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011.<br>F'din il-valutazzjoni globali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħarsien tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli.<br>Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju fejn ikun xieraq.<br>L-Istati Membri ikkonċernati għandhom jitolbu s-sottomissjoni ta' aktar informazzjoni fir-rigward tal-possibilità tal-kontaminazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art mill-metaboliti M03 (2-idrossi-4,6-dimetossipirimidina), M04(2,4-diidrossi-6-metossipirimidina) u M10 (sodju 2-idrossi-6-(4-idrossi-6-metossipirimidina-2-il)ossibenżoat).<br>Għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi din l-informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Lulju 2013." |

(*) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni ta' sustanzi attivi huma pprovduti fir-rapport ta' reviżjoni.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/23/UE

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE għall-inklużjoni tat-triflumuron bħala sustanza attiva

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 1490/2002 [3] jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bil-ħsieb tal-possibilità li jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista kienet tinkludi t-triflumuron. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/241/KE [4] ġie deċiż li t-triflumuron ma jiġix inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(2) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn 'il quddiem 'l-applikant'), ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata prevista fl-Artikoli minn 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [5].

(3) L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Italja, li kienet inħatret bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess bħal dawk li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni 2009/241/KE. Dik l-applikazzjoni tikkonforma wkoll mal-bqija tar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(4) L-Italja vvalutat l-informazzjoni l-ġdida u d-dejta mressqa mill-applikant u ħejjiet rapport addizzjonali. Bagħtet dan ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem 'l-Awtorità') u lill-Kummissjoni fil-5 ta' Marzu 2010.

(5) L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant għal kummenti u bagħtet il-kummenti li waslulha lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008, u fuq talba tal-Kummissjoni, ir-rapport addizzjonali saritlu reviżjoni *inter pares* mill-Istati Membri u l-Awtorità. L-Awtorità mbagħad ippreżentat il-konklużjoni tagħha dwar it-triflumuron lill-Kummissjoni fid-9 ta' Diċembru 2010 [6]. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew irriveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġew iffinalizzati fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għat-triflumuron.

(6) Ir-rapport addizzjonali mill-Istat Membru relatur u l-konklużjoni l-ġdida mill-Awtorità jikkonċentraw fuq it-tħassib li jwassal għan-noninklużjoni. Dan it-tħassib kien, b'mod partikolari li, skont l-informazzjoni disponibbli, ma ntweriex li l-espożizzjoni għall-konsumatur kienet aċċettabbli minħabba nuqqas ta' dejta skont in-natura u l-livell tar-residwi rilevanti. Fil-fatt, ma kienx possibbli li ssir valutazzjoni tar-riskju fid-dettall għall-metabolit M07 [7], minħabba li ma kienx hemm dejta suffiċjenti biex tiġi allokata doża ta' referenza fid-dettall għal dan il-metabolit. Barra minn hekk, kien hemm dejta nieqsa biex tkun iddeterminata definizzjoni tar-residwi xierqa u jkun stmat il-livell ta' residwi fi prodotti ta' frott ipproċessat.

(7) L-informazzjoni l-ġdida li tressqet mill-applikant ippermettiet valutazzjoni tal-espożizzjoni mill-konsumatur. L-informazzjoni disponibbli attwalment tindika li r-riskju lill-konsumatur huwa aċċettabbli.

(8) Għaldaqstant, id-dejta u l-informazzjoni addizzjonali pprovduti mill-applikant jippermettu li jiġu eliminati l-punti speċifiċi ta' tħassib li wasslu għan-noninklużjoni. Ma tqajmet l-ebda mistoqsija xjentifika miftuħa oħra.

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
[3] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
[4] ĠU L 71, 17.3.2009, p. 59.
[5] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

[6] *L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel: Konklużjoni dwar ir-reviżjoni* inter pares *tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċida tas-sustanza attiva triflumuron* Ġurnal tal-EFSA 2011; 9(1):1941. [81 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1941. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm.
[7] 4-trifluworo-metossiannilina

(9) Mill-bosta eżamijiet li saru ħareġ li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom it-triflumuron jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u rrapportati fid-detall fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, jixraq li t-triflumuron jiġi inkluż fl-Anness I, biex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

(10) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li tinkiseb aktar informazzjoni li tikkonferma ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tkun soġġetta għal kundizzjonijiet. Għalhekk, huwa xieraq li l-applikant jintalab iressaq informazzjoni li tikkonferma fir-rigward tar-riskju fuq żmien twil għall-għasafar, ir-riskju għall-invertebrati akkwatiċi u r-riskju għall-iżvilupp tal-larvae tan-naħal.

(11) Għalhekk jixraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE għandu jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2011. Huma għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2011.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

## ANNESS

It-tabella li ġejja għandha tiġi miżjuda fl-aħħar tat-tabella tal-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE:

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità ([1]) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| '328 | Triflumuron<br><br>Nru tal-CAS: 64628-44-0<br><br>Nru CIPAC: 548 | 1-(2-klorobenżoil)-3-[4-trifluworometossifenil]urea | ≥ 955 g/kg<br><br>Impuritajiet:<br><br>— *N,N'*-bis-[4-(trifluworometossi)fenil]urea: mhux aktar minn 1 g/kg<br><br>— 4-trifluworo-metossiannilina: mhux aktar minn 5 g/kg | fl-1 ta' April 2011. | fil-31 ta' Marzu 2021. | PARTI A<br><br>Jista' jiġi awtorizzat biss l-użu bħala insettiċida.<br><br>PARTI B<br><br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar it-triflumuron u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011.<br><br>F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej:<br><br>— il-protezzjoni tal-ambjent akkwatiku;<br><br>— il-protezzjoni tan-naħal tal-għasel. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.<br><br>Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri tal-mitigazzjoni tar-riskju, fejn xieraq.<br><br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant iressaq lill-Kummissjoni informazzjoni li tikkonferma fir-rigward tar-riskju fuq żmien twil għall-għasafar, ir-riskju għall-invertebrati akkwatiċi u r-riskju għall-iżvilupp tal-larvae tan-naħal.<br><br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant iressaq tali informazzjoni lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2013.' |

([1]) Aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva jinsabu fir-rapport ta' reviżjoni.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/25/UE

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex jiġi inkluż il-bupirimat bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 [2] u (KE) Nru 1490/2002 [3] jistipulaw regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista kienet tinkludi l-bupirimat.

(2) Skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002, in-notifikant irtira s-sostenn tiegħu għall-inklużjoni ta' dik is-sustanza attiva fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi [4] kienet adottata għan-noninklużjoni tal-bupirimat.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn 'il quddiem "l-applikant") ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata prevista fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha [5].

(4) L-applikazzjoni tressqet lill-Pajjiżi l-Baxxi, li kienu nħatru bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess bħal dawk li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/934/KE. Dik l-applikazzjoni hija konformi wkoll mal-bqija tar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(5) Il-Pajjiżi l-Baxxi vvalutaw id-dejta addizzjonali mressqa mill-applikant u ppreparaw rapport addizzjonali. Bagħtu dan ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fis-26 ta' Novembru 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant għall-kummenti u bagħtet il-kummenti li kienu waslulha lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 u fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha dwar il-bupirimat lill-Kummissjoni fl-20 ta' Settembru 2010 [6]. L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali u ġew iffinalizzati fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-bupirimat.

(6) Mid-diversi eżamijiet li saru, jidher li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-bupirimat jistgħu jkunu mistennija li jissodisfaw, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li l-bupirimat jiġi inkluż fl-Anness I biex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva skont id-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva.

---

[1] ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.

[2] ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.

[3] ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.

[4] ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.

[5] ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.

[6] L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel;.Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance bupirimate. *EFSA Journal* 2010; 8(10):1786. [82pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1786. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu

(7) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KE jistipula li l-inklużjoni ta' sustanza fl-Anness I tista' tkun suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet. Għalhekk, huwa xieraq li l-applikant jintalab li jibgħat iktar tagħrif biex jikkonferma d-degradazzjoni tal-ħamrija, il-parametri kinetiċi u l-parametru tal-assorbiment u tad-deassorbiment għall-metabolit prinċipali tal-ħamrija, id-De-etil-bupirimat (DE-B).

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreparaw irwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li se jirriżultaw mill-inklużjoni.

(9) Bla ħsara għall-obbligi definiti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-bupirimat sabiex jiżguraw li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, ikunu ssodisfati. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, ibiddlu jew jirtiraw, skont kif ikun meħtieġ, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza msemmija hawn fuq, għandu jiġi pprovdut perjodu itwal għas-sottomissjoni u l-valutazzjoni tal-fajl komplut tal-Anness III għal kull prodott għall-protezzjoni tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.

(10) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li jittratta dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), uriet li jistgħu jinħolqu diffikultajiet mill-interpretar tal-obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, sabiex jiġu evitati iktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li l-obbligi tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment l-obbligu li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi l-ebda obbligu ġdid fuq l-Istati Membri jew id-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet, meta mqabbla mad-direttivi li ġew adottati s'issa li jemendaw l-Anness I.

(11) Għaldaqstant, huwa xieraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(12) Id-Deċiżjoni 2008/934/KE tistipula n-noninklużjoni tal-bupirimat u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dik is-sustanza sal-31 ta' Diċembru 2011. Hemm bżonn li titħassar il-linja li tikkonċerna l-bupirimat fl-Anness ma' dik id-Deċiżjoni.

(13) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2008/934/KE tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-linja li tikkonċerna l-bupirimat fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/934/KE għandha titħassar.

*Artikolu 3*

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011. Huma għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom, skont id-Direttiva 91/414/KEE u fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw awtorizzazzjonijiet eżistenti għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-bupirimat bħala sustanza attiva sat-30 ta' Novembru 2011.

Sa dik id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva li jikkonċernaw il-bupirimat huma ssodisfati, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu f'idejh jew ikollu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ma' dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

([1]) ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-protezzjoni tal-pjanti li fih il-bupirimat bħala l-unika sustanza attiva jew inkella bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li lkoll kienu elenkati fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-prodott skont il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI mad-Direttiva 91/414/KEE, fuq il-bażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ma' dik id-Direttiva u bil-kunsiderazzjoni tal-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ma' dik id-Direttiva li tikkonċerna l-bupirimat. Fuq il-bażi ta' dik il-valutazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li dan jiġi ddeterminat, l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih il-bupirimat bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li fih il-bupirimat bħala waħda minn bosta sustanzi attivi, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Mejju 2015 jew sad-data ffissata għal emenda jew irtirar ta' dan it-tip fid-Direttiva jew Direttivi rispettiva/rispettivi li żiedet/żiedu s-sustanza jew is-sustanzi rilevanti fl-Anness I mad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema waħda tkun l-aktar reċenti.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fi tmiem it-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE:

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità ([1]) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "337 | Bupirimat<br>Nru tal-CAS: *41483-43-6*<br>Nru tas-CIPAC: 261 | 5-butil-2-etilammino-6-metilpirimidin-4-il dimetilsulfamat | ≥ 945 g/kg<br>Impuritajiet:<br>Etirimol: massimu ta' 2 g/kg<br>Toluwen: massimu ta' 3 g/kg | fl-1 ta' Ġunju 2011. | Il-31 ta' Mejju 2021 | PARTI A<br>L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-bupirimat, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzat fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali l-Istati Membri għandhom joqogħdu partikolarment attenti għal dan li ġej:<br>— il-protezzjoni ta' organiżmi akkwatiċi. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju, fejn ikun meħtieġ.<br>— il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art, meta s-sustanza attiva tiġi applikata f'reġjuni b'ħamrija u/jew kundizzjonijiet klimatiċi vulnerabbli. Il-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għandhom jinkludu miżuri li jnaqqsu r-riskju fejn ikun xieraq.<br>— ir-riskju fl-għalqa għall-artropodi mhux fil-mira.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward:<br>(1) l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment, permezz ta' dejta analitika xierqa. l-inklużjoni ta' tagħrif dwar ir-rilevanza tal-impuritajiet,<br>(2) l-ekwivalenza bejn l-ispeċifikazzjonijiet tal-materjal tekniku; kif immanifatturat kummerċjalment, u dawk tal-materjal tat-test użat fil-fajls dwar it-tossiċità,<br>(3) il-parametri kinetiċi, id-degradazzjoni tal-ħamrija u l-parametru tal-assorbiment u d-deassorbiment għall-metabolit prinċipali tal-ħamrija, id-DE-B (De-etil-bupirimat). |

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità (1) | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jissottometti dejta u tagħrif ta' konferma bħal dawn lill-Kummissjoni hekk kif inhu stipulat fil-punt (1) u (2) sat-30 ta' Novembru 2011 u t-tagħrif stabbilit fil-punt (3) sal-31 ta' Mejju 2013." |

(1) Jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport ta' reviżjoni.

# DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2011/26/UE

## tat-3 ta’ Marzu 2011

## li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE biex tinkludi d-dietofenkarb bħala sustanza attiva u li temenda d-Deċiżjoni 2008/934/KE

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta’ Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 451/2000 ([2]) u (KE) Nru 1490/2002 ([3]) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tat-tielet stadju tal-programm ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta’ sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan tal-inklużjoni possibbli tagħhom fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista kienet tinkludi d-dietofenkarb.

(2) Skont l-Artikolu 11e tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002, in-notifikatur irtira l-appoġġ tiegħu għall-inklużjoni ta’ din is-sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport tal-valutazzjoni. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/934/KE tal-5 ta’ Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta’ ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta’ awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi ([4]) ġiet adottata għan-noninklużjoni tad-dietofenkarb.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn ’il quddiem “l-applikant”) ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata prevista fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta’ Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta’ proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta’ sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta’ ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta’ dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha ([5]).

(4) L-applikazzjoni tressqet lil Franza, li kienet inħatret bħala Stat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 1490/2002. Il-perjodu ta’ żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rrispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess bħal dawk li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/934/KE. Dik l-applikazzjoni hija konformi wkoll mar-rekwiżiti proċedurali u sostanzjali l-oħra tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(5) Franza vvalutat id-dejta addizzjonali mibgħuta mill-applikant u ħejjiet rapport addizzjonali. Bagħtet dan ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn ’il quddiem “l-Awtorità”) u lill-Kummissjoni fil-21 ta’ Diċembru 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant għall-kummenti u bagħtet il-kummenti li kienu waslulha lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 u fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha dwar id-dietofenkarb lill-Kummissjoni fis-7 ta’ Settembru 2010 ([6]). L-abbozz tar-rapport ta’ valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u ġew iffinalizzati fit-28 ta’ Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta’ reviżjoni tal-Kummissjoni għad-dietofenkarb.

(6) Ħareġ ċar minn diversi eżamijiet li saru li l-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom id-dietofenkarb huma mistennija jissodisfaw, b’mod ġenerali, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) (a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b’mod partikolari fir-rigward tal-użi li ġew eżaminati u mniżżla fid-dettall fir-rapport ta’ reviżjoni tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li d-dietofenkarb jiġi inkluż fl-Anness I biex jiġi żgurat li fl-Istati Membri kollha jkunu jistgħu jingħataw l-awtorizzazzjonijiet tal-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza attiva skont id-dispożizzjonijiet ta’ dik id-Direttiva.

(7) Bla ħsara għal dik il-konklużjoni, huwa xieraq li jinkiseb aktar tagħrif dwar ċerti punti speċifiċi. L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 91/414/KEE jistipula li l-inklużjoni ta’ sustanza fl-Anness I tista’ tkun suġġetta għal xi kundizzjonijiet. Għalhekk jixraq li l-applikant jintalab aktar tagħrif li jikkonferma l-potenzjal tal-assorbiment tal-metabolit 6-$NO_2$-DFC minn uċuħ sussegwenti u l-valutazzjoni tar-riskju għal speċji artropodi li mhumiex fil-mira.

(8) Għandu jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli qabel ma sustanza attiva tiġi inkluża fl-Anness I sabiex l-Istati Membri u l-partijiet interessati jkunu jistgħu jippreparaw irwieħhom biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-inklużjoni.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 55, 29.2.2000, p. 25.
([3]) ĠU L 224, 21.8.2002, p. 23.
([4]) ĠU L 333, 11.12.2008, p. 11.
([5]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.
([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance diethofencarb (Konklużjoni dwar ir-reviżjoni inter-pares tal-valutazzjoni tar-riskju tas-sustanza attiva dietofenkarb). *EFSA Journal* 2010;8(9):1721. [55 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1721. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

(9) Bla ħsara għall-obbligi ddefiniti mid-Direttiva 91/414/KEE bħala konsegwenza tal-inklużjoni ta' sustanza attiva fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jingħataw perjodu ta' sitt xhur wara l-inklużjoni biex jirrevedu l-awtorizzazzjonijiet eżistenti ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom id-dietofenkarb biex jiżguraw li r-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari fl-Artikolu 13 tagħha u l-kundizzjonijiet rilevanti stipulati fl-Anness I, jiġu ssodisfatti. L-Istati Membri għandhom ivarjaw, jissostitwixxu jew jirtiraw, skont kif ikun meħtieġ, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti, skont id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/414/KEE. B'deroga mill-iskadenza msemmija hawn fuq, għandu jingħata perjodu itwal għas-sottomissjoni u l-valutazzjoni tal-fajl sħiħ tal-Anness III ta' kull prodott għall-ħarsien tal-pjanti għal kull użu maħsub skont il-prinċipji uniformi stabbiliti fid-Direttiva 91/414/KEE.

(10) L-esperjenza miksuba minn inklużjonijiet preċedenti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE ta' sustanzi attivi vvalutati fil-qafas tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru 1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-ewwel stadju tal-programm ta' xogħol imsemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [1], uriet li jistgħu jinħolqu d-diffikultajiet fl-interpretazzjoni tal-obbligi tad-detenturi tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti b'rabta mal-aċċess għad-dejta. Għalhekk, biex jiġu evitati aktar diffikultajiet, jidher li huwa meħtieġ li l-obbligi tal-Istati Membri jiġu ċċarati, speċjalment l-obbligu li jivverifikaw li d-detentur ta' awtorizzazzjoni juri li għandu aċċess għal fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva. Madankollu, din il-kjarifika ma timponi ebda obbligu ġdid fuq l-Istati Membri jew fuq id-detenturi ta' awtorizzazzjonijiet, meta mqabbla mad-Direttivi li jemendaw l-Anness I li ġew adottati sa issa.

(11) Għalhekk jixraq li d-Direttiva 91/414/KEE tiġi emendata skont dan.

(12) Id-Deċiżjoni 2008/934/KE tistipula n-noninklużjoni tad-dietofenkarb u l-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti tal-ħarsien tal-pjanti li fihom din is-sustanza sal-31 ta' Diċembru 2011. Jeħtieġ li titħassar il-linja dwar id-dietofenkarb fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(13) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2008/934/KE tiġi emendata skont dan.

(14) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jiġi emendat kif stipulat fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

Il-linja dwar id-dietofenkarb fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/934/KE għandha titħassar.

*Artikolu 3*

Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011 l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet, kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Diċembru 2011.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza ta' din ix-xorta fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom, b'konformità mad-Direttiva 91/414/KEE jemendaw jew jirtiraw fejn meħtieġ, l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom id-dietofenkarb bħala sustanza attiva sat-30 ta' Novembru 2011.

Sa dik id-data huma għandhom b'mod partikolari jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fl-Anness I tad-Direttiva li jikkonċernaw id-dietofenkarb, bl-eċċezzjoni ta' dawk identifikati fil-parti B tal-annotazzjoni li tikkonċerna dik is-sustanza attiva, u li d-detentur tal-awtorizzazzjoni jkollu f'idejh jew li jkollu aċċess għall-fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness II ta' dik id-Direttiva skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 13 ta' dik id-Direttiva.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, għal kull prodott awtorizzat għall-ħarsien tal-pjanti li fih id-dietofenkarb bħala l-unika sustanza attiva jew bħala waħda minn bosta sustanzi attivi li jkunu lkoll elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2011, l-Istati Membri għandhom jevalwaw mill-ġdid il-prodott skont il-prinċipji uniformi previsti fl-Anness VI tad-Direttiva 91/414/KEE, abbażi ta' fajl li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness III ta' dik id-Direttiva u billi titqies il-parti B tal-annotazzjoni fl-Anness I ta' dik id-Direttiva li tikkonċerna d-dietofenkarb. Fuq il-bażi ta' din il-valutazzjoni, huma għandhom jistabbilixxu jekk il-prodott jissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(b), (c), (d) u (e) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Wara li ssir din id-determinazzjoni l-Istati Membri għandhom:

(a) fil-każ ta' prodott li jkun fih id-dietofenkarb bħala l-unika sustanza attiva, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2015; jew

(b) fil-każ ta' prodott li fih id-dietofenkarb bħala waħda minn bosta sustanzi attivi, fejn meħtieġ, jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Mejju 2015 jew sad-data ffissata għal emenda jew irtirar ta' din ix-xorta fid-Direttiva jew id-Direttivi rispettivi li żiedu s-sustanza jew is-sustanzi relevanti fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE, skont liema tkun l-aktar reċenti.

[1] ĠU L 366, 15.12.1992, p. 10.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2011.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiġi inkluża fi tmiem it-tabella fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE:

| Nru | Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni | Isem tal-IUPAC | Purità [1] | Dħul fis-seħħ | Skadenza tal-inklużjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| '331 | Dietofenkarb<br>Nru tal-CAS: *87130-20-9*<br>Nru CIPAC: 513 | *isopropil 3,4-dietossikarbanilat* | ≥ 970 g/kg<br>Impuritajiet:<br>Toluwen: mhux aktar minn 1 g/kg | L-1 ta' Ġunju 2011 | Il-31 ta' Mejju 2021 | PARTI A<br>L-użi bħala fungiċida biss jistgħu jiġu awtorizzati.<br>PARTI B<br>Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi tal-Anness VI, il-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar id-dietofen-karb, u b'mod partikolari l-Appendiċi I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fit-28 ta' Jannar 2011 għandhom jiġu kkunsidrati.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu każ partikolari tar-riskji lill-organiżmi akkwatiċi u lill-artropodi li mhumiex fil-mira, u għandhom jiżguraw li l-kundizzjonijiet tal-użu jinkludu l-applikazzjoni ta' miżuri li jtaffu r-riskji.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jitolbu li jitressaq tagħrif ta' konferma rigward:<br>(a) il-potenzjal tal-assorbiment tal-metabolit 6-$NO_2$-DFC minn uċuħ sussegwenti;<br>(b) il-valutazzjoni tar-riskju għall-ispeċi artropodi li mhumiex fil-mira.<br>L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiżguraw li l-applikant jipprovdi dan it-tagħrif lill-Kummissjoni sal-31 ta' Mejju 2013.' |

[1] Jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport ta' reviżjoni.

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tat-28 ta’ Frar 2011**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/248/UE li taġġusta l-allowances previsti fid-Deċiżjoni 2003/479/KE u d-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali u persunal militari ssekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill**

(2011/138/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 240(2) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(7) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/479/KE [1] u l-Artikolu 15(6) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/829/KE [2] jipprovdu li l-konċessjonijiet ta’ kuljum u ta’ kull xahar tal-esperti nazzjonali u tal-persunal militari sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiġu aġġustati kull sena mingħajr effett retroattiv fuq il-bażi tal-adattament tas-salarji bażiċi ta’ uffiċjali tal-Unjoni fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/248/UE [3] applikat ir-rati stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1296/2009 tat-23 ta’ Diċembru 2009 li jaġġusta b’effett mill-1 ta’ Lulju 2009 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll il-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom [4], b’effett mill-1 ta’ Mejju 2010.

(3) Permezz tas-sentenza datata 24 ta’ Novembru 2010 fil-Kawża C-40/10, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat l-Artikolu 2 u l-Artikoli 4 sa 18 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1296/2009 li ffissaw ir-rata ta’ adattament annwali għall-2009 għal +1,85 %. Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1190/2010 [5], emenda r-Regolament (UE, Euratom) Nru 1296/2009, u ffissa r-rata għall-adattament annwali għall-2009 għal +3,7 %.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/248/UE għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2010/248/UE hija b’dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1(1) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“1. Fl-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u l-Artikolu 15(1) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE, l-ammonti EUR 30,75 u EUR 122,97 għandhom jinbidlu b’EUR 31,89 u EUR 127,52 rispettivament.”.

(2) L-Artikolu 1(2) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“2. Fl-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE u fl-Artikolu 15(2) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE t-tabella għandha tinbidel b’dan li ġej:

| ‘Distanza bejn il-post ta’ oriġini u l-post tal-issekondar (f’km) | Ammont f’EUR |
|---|---|
| 0 - 150 | 0,00 |
| > 150 | 81,96 |
| > 300 | 145,72 |
| > 500 | 236,81 |
| > 800 | 382,54 |
| > 1 300 | 601,13 |
| > 2 000 | 719,55’ ”; |

(3) L-Artikolu 1(3) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“3. Fl-Artikolu 15(4) tad-Deċiżjoni 2003/479/KE l-ammont EUR 30,75 għandu jinbidel b’EUR 31,89.”.

[1] ĠU L 160, 28.6.2003, p. 72.
[2] ĠU L 327, 13.12.2007, p. 10.
[3] ĠU L 110, 1.5.2010, p. 31.
[4] ĠU L 348, 29.12.2009, p. 10.
[5] ĠU L 333, 17.12.2010, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hi għandha tapplika mill-1 ta' Mejju 2010.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

FELLEGI T.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-28 ta' Frar 2011

## li taġġusta l-allowances previsti fid-Deċiżjoni 2007/829/KE dwar ir-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali u għall-persunal militari sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

(2011/139/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 41(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 240(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/829/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 15(6) tad-Deċiżjoni 2007/829/KE jipprovdi li l-allowances ta' kuljum u ta' kull xahar tal-esperti nazzjonali u tal-persunal militari sekondati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jiġu aġġustati kull sena mingħajr effett retroattiv fuq il-bażi tal-adattament tas-salarji bażiċi ta' uffiċjali tal-Unjoni fi Brussell u l-Lussemburgu.

(2) Il-Kunsill, permezz tar-Regolament (UE) Nru 1239/2010 tal-20 ta' Diċembru 2010 li jaġġusta b'effett mill-1 ta' Lulju 2010 ir-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali u l-aġenti l-oħra tal-Unjoni u l-koeffiċjenti korrettivi applikati għalihom [2], adotta aġġustament ta' 0,1 % għar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2007/829/KE hija b'dan emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 15(1), l-ammonti EUR 31,89 u EUR 127,52 rispettivament għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"EUR 31,92 u EUR 127,65".

2. It-tabella fl-Artikolu 15(2) għandha tinbidel b'din li ġejja:

| "Distanza bejn il-post tal-oriġini u l-post tal-issekondar (f'km) | Ammont f'EUR |
|---|---|
| 0-150 | 0,00 |
| > 150 | 82,05 |
| > 300 | 145,86 |
| > 500 | 237,05 |
| > 800 | 382,92 |
| > 1 300 | 601,73 |
| > 2 000 | 720,27" |

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar ta' wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2011.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

FELLEGI T.

[1] ĠU L 327, 13.12.2007, p. 10.
[2] ĠU L 338, 22.12.2010, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-20 ta' Lulju 2010

## dwar l-għajnuna mill-Istat C 27/09 (ex N 34/B/09) Sussidju baġitarju għal France Télévisions li r-Repubblika Franċiża għandha l-ħsieb li timplimenta favur France Télévisions

*(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4918)*

**(It-test bil-Franċiż biss hu awtentiku)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/140/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 62(1)(a) tiegħu,

wara li sejħet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom skont dawk l-Artikoli [1] u wara li rat dawn il-kummenti,

billi:

### I. PROĊEDURA

(1) Bl'ittra tat-23 ta' Jannar 2009, ir-Repubblika Franċiża nnotifikat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha li tagħmel allokazzjoni baġitarja ta' EUR 450 miljun li diġà kienet imniżżla fil-liġi tal-finanzi favur France Télévisions għas-sena 2009. Fit-13 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni talbitha informazzjoni addizzjonali, li r-Repubblika Franċiża pprovdiet fil-25 ta' Mejju 2009. f'dik l-ittra, ir-Repubblika Franċiża estendiet is-suġġett tan-notifika billi espremiet l-intenzjoni tagħha li tistabbilixxi mekkaniżmu permanenti u pluriannwali ta' finanzjament pubbliku għal France Télévisions, li parti minnu tikkonsisti f'sussidju annwali.

(2) Bl'ittra tal-1 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni, minn naħa waħda, ikkunsidrat li s-sussidju baġitarju vvutat għas-sena 2009 kien kumpatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem it-"TFUE") u, min-naħa l-oħra, infurmat lir-Repubblika Franċiża bid-deċiżjoni tagħha li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) tat-TFUE fir-rigward tal-mekkaniżmu ġdid ta' finanzjament pubbliku għal France Télévisions għas-snin li ġejjin.

(3) Ir-Repubblika Franċiża ppreżentat il-kummenti tagħha fis-7 ta' Ottubru 2009.

(4) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ il-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2]. Il-Kummissjoni sejħet lill-partijiet interessati biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom dwar l-għajnuna inkwistjoni.

(5) Il-Kummissjoni rċeviet osservazzjonijiet dwar dan is-suġġett mingħand il-partijiet interessati. Hija bagħtithom lir-Repubblika Franċiża, waqt li tatha l-possibbiltà li tikkummenta dwarhom, u rċeviet il-kummenti tagħha b'ittra tal-15 ta' Jannar 2010.

(6) Fit-23 ta' April, id-19 ta' Mejju u t-22 ta' Ġunju 2010, ir-Repubblika Franċiża bagħtet lill-Kummissjoni kjarifiki jew informazzjoni addizzjonali.

### II. DESKRIZZJONI DETTALJATA TAL-MEKKANIŻMU TA' FINANZJAMENT

(7) Il-mekkaniżmu ta' finanzjament pluriannwali li huwa s-suġġett ta' din id-deċiżjoni jinsab fil-kuntest ta' finanzjament tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions li l-Kummissjoni eżaminat fid-deċiżjonijiet tagħha tal-10 ta' Diċembru 2003 [3], tal-20 ta' April 2005 [4], tas-16 ta' Lulju 2008 [5] u tal-1 ta' Settembru 2009 [6]. Dan madankollu jikkostitwixxi miżura distinta minn dawk li kienu s-suġġett tad-deċiżjonijiet tal-2003, 2005 u 2008. b'mod aktar partikolari, is-sussidji baġitarji deskritti f'aktar dettall iktar 'il quddiem, jirrigwardaw ir-riżorsi pubbliċi allokati lil France Télévisions fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni għas-servizz pubbliku awdjoviżiv, li qabel kienet tissejjaħ liċenzja, li kienet is-suġġett tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2005 u li, bħala għajnuna eżistenti, mhijiex immodifikata mid-dispożizzjonijiet il-ġodda. Dawn iż-żewġ riżorsi pubbliċi għandhom ikopru l-ispiża tal-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions, imnaqqsa mid-dħul kummerjali nett li jifdal.

#### II.1. Bażijiet ġuridiċi prinċipali

(8) Id-dispożizzjonijiet prinċipali tal-mekkaniżmu ġdid ta' finanzjament pubbliku jinsabu fil-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 dwar il-komunikazzjoni awdjoviżiva u s-servizz pubbliku ġdid tat-televiżjoni (*loi no 2009-258 du 5 mars 2009 relative à lacommunication audiovisuelle et au nouveau service public de la télévision*). L-għajnuna

(1) ĠU C 237 2.10.2009, p. 9.

(2) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna nru 1.

(3) Deċiżjoni 2004/838/KE (ĠU L 361, 8.12.2004, p. 21-39).

(4) Deċiżjoni C(2005) 1166 finali (ĠU C 235 30.9.2005).

(5) Deċiżjoni C(2008) 3506 finali (ĠU C 242 23.9.2008).

(6) Deċiżjoni 2009/C 237/06 (ĠU C 237 2.10.2009, p. 9).

nnotifikata taghmel parti minn riforma aktar wiesgħa tal-istrutturi u l-missjonijiet ta' interess ekonomiku ġenerali tas-servizz pubbliku awdjoviżiv previst mil-liġi. Il-liġi b'hekk temenda dispożizzjonijiet leġiżlattivi li jirregolaw il-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions u, b'mod aktar partikolari, il-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà ta' komunikazzjoni (*loi no 86-1067 du 30 septembre 1986 relative à la liberté de communication*). Dawn il-missjonijiet huma spjegati f'aktar dettall fl-ispeċifikazzjonijiet u fil-kuntratt dwar l-objettivi u l-mezzi ta' France Télévisions, li huma approvati minn testi regolamentari adottati għall-applikazzjoni tal-liġi dwar il-libertà ta' komunikazzjoni. Il-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 tinkludi wkoll dispożizzjonijiet finanzjarji li jemendaw il-kodiċi tat-taxxa, minn naħa waħda, u li jistabbilixxu l-prinċipju ta' allokazzjoni baġitarja mniżżla fil-liġi dwar il-finanzi għal France Télévisions, min-naħa l-oħra.

### II.2. **L-attivitajiet u l-finanzjament tal-benefiċjarja: France Télévisions**

(9) France Télévisions hija société anonyme maħluqa skont l-Artikolu 44-I tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà tal-komunikazzjoni. Din il-liġi kif emendata tistabbilixxi impriża waħda, France Télévisions, li tgħaqqad flimkien l-entitajiet ġuridiċi distinti ta' stazzjonijiet differenti li kienu jeżistu qabel. Hija soġġetta għall-kontroll ekonomiku u finanzjarju tal-Istat Franċiż. Il-kapital azzjonarju tagħha huwa maqsum f'ishma nominali li jistgħu jappartjenu biss lill-Istat. Il-bord tad-diretturi tagħha jinkludi, minbarra l-president, erbatax-il membru b'mandat ta' ħames snin, jiġifieri, żewġ deputati parlamentari nnominati mill-Kumitati għall-Affarijiet Kulturali tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat rispettivament, ħames rappreżentanti tal-Istat, ħames personalitajiet maħtura mill-Kunsill Superjuri tal-Awdjoviżiv u żewġ rappreżentanti tal-persunal.

(10) France Télévisions hija l-grupp ewlieni awdjoviżiv Franċiż. Hija tħaddem madwar 11 000 persuna u tiġbor fi ħdanha l-istazzjonijiet France 2, France 3, France 4, France 5 u France Ô li jxandru fit-territorju Franċiż metropolitan, kif ukoll RFO, kumpanija li tgħaqqad it-televiżjonijiet u r-radji pubbliċi li jxandru fid-dipartimenti u t-territorji barranin. Il-grupp jinkludi wkoll dipartiment tar-riklami, għalkemm qed jiġi kkunsidrat irtirar minn dan il-qasam, u kumpaniji ddedikati għal attivitajiet ta' diversifikazzjoni. Ċerti stazzjonijiet ta' France Télévisions ixandru fuq medda wiesgħa f'diversi Stati Membri, b'mod partikolari fil-Belġju u l-Lussemburgu.

(11) Il-fatturat ta' France Télévisions fl-2007, l-aħħar sena finanzjarja qabel it-tħabbir tar-riforma tas-servizz pubbliku awdjoviżiv, kien ta' EUR 2 927 miljun, li minnhom 64,2 % kienu miksuba mill-ħlas ta' liċenzji, 28,1 % minn dħul pubbliċitarju (riklami u sponsorships) u 7,7 % minn dħul ieħor. Bejn l-2003 u l-2007, is-sehem tad-diversi komponenti tal-fatturat baqa' relattivament stabbli, bid-dħul mir-riklami u sponsorships ivarjaw f'medda ta' bejn 30 % sa 28 %. Il-grupp kollu kellu riżultat nett kemmxejn pożittiv kull sena bejn l-2003 u l-2007, b'ammont totali ta' EUR 99 miljun għal dak il-perjodu.

(12) Dik ix-xejra nqelbet wara li tħabbret ir-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku f'Jannar 2008, inkluż b'mod partikolari l-waqfien tad-dħul minn messaġġi pubbliċitarji. Fis-sena finanzjarja 2008 kien hemm telf għall-grupp France Télévisions, b'riżultat nett negattiv ta' EUR [50-100] (*) miljun (li minnhom - EUR [50-100] miljun għall-perimetru tas-servizz pubbliku), dovut b'mod partikolari għal tnaqqis konsiderevoli fid-dħul mir-riklamar, li ma setax jiġi mrażżan għal kollox mill-injezzjoni kapitali eċċezzjonali ta' EUR 150 miljun li ġiet approvata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha tas-16 ta' Lulju 2008. Għall-2009, malli daħlet fis-seħħ ir-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku, is-sussidju baġitarju finalment imħallas ta' EUR 415 miljun, ivvalidat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha tal-1 ta' Settembru 2009, ippermetta li kważi jiġi kkumpensat it-tnaqqis fid-dħul pubbliċitarju u l-grupp France Télévisions kiseb profitt nett żgħir (EUR [10-20] miljun). Madankollu, il-perimetru tas-servizz pubbliku jagħmel telf żgħir ta' madwar EUR [0-5] miljun, bir-riżultat pożittiv attribwibbli għall-kumpaniji kummerċjali tal-grupp.

(13) L-attivitajiet u l-ġestjoni ta' France Télévisions f'dawn l-aħħar snin 2004-2008 u l-pożizzjoni tal-impriża fil-perspettiva tar-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku kienu s-suġġett ta' rapport relattivament kritiku tal-Qorti tal-Awdituri Franċiża "France Télévisions u t-televiżjoni pubblika ġdida". Ir-rapport, li għalih jirreferu wħud mill-partijiet terzi interessati fl-osservazzjonijiet tagħhom, ġie adottat wara diskussjoni u ġie ppubblikat fl-14 ta' Ottubru 2009, jew wara d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura. Ir-rapport jindika l-eżistenza ta' marġni ta' progress mhux sfruttati fil-ġestjoni u fir-riżultati ta' France Télévisions sa dak iż-żmien u jinkludi rakkomandazzjonijiet għal titjib futur fil-kuntest il-ġdid tar-riforma.

### II.3. **Il-missjonijiet tas-servizz pubbliku ta' France Télévisions**

#### II.3.1. *Definizzjoni tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku fil-liġi*

(14) L-Artikolu 43-11 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 emendata jiddikjara l-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions, billi jistabbilixxi li l-istazzjonijiet pubbliċi "iwettqu, fl-interess ġenerali, missjonijiet ta' servizz pubbliku. Huma joffru lill-pubbliku, fil-komponenti kollha tiegħu, ġabra sħiħa ta' programmi u servizzi kkaratterizzati mid-diversità u l-pluraliżmu tagħhom, l-eżiġenza tagħhom ta' kwalità u innovazzjoni, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji demokratiċi ddefiniti kostituzzjonalment. Huma joffru għażla diversifikata ta' programmi f'forma analogali u diġitali fl-oqsma tal-informazzjoni, il-kultura, it-tagħrif, id-divertiment u l-isport. Huma jippromwovu d-dibattitu

(*) Il-parenteżi kwadri [...] jindikaw ċifri kunfidenzjali jew sigrieti tan-negozju ssostitwiti b'firxa ta' valuri.

demokratiku, l-iskambji bejn il-partijiet differenti tal-popolazzjoni kif ukoll l-integrazzjoni soċjali u ċ-ċittadinanza. Huma jimplimentaw azzjonijiet favur il-koeżjoni soċjali, id-diversità kulturali u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u jipproponu skeda ta' programmi li tirrifletti d-diversità tas-soċjetà Franċiża. Huma jiżguraw il-promozzjoni tal-lingwa Franċiża u, jekk ikun il-każ, tal-lingwi reġjonali u jivvalorizzaw id-diversità tal-wirt kulturali u lingwistiku ta' Franza. Huma jikkontribwixxu għall-iżvilupp u t-tixrid tal-kreazzjoni intellettwali u artistika u tal-għarfien ċiviku, ekonomiku, soċjali, xjentifiku u tekniku kif ukoll għall-edukazzjoni b'mezzi awdjoviżivi u bil-midja. Hima jipparteċipaw fl-edukazzjoni dwar l-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli. Huma jippromwovu, permezz ta' għodda adattati, l-aċċess għall-persuni nieqsa mis-smigħ u li għandhom problemi ta' smigħ għall-programmi li jxandru. Huma jiżguraw l-onestà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-informazzjoni kif ukoll l-espressjoni pluralista tax-xejriet fil-ħsieb u fl-opinjoni waqt li jiġi mħares il-prinċipju ta' trattament ugwali u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill superjuri tal-awdjoviżiv. L-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku tal-komunikazzjoni awdjoviżiva, għat-twettiq tal-missjonijiet tagħhom, jikkontribwixxu għall-azzjoni awdjoviżiva esterna, għat-tixrid tal-Frankofonija u għat-tixrid tal-kultura u l-lingwa Franċiża fid-dinja. Huma impenjati li jiżviluppaw servizzi ġodda li jistgħu jseddqu jew jagħmlu aktar kompleta l-offerta ta' programmi tagħhom kif ukoll it-tekniki ġodda ta' produzzjoni u xandir tal-programmi u s-servizzi ta' komunikazzjoni awdjoviżiva. Kull sena, jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament sabiex tiġi vverifikata l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu".

II.3.2. *L-inkorporazzjoni tal-obbligi tas-servizz pubbliku fl-attivitajiet ta' France Télévisions*

(15) Fir-rigward tal-inkorporazzjoni konkreta ta' dawn il-missjonijiet, il-paragrafu I tal-Artikolu 44 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986, jippreċiża li France Télévisions hija inkarigata li tikkonċepixxi u tipprogramma x-xandiriet televiżivi u s-servizzi ta' komunikazzjoni awdjoviżiva li jissodisfaw il-missjonijiet ta' servizz pubbliku ddefiniti fl-Artikolu 43-11 u fl-ispeċifikazzjonijiet previsti mill-Artikolu 48 tal-imsemmija liġi.

(16) Id-digriet nru 2009-796 tat-23 ta' Ġunju 2009 jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet ta' France Télévisions li issa huma uniċi. L-ispeċifikazzjonijiet jinkwadraw l-attività tal-istazzjonijiet ta' France Télévisions, flimkien ma' impenji vinkolanti dwar l-ipprogrammar tax-xandir, spiss fis-sigħat meta jkun hemm l-aktar telespettaturi, fir-rigward tax-xandiriet kulturali ta' kuljum, ix-xandiriet mużikali b'mod partikolari l-mużika klassika billi ssir diversifikazzjoni tal-orkestri Ewropej jew reġjonali, l-ispettakli ta' espressjoni teatrali jew il-popolarizzazzjoni tax-xjenza (Artikoli 4 sa 7 tal-ispeċifikazzjonijiet). France Télévisions hija obbligata wkoll li tintegra d-dimensjoni Ewropea fil-programmi kollha tagħha, b'mod partikolari billi xxandar rapportaġġi dwar l-istili ta' ħajja jew id-drawwiet kulturali ta' Stati Membri oħrajn u li xxandar programmi ta' natura reliġjuża dwar ir-reliġjonijiet ewlenin ipprattikati fi Franza (Artikoli 14 u 15 tal-ispeċifikazzjonijiet). Huwa ddikjarat ukoll l-obbligu li tinġabar udjenza wiesgħa u bilanċjata fil-firxa sħiħa tal-pubbliku (Artikolu 18).

(17) Barra minn hekk, skont l-Artikolu 53 tal-liġi nru 86-1067 dwar il-libertà tal-komunikazzjoni, kuntratti pluriannwali ta' objettivi u mezzi huma konklużi bejn l-Istat u France Télévisions għal terminu ta' bejn tliet snin u ħames snin. Il-kuntratti ta' objettivi u mezzi jiddeterminaw b'mod partikolari, fil-ħarsien tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions:

— l-assi prijoritarji tal-iżvilupp tagħha;

— l-impenji mogħtija abbażi tad-diversità u l-innovazzjoni fil-kreazzjoni;

— l-ammonti minimi ta' investimenti ta' France Télévisions fil-produzzjoni ta' xogħlijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi Ewropej u ta' espressjoni oriġinali Franċiża, bħala perċentwali tad-dħul tagħha f'valur assolut;

— l-impenji li jippermettu li tiġi żgurata l-parteċipazzjoni u ċ-ċittadinanza tal-persuni b'diżabilità, l-adattament tal-programmi televiżivi kollha għal persuni nieqsa mis-smigħ jew bi problemi ta' smigħ;

— l-impenji li jippermettu li jiġi żgurat ix-xandir ta' programmi televiżivi li, permezz ta' strumenti adattati, huma aċċessibbli għall-persuni għomja jew li ma jarawx sew;

— l-ispiża prevista tal-attivitajiet tagħha għall kull waħda mis-snin ikkonċernati, u l-indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi ta' eżekuzzjoni u tar-riżultati adottati;

— l-ammont ta' riżorsi pubbliċi li għandhom jiġu allokati lilha billi jiġu identifikati dawk iddedikati bi prijorità għall-iżvilupp tal-baġits ta' programmi;

— l-ammont tal-prodott mistenni mid-dħul proprju, b'distinzjoni minn dak li jirriżulta mir-riklamar u sponsorships;

— il-perspettivi ekonomiċi għas-servizzi li jagħtu lok għall-ħlas ta' prezz;

— jekk ikun il-każ, il-perspettivi fir-rigward tar-ritorn għal ekwilibriju finanzjarju.

(18) Preżentament, l-obbligi ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions huma s-suġġett ta' kuntratt ta' objettivi u mezzi 2007-2010 "France Télévisions, l-ewwel ġabra ta' stazzjonijiet b'xejn fl-era diġitali" tal-24 ta' April 2007, iffirmat mill-Ministri responsabbli u l-president ta' France Télévisions. Taħt l-intestatura tal-objettiv I.2 "Promozzjoni tal-valuri li jidentifikaw is-servizz pubbliku", il-kuntratt jistipula objettivi li għandhom jissarrfu f'azzjonijiet konkreti, flimkien ma' indikaturi kwalitattivi jew kwantitattivi li għandhom jintlaħqu f'oqsma bħal:

— l-iffaċilitar tal-aċċess għal pubbliku akbar għall-programmi kulturali u f'perspettiva ta' demokratizzazzjoni tal-kultura, billi jixxandar programm kulturali ta' mill-inqas matul il-ħinijiet l-aktar segwiti;

— ir-riflessjoni tal-pluraliżmu fl-informazzjoni u fid-dibattitu ċiviku;

— l-offerta ta' firxa wiesgħa ta' dixxiplini sportivi, b'enfasi fuq l-isports li jingħataw inqas prominenza fuq l-istazzjonijiet privati;

— ir-riflessjoni tad-diversità u t-titjib tal-viżibbiltà tal-komponenti tas-soċjetà Franċiża.

— l-iffaċilitar tad-difiża tal-identità kulturali Franċiża u Ewropea, il-fehim tad-difiża tal-identità kulturali Franċiża u Ewropea, il-fehim tal-funzjonament tal-Unjoni u l-kontribut tagħha kif ukoll it-tagħlim ta' lingwi barranin.

(19) Il-kuntratt jipprevedi wkoll sezzjoni finanzjarja pluriannwali, li tinkludi klawsola ta' aġġustament li tipprevedi li, skont l-iżviluppi fid-dħul mir-riklamar, l-Istat u l-Grupp jiftiehmu li jikkoordinaw saqbiex jaġġustaw il-bżonn ta' riżorsi pubbliċi, waqt li huwa miftiehem li fondi żejda minn riżorsi pubbliċi mhux użati għat-tnaqqis ta' dawk il-bżonnijiet għandhom jiġu allokati għal spejjeż favur il-kreazzjoni awdjoviżiva.

(20) Wara r-riforma, il-kuntratt ta' objettivi u mezzi fis-seħħ kien soġġett għal approvazzjoni għall-perjodu 2009-2012. Dik l-approvazzjoni, li hija deskritta f'aktar dettall iktar 'il quddiem fis-sezzjoni finanzjarja tagħha, tkompli ssaħħaħ il-valuri ta' identità tas-servizz pubbliku promossi minn France Télévisions u tiffissa indikaturi kwantitattivi ġodda li għandhom jintlaħqu kull sena f'uħud mill-oqsma indikati fil-premessa 18.

II.3.3. *Ħolqien ta' servizzi awdjoviżivi innovattivi ġodda*

(21) L-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda ta' France Télévisions jipprevedu l-introduzzjoni ta' serje ta' servizzi innovattivi intiżi biex iseddqu l-offerta editorjali, bħat-tpoġġija online ta' servizzi ta' komunikazzjoni, ta' servizzi ta' midja awdjoviżiva fuq talba jew ta' kontenut addizzjonali li jseddaq il-programmi tagħha. Bl-istess mod, l-approvazzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi tipprevedi wkoll l-introduzzjoni ta' servizzi innovattivi, b'mod partikolari l-vidjo fuq talba b'xejn jew bi ħlas, it-televiżjoni mobbli personali, ix-xandir fuq l-Internet, l-applikazzjonijiet mobbli, WebTV reġjonali jew tematizzat.

II.3.4. *Kontroll estern tal-obbligi ta' servizz pubbliku, inkluża t-tnedija ta' servizzi ġodda*

(22) b'applikazzjoni tal-Artikolu 53 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986, il-bord tad-diretturi ta' France Télévisions approva l-abbozz tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi ta' dik il-kumpanija u ddiskuta l-eżekuzzjoni annwali tiegħu, bir-riżultat ta' dik id-diskussjoni jkun pubbliku. Qabel l-iffirmar, il-kuntratti ta' objettivi u mezzi kif ukoll l-approvazzjonijiet ta' dawk il-kuntratti jintbagħtu lill-Kumitati inkarigati mill-affarijiet kulturali u l-finanzi tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat u lill-Kunsill Superjuri għall-Awjoviżiv. Il-Kumitati jistgħu jifformulaw opinjoni f'terminu ta' sitt ġimgħat.

(23) Barra minn hekk, rapport annwali dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi ta' France Télévisions ġie ppreżentat mill-president tagħha quddiem il-Kumitati inkarigati mill-affarijiet kulturali u l-finanzi tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat. Fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tar-rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi tal-kumpanija quddiem il-Kumitati kompetenti tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat, il-president ta' France Télévisions jagħti wkoll rendikont tal-attività u l-ħidma tal-kunsill konsultattiv għall-programmi maħluqa fi ħdanu li huwa kompost minn telespettaturi, u li huwa inkarigat li jagħti opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar il-programmi.

(24) Bl-istess mod, l-abbozz preliminari tal-ispeċifikazzjonijiet ta' France Télévisions stabbilit b'digriet kien is-suġġett ta' konsultazzjoni pubblika bejn l-10 u l-24 ta' Novembru 2008 fejn madwar ħmistax-il entità issottomettew kontribuzzjonijiet, li taw lok għal emendi tat-test inizjali, segwit minn parir tal-Kunsill Superjuri tal-Awdjoviżiv. Fir-rigward tal-kontroll estern tal-eżekuzzjoni tiegħu, l-Artikolu 48 tal-liġi tat-30 ta' Settembru 1986 jipprevedi li għandu jintbagħat rapport annwali mill-Kunsill Superjuri tal-Awdjoviżiv lill-Kumitati inkarigati mill-affarijiet kulturali fi ħdan l-Assemblea Nazzjonali u s-Senat. Ir-rapport jintbagħat ukoll lill-Ministru tal-kultura u tal-komunikazzjoni.

(25) Dawk il-Kumitati Parlamentari, bl-istess mod bħall-Kunsill Superjuri tal-Awdjoviżiv, jistgħu jisimgħu lil terzi. Fil-fatt, il-partijiet interessati jinstemgħu regolarment fi ħdanhom u jikkomunikaw l-opinjonijiet tagħhom dwar kwistjonijiet li huma ta' interess għas-servizz awdjoviżiv pubbliku.

II.4. **Kumpens finanzjarju għat-tnaqqis progressiv u eventwalment it-tneħħija tal-messaġġi pubbliċitarji**

(26) Sabiex l-ipprogrammar tax-xandir pubbliku jsir aktar liberu u inqas dipendenti fuq restrizzjonijiet kummerċjali, l-Artikolu 53, subparagrafu VI tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 kif emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni jistabbilixxi li l-messaġġi pubbliċitarji għandhom jitnaqqsu u eventwalment jitneħħew: 'Il-programmi mxandra bejn it-tmienja ta' billejl u s-sitta ta' filgħodu fuq is-servizzi nazzjonali televiżivi msemmija fis-subparagrafu I tal-Artikolu 44, bl-eċċezzjoni tal-programmi reġjonali u lokali tagħhom, m'għandhomx ikollhom messaġġi pubbliċitarji ħlief għal dawk għal prodotti jew servizzi ppreżentati taħt l-isem ġeneriku tagħhom. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għall-programmi mxandra minn dawk is-servizzi bejn is-sitta ta' filgħodu u t-tmienja ta' billejl sa minn meta jispiċċa x-xandir terrestri bi frekwenza hertz f'forma analogali tas-servizzi televiżivi msemmija fl-istess subparagrafu I għat-territorju metropolitan kollu. Dan ma japplikax għall-kampanji ta' interess ġenerali'.

(27) Il-waqfien tax-xandir terrestri bi frekwenza hertz f'forma analogali tas-servizzi televiżivi hija prevista sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2011. Minbarra l-eċċezzjoni għall-pubbliċità ta' prodotti jew servizzi mingħajr trade mark, huma previsti derogi għax-xandir ta' messaġġi pubbliċitarji għad-dipartimenti u l-komunitajiet barranin jew ta' New Caledonia, fin-nuqqas tal-offerta ta' televiżjoni privata mxandra fuq frekwenza hertz terrestri b'mod ċar.

(28) Kif jipprovdi l-Artikolu 53 tal-liġi nru 86-1067 kif emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni, it-tnaqqis u eventwalment it-tneħħija tal-messaġġi pubbliċitarji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-liġi jagħtu lok għal kumpens finanzjarju tal-Istat lil France Télévisions taħt il-kundizzjonijiet iddefiniti minn kull liġi tal-finanzi. Għal dan il-għan, l-Istat Franċiż ħoloq programm ġdid, bit-titolu "Kontribut għall-finanzjament tas-servizz awdjoviżiv pubbliku", fi ħdan il-missjoni "Midja" tal-baġit ġenerali tal-Istat. Fuq bażi purament indikattiva, l-awtoritajiet Franċiżi jikkalkulaw li l-parti tas-sussidju pubbliku li takkumpanja d-dħul mill-ħlas tal-kontribuzzjoni għall-awdjoviżiv pubbliku għandha tkun ta' madwar EUR 460 miljun fl-2010, EUR 500 miljun fl-2011 u EUR 650 miljun fl-2012.

(29) Ir-Repubblika Franċiża tiddikjara li, għal kull sena, il-finanzjament pubbliku li ġej mis-sussidju baġitarju għandu jiġi stabbilit skont l-ispejjeż tat-twettiq tal-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions u akkumulat mad-dħul mill-kontribuzzjoni għall-awdjoviżiv pubbliku, wara li jitnaqqas id-dħul kummerċjali li jkun hemm. f'dan ir-rigward, l-awtoritajiet Franċiżi bagħtu l-previżjoni tal-ispejjeż u d-dħul tas-servizz pubbliku ta' France Télévisions, stabbilita abbażi tal-pjan tan-negozju 2009-2012 u sinteżizzata hawn isfel:

*Tabella 1*

**Previżjoni ta' Dħul u spejjeż ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions 2010-2012**

*(miljun EUR)*

| | 2010 | 2011 | 2012 |
|---|---|---|---|
| | Baġit | Baġ. Prev. | Baġ. Prev. |
| A/Riżorsi pubbliċi | [2 500-3 000] | [2 500-3 000] | [2 500-3 000] |
| B/Dħul ieħor (pubbliċità, sponsorships eċċ.) | [300-600] | [300-600] | [300-600] |
| C/Spiża grossa tas-servizz pubbliku | [3 500-3 000] | [3 500-3 000] | [3 500-3 000] |
| D/Spiża netta tas-servizz pubbliku (C + B) | [3 000-2 500] | [3 000-2 500] | [3 000-2 500] |
| Differenza Spiża netta SP- Riżorsi Pubbliċi (D + A) | [– 50 – 50] | [– 50 – 50] | [– 50 – 50] |

*Sors*: Kummenti minn Franza tal-15 ta' Jannar 2010

(30) It-tabella hawn isfel turi previżjoni ta' defiċit li tikkorrispondi għall-ispiża netta mhux koperta għall-kontijiet tas-servizz pubbliku ta' France Télévision fl-2010 u fl-2011. Dan id-defiċit għandhu jiġi riassorbit parzjalment fl-2012, b'eċċess żgħir previst ta' EUR [30–50] miljun, jew [0-5] % tal-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku. Dik il-previżjoni ta' eċċess għall-2012, jekk tiġi kkonfermata mill-fatti, li jippresupponi li d-dħul u l-ispejjeż jevolvu eżattament kif previst, tibqa' inferjuri għad-defiċit akkumulat previst għall-2010 u 2011. b'applikazzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi li jinsab għaddej, l-eċċessi mhux allokati għat-tnaqqis tal-bżonnijiet ta' riżorsi pubbliċi għandhom jiġu allokati bi prijorità għall-ispejjeż favur il-kreazzjoni awdjoviżiva. Peress li dak il-ħolqien normalment ikun destinat għall-ipprogrammar, l-eċċess li jista' jkun hemm b'hekk m'għandux jiffinanzja attivitajiet kummerċjali.

(31) Għandu jiġi osservat li l-pjan tan-negozju 2009-2012 li jinsab fil-kapitolu V tal-approvazzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi li jinsab għaddej jissostitwixxi s-sezzjoni finanzjarja tal-kuntratt konkluż f'April 2007, meta jitqies il-qafas il-ġdid li ddaħħal bir-riforma u l-konsegwenzi finanzjarji tiegħu. Il-pjan tan-negozju jipprevedi tnaqqis tal-ispiża grossa globali ta' forniment tas-servizz pubbliku għall-perjodu 2010-2012, bi tnaqqis tal-ispejjeż operattivi meta mqabbla mal-kuntratt inizjali, tnaqqis tal-ispejjeż tax-xandir u l-isfruttament tas-sinerġiji li jirriżultaw mill-impriża komuni, u dan minkejja l-istabbiliment ta' elementi ġodda ta' spejjeż li jakkumpanjaw ir-riforma.

(32) Fil-livell tad-dħul, ir-riżorsi pubbliċi previsti, għalkemm qegħdin jiżdiedu, ma jibbilanċjawx totalment il-kontijiet għall-perjodu 2010-2012 u, kif huwa indikat fit-tabella 1, jibqgħu inqas mill-ispejjeż grossi tas-servizz pubbliku, b'hekk il-bilanċ finanzjarju fil-projezzjonijiet jiddependi mid-dħul kummerċjali li jkun hemm kull sena. Għalhekk il-pjan tan-negozju jindika l-interess għall-impriża u għall-Istat li jilħqu bilanċ aktar malajr milli previst u jippreċiża bżonn ta' segwiment preċiż u regolari, fid-dawl ta' riskji pożittivi jew negattivi.

II.5. **Stabbiliment ta' limitu għar-riżorsi pubbliċi**

(33) L-Artikolu 44 tal-liġi nru 86-1067 emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni jippreċiża wkoll li "Ir-riżorsi pubbliċi allokati lill-organizzazzjonijiet tas-servizz awdjoviżiv pubbliku bħala kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku fdati lilhom m'għandhomx jaqbżu l-ammont tal-ispejjeż tat-twettiq ta' dawk l-obbligi". Dik id-dispożizzjoni tirriżulta mill-impenji mogħtija mir-Repubblika Franċiża li tniżżel espressament fil-liġi l-prinċipju li ma jingħatax kumpens żejjed għall-obbligi ta' servizz pubbliku fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni ta' kumpatibbiltà tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2005 dwar l-użu tad-dħul mil-liċenzji ([7]).

(34) b'applikazzjoni tal-impenn imsemmi hawn fuq, l-Artikolu 2 tad-digriet nru 2007-958 tal-15 ta' Mejju 2007 dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istat u l-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku tal-komunikazzjoni awdjoviżiva (*décret no 2007-958 du 15 mai 2007 relatif aux relations financières entre l'État et les organismes du secteur public de la communication audiovisuelle*) jadotta fl-Artikolu 2 l-istess formulazzjoni bħall-Artikolu 53 tal-liġi tat-30 ta' Settembru 1986 billi jieħu f'kunsiderazzjoni "*id-dħul dirett jew indirett li jirriżulta mill-missjoni ta' servizz pubbliku*" u jippreċiża li l-ispiża tat-twettiq tal-obbligi tas-servizz pubbliku hija stabbilita permezz ta' kontijiet separati. Id-digriet jipprovdi, fl-Artikolu 3 tiegħu, l-obbligu għal France Télévisions u s-sussidjarji tagħha li jirrispettaw il-kundizzjonijiet tas-suq għall-attivitajiet kummerċjali kollha tagħhom u l-formulazzjoni minn korp estern ta' rapport annwali dwar it-twettiq ta' dak l-obbligu, mibgħut lill-ministeru responsabbli, lill-Assemblea Nazzjonali u lis-Senat.

(35) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat rapporti dwar it-twettiq tal-Artikoli 2 u 3 tad-digriet dwar is-snin finanzjarji 2007 u 2008 (ir-rapporti fformulati abbażi tal-Artikolu 3 tad-digriet ġew iċċertifikati, għall-2007, mill-awdituri PriceWaterhouseCoopers u KPMG u, għall-2008, mill-Cabinet Rise) kif ukoll l-abbozz ta' rapport previst fl-Artikolu 2 għas-sena 2009.

II.6. **Taxxi ġodda previsti fir-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku**

(36) Il-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 ukoll emendat il-kodiċi tat-taxxa biex tintroduċi taxxi ġodda fuq il-pubbliċità u l-komunikazzjonijiet elettroniċi.

II.6.1. *Taxxa fuq il-messaġġi pubbliċitarji*

(37) Taħt it-titolu II tal-ewwel parti tal-ewwel ktieb tal-kodiċi ġenerali tat-taxxa, issa hemm kapitolu VII f li jistabbilixxi taxxa dovuta minn kull editur ta' servizzi tat-televiżjoni stabbilit fi Franza. It-taxxa hija bbażata fuq l-ammont, mhux inkluża l-VAT, tas-somom imħallsa mir-riklamaturi, għax-xandir tal-messaġġi pubbliċitarji tagħhom, lid-debituri kkonċernati jew lil dawk li jirrekordjaw il-messaġġi pubbliċitarji, wara li jitnaqqsu s-somom imħallsa b'applikazzjoni tat-taxxa prevista fl-Artikolu 302 a KC tal-kodiċi ġenerali tat-taxxa, li titħallas mill-edituri jew id-distributuri tat-televiżjoni li jxandru xogħlijiet awdjoviżivi eliġibbli għal appoġġ miċ-Ċentru Nazzjonali taċ-Ċinematografija. Dawk is-somom huma soġġetti għal tnaqqis standard ta' 4 %. It-taxxa tiġi kkalkulata billi tiġi applikata rata ta' 3 % għall-frazzjoni tal-ammont tal-ħlasijiet annwali, mhux inkluża l-VAT, fuq kull servizz televiżiv, li jaqbeż EUR 11-il miljun.

(38) Madankollu, għas-servizzi tat-televiżjoni minbarra dawk imxandra bi frekwenza hertz terrestri b'mod analogali, dik ir-rata hija ffissata għal 1,5 % fl-2009, 2 % fl-2010 u 2,5 % fl-2011. Fuq bażi tranżitorja, għal-liċenzji kollha, sas-sena tal-estinzjoni fil-metropoli tax-xandir bi frekwenza hertz terrestri b'mod analogali tas-servizzi tat-televiżjoni, it-taxxa hija llimitata għal 50 % taż-żieda tal-bażi tagħha kkonstatata għas-sena ċivili li abbażi tagħha t-taxxa hija dovuta f'relazzjoni mal-2008. Fi kwalunkwe każ, l-ammont ta' taxxa ma jistax ikun inqas minn 1,5 % tal-bażi. Madankollu, għall-edituri tas-servizzi tat-televiżjoni li l-udjenza tagħhom ta' kuljum barra minn Franza metropolitana tkun aktar minn 90 % tal-udjenza totali tagħhom, l-ammont li għandu jintuża għall-kalkolu tat-taxxa jitnaqqas bl-ammont tas-somom imħallsa għax-xandir ta' messaġġi pubbliċitarji destinati għas-suq Ewropew jew dinji, immultiplikat bil-parti fl-udjenza totali annwali tal-udjenza miksuba barra minn Franza metropolitana.

([7]) Ara d-deċiżjoni C(2005) 1166 finali, punti 65 sa 72.

II.6.2. *Taxxa fuq il-komunikazzjonijiet elettroniċi*

(39) Taħt it-titolu II tal-ewwel parti tal-ewwel ktieb tal-kodiċi ġenerali tat-taxxa issa hemm kapitolu VIIg li jimponi taxxa dovuta minn kull operatur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li jipprovdi servizz fi Franza u li dwaru tkun saret dikjarazzjoni preliminari lill-Awtorità li tirregola l-komunikazzjonijiet elettroniċi. It-taxxa hija bbażata fuq l-ammont, mhux inkluża l-VAT, tal-abbonamenti u ta' somom oħrajn imħallsa mill-utenti bħala remunerazzjoni għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jipprovdu l-operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, waqt li jitnaqqsu mill-ammont l-allokazzjonijiet għad-diprezzamenti kkontabilizzati matul is-sena finanzjarja magħluqa abbażi tas-sena li matulha t-taxxa tkun saret dovuta, meta jkunu relatati mal-materjali u t-tagħmir akkwistati, sa mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-liġi, mill-operaturi, għall-bżonnijiet ta' infrastrutturi u ta' netwerks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi stabbiliti fit-territorju nazzjonali u li l-perjodu ta' diprezzament tagħhom ikun ta' mill-inqas ekwivalenti għal għaxar snin. It-taxxa hija kkalkulata billi tiġi applikata rata ta' 0,9 % għall-frazzjoni tal-bażi li taqbeż EUR 5 miljun.

## III. RAĠUNIJIET LI WASSLU GĦALL-FTUĦ TAL-PROĊEDURA

(40) Fid-deċiżjoni tagħha ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Kummissjoni stmat li l-kumpens previst sa mill-2010 seta' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u li għandha tiġi eżaminata l-kumpatibbiltà tagħha mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, skont il-prinċipji u r-regoli ta' applikazzjoni previsti għas-servizzi pubbliċi tax-xandir.

(41) Fir-rigward tal-eżistenza ta' attività ta' servizz pubbliku għal missjonijiet iddefiniti b'mod ċar minn att uffiċjali u soġġetta għal mekkaniżmi ta' kontroll xierqa, mingħajr ma qajmet ebda dubju, il-Kummissjoni kkonkludiet, bħal fid-deċiżjonijiet tagħha ta' Diċembru 2003,April 2005, Lulju 2008 u Settembru 2009, li l-missjonijiet ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions huma ddefiniti b'mod ċar f'atti uffiċjali maħruġa jew sottoskritti mill-Istat Franċiż, skont il-modalitajiet li jipprevdu kontroll indipendenti ta' France Télévisions.

(42) Min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-eżami tal-proporzjonalità tal-kumpens finanzjarju previst meta mqabbel mal-ispiża netta tal-attività ta' servizz pubbliku, waqt li jittieħdu f'kunsiderazzjoni barra minn hekk l-effetti tal-għajnuna, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar żewġ kwistjonijiet, jiġifieri:

— minn naħa waħda, riskju ta' kumpens żejjed għall-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku għas-sena 2012 u, probabbilment, għall-2010 u l-2011, waqt li, għal dawk is-snin, il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni daqstant dettaljata daqs dik ipprovduta mill-awtoritajiet Franċiżi għall-2009 u,

— min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-eżistenza possibbli ta' rabta bejn id-dħul mit-taxxi fuq il-pubbliċità u l-komunikazzjonijiet elettroniċi u l-għajnuna li għandha tingħata lil France Télévisions u, kemm-il darba dik ir-rabta tkun tista' tiġi stabbilita, fuq l-effetti negattivi tagħhom u l-kumpatibbiltà tagħhom mat-trattat, b'mod partikolari fil-kuntest ta' bilanċ kompetittiv tar-riforma tal-finanzjament ta' France Télévisions, li kien nieqes.

(43) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet Franċiżi għall-adozzjoni fit-2 ta' Lulju 2009 tal-komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni għas-servizzi pubbliċi tax-xandir tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat ([8]) (iktar 'il quddiem il-"komunikazzjoni dwar ix-xandir") applikabbli għall-għajnuna nnotifikata mill-pubblikazzjoni tagħha u stiednet lill-awtoritajiet Franċiżi biex jieħdu f'kunsiderazzjoni dik il-komunikazzjoni riveduta fl-osservazzjonijiet tagħhom.

## IV. OSSERVAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

(44) Fl-osservazzjonijiet tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, is-Société des auteurs et compositeurs dramatiques (SACD) ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni għall-importanza tal-obbligi li għandha France Télévisions biex tappoġġa l-kreazzjoni awdjoviżiva patrimonjali. Dik l-importanza ġiet imsaħħa fit-tmiem tal-2008 permezz ta' ftehim interprofessjonali, li ser jiġi integrat f'kuntratt ta' objettivi fil-ġejjieni. Fl-2010, France Télévisions b'hekk trid tiddedika għall-kreazzjoni adwjoviżiva patrimonjali sehem ta' 19 % tal-fatturat inkluż fil-bażi taxxabbli tal-2009, sehem li jrid jiżdied għal 20 %, jew EUR 420 miljun fl-2012. Il-parti ekwivalenti ta' TF1 hija, min-naħa l-oħra, limitata għal 12,5 % u dawk ta' M6 u tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni diġitali terrestri ma jaqbżux il-11 % rispettivament. L-impenn favur iċ-ċinema b'hekk ser jiżdied b'aktar minn 1,2 % bħala rata medja annwali sal-2012. It-tneħħija tal-pubbliċità timxi id f'id ma' żieda fl-ispiża tal-iskeda ta' programmi fil-qasam ta' xogħlijiet ta' produzzjoni proprji u mhux importati, li juru impenn favur servizz pubbliku innovattiv u ta' kwalità.

(45) Il-Federazzjoni Franċiża tat-Telekomunikazzjonijiet u tal-komunikazzjonijiet Elettroniċi (Fédération Française des Télécommunications et des Communications Électroniques - FFTCE), fl-osservazzjonijiet tagħha tat-30 ta' Ottubru 2009, li magħhom tingħaqad Iliad, li mhijiex membru tal-FFTCE, hija tal-fehma li t-tneħħija tal-pubbliċità kummerċjali ma tikkompetix, fiha nfisha, mal-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions. Peress li l-pubbliċità mhijiex parti integrali minn dik il-missjoni, kull sussidju intiż unikament biex jikkumpensa nuqqas ta' qligħ mingħajr ma titqies ir-realtà tal-missjoni huwa, fih innifsu, għajnuna mill-Istat li jmur kontra l-Artikoli 106(2) u 107 tat-TFUE. Dak il-kumpens għandu jkopri l-ispejjeż proprji tas-servizz pubbliku, li għandu jiġi

([8]) ĠU C 257, 27.10.2009, p. 1.

stabbilit permezz ta' kontijiet separati. L-ammont tas-sussidju jidher li huwa iffissat għas-snin li ġejjin fuq il-bażi ta' stima tat-telf tad-dħul kummerċjali li, f'suq deterjorat, joħloq distorsjoni serja tal-kompetizzjoni fil-konfront tax-xandara privati. Minkejja li l-fatturat totali minn pubbliċità ta' France Télévisions f'suq deterjorat bla dubju ma kienx ser jilħaq EUR 500 miljun, l-awtoritajiet Franċiżi intrabtu li jħallsu EUR 450 miljun fl-2009 bħala kumpens għas-sempliċi tneħħija tal-pubbliċità wara t-tmienja ta' billejl. Fil-ġejjieni, id-dħul mis-sussidju ser ikun ukoll ferm ogħla mid-dħul pubbliċitarju li kien ser jinkiseb fin-nuqqas tar-riforma.

(46) Fir-rigward tal-missjoni ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali, l-FFTCE tinnota li l-obbligi ddelegati lil France Télévisions bħala membru tal-Unjoni Ewropea tax-Xandir (European Broadcasting Union - EBU), mill-istatuti tagħha, kienu jeżistu qabel u japplikaw mingħajr dawk stipulati fil-liġi Franċiża. Ir-restrizzjonijiet, ta' natura vaga, imposti mil-liġi, mhumiex sostanzjalment differenti minn dawk li jirriżultaw mill-istatuti tal-EBU, li għalihom huma soġġetti wkoll TF1 u Canal + bħala membri, b'mod li sussidju ta' kumpens abbażi tal-liġi għandu jiġi kkwalifikat bħala għajnuna mill-Istat.

(47) L-FTTCE tikkunsidra finalment li t-taxxa l-ġdida fuq il-fatturat tal-operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi li ddaħħlet mir-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku hija marbuta mal-finanzjament ta' France Télévisions. Minbarra l-konnessjoni ta' rabta affermata fid-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet, varjazzjonijiet fil-bażi taxxabbli tagħha u fir-rata tagħha jvarjaw l-ammont tas-sussidju. L-impożizzjoni ta' tali taxxa tmur kontra l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ([9]) peress li l-Istati Membri ma jistgħu jimponu ebda taxxa oħra fuq il-fatturat fil-konfront tal-operaturi ħlief għal dawk li huma previsti fiha.

(48) Fl-osservazzjonijiet tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, l-Assoċjazzjoni tal-istazzjonijiet privati hija tal-fehma li l-ġestjoni ħażina ta' France Télévisions, kif jirriżulta mid-diversi eżempji li ġew indikati mill-Qorti tal-Awdituri, taggrava l-effett ta' inflazzjoni kkonstatat fis-suq tal-produzzjoni tal-programmi u tax-xiri tad-drittijiet. Fin-nuqqas ta' kontabilità analitika, in-nuqqas ta' kontroll tal-ispejjeż joħloq inċertezzi dwar id-determinazzjoni tal-ispiża tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku li għandhom jiġu ffinanzjati, b'riskju serju ta' kumpens żejjed. Hemm firxa sħiħa ta' indikazzjonijiet li juru li t-taxxa awdjoviżiva l-ġdida hija relatata ma' France Télévisions, u li l-uniku skop li din titħallas fil-baġit tal-Istat hu biex taħrab mill-kontroll tal-Kummissjoni. Dan iġiegħel lill-kompetituri ta' France Télévisions li jiffinanzjaw l-għajnuna, biex b'hekk tinħoloq distorsjoni li taggrava d-differenzjazzjoni insuffiċjenti bejn il-programmi tad-diversi stazzjonijiet storiċi.

([9]) ĠU L 108 24.4.2002, p. 21.

(49) Fil-kummenti tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, l-Unjoni Ewropea tax-Xandir (EBU), tenfasizza n-natura neċessarjament prospettiva ta' kull stima pluriannwali tal-ispejjeż u tad-dħul tax-xandar pubbliku sottomessa minn Franza. Dawk l-estimi għandhom jassiguraw il-viżibbiltà finanzjarja fuq medda ta' żmien twil li għandu jkollu l-operatur sabiex jassigura l-kontinwità tas-servizz b'mod għal kollox indipendenti. Għandu jkun hemm mekkaniżmi *ex post* li jassiguraw il-korrezzjoni ta' impreċiżjonijiet li jista' jkun hemm fil-previżjoni. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tirrigwarda l-parametri tal-kalkolu *ex ante* u ta' dawk il-mekkaniżmi, mingħajr ma tirrestrinġi l-ammont effettiv tal-kumpens fil-futur permezz ta' validazzjoni biss tal-ammonti ta' spejjeż u dħul stmati, u fin-nuqqas ta' dan il-Kummissjoni għandha tiffissa u tikkontrolla l-ammonti annwali ta' skema ta' għajnuna, aktar mill-iskema nfisha. L-EBU tesprimi wkoll it-tħassib tagħha li l-Kummissjoni tipprova ssir taf l-ammont stmat tas-sinerġiji u l-gwadanji f'effiċjenza għas-snin li ġejjin, peress li l-effiċjenza li permezz tagħha servizz ta' interess ekonomiku ġenerali jiġi mwettaq jaħrab mill-kontroll tal-Kummissjoni b'applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(50) Fil-kummenti tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, l-Assoċjazzjoni tat-Televiżjoni Kummerċjali fl-Ewropa (Association of Commercial Television in Europe - ACT) tiddikjara li hija favur id-deċiżjoni tal-Repubblika Franċiża li tnaqqas sostanzjalment il-pubbliċità kummerċjali tax-xandar pubbliku tagħha. L-ACT tosserva li żewġ kundizzjonijiet imposti mill-ġurisprudenza Altmark ([10]) mhumiex sodisfatti f'din il-kawża, b'hekk il-kontribuzzjoni baġitarja prevista tikkostitwixxi għajnuna. Madankollu, l-ACT hija tal-fehma li jekk is-sistema ta' finanzjament tal-għajnuna minn taxxa imposta fuq id-dħul tal-pubbliċità tal-kompetituri titqies bħala konformi mad-dritt tal-unjoni, il-benefiċċji tal-irtirar mis-suq ikunu mnaqqsa ħafna waqt li tali sistema tista', f'ċertu rigward, tintroduċi aktar distorsjonijiet mis-sistemi doppji ta' finanzjament pubbliku u kummerċjali tradizzjonali.

(51) L-ACT tikkunsidra li l-obbligi ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions ma ġewx immodifikati fundamentalment sa mill-1994 u jibqgħu simili għall-obbligi ta' xandara privati oħrajn. Bl-istess mod, l-estimi ta' kumpens għat-telf ta' dħul pubbliċitarju sal-2012 huma vagi u la jieħdu f'kunsiderazzjoni t-tnaqqis fl-ispejjeż ta' investimenti relatati, la t-tnaqqis possibbli tal-ispejjeż ta' programmar inqas soġġett għar-restrizzjonijiet tar-riklamaturi, u lanqas il-gwadann ta' sinerġiji mistennija. Il-mekkaniżmu ta' aġġustament tad-dħul pubbliċitarju u kummerċjali tal-ispejjeż previst fil-kuntratt ta' objettivi u mezzi għandu jiġi vverifikat, b'mod partikolari fir-rigward tal-varjabbiltà tad-dħul kummerċjali, mingħajr ma l-Kummissjoni għandha informazzjoni affidabbli biex tiddetermina l-ispejjeż effettivi tas-servizz ipprovdut u

([10]) Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Lulju 2003, C-280/00, *Altmark Trans*, Ġabra I-7747, punti 88 sa 93.

l-eżistenza tal-eventwalità ta' kumpens żejjed. Dik il-verifika għandha ssir mingħajr ma l-impriża għandha kontabilità analitika, kif indikat mill-Qorti tal-Awdituri.

(52) Finalment, l-ACT tikkunsidra li l-għajnuna hija fil-fatt iffinanzjata mit-taxxi l-ġodda introdotti mir-riforma u li, għal dak li jirrigwarda t-taxxa fuq il-pubbliċità awdjoviżiva, din tintroduċi fi Franza mudell ta' finanzjament tas-servizz pubbliku mill-kompetituri li ġie abbandunat bnadi oħra. Il-mekkaniżmu ta' għajnuna jippreżerva r-riżorsi ta' France Télévisions waqt li huwa dejjem aktar ċar li r-riklamaturi mhux qegħdin jittrasferixxu d-domanda tagħhom totalment lejn l-istazzjonijiet kompetituri. Barra minn hekk, tali mekkaniżmu jsaħħaħ l-ostakli għad-dħul fis-suq Franċiż.

(53) Fl-osservazzjonijiet tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, France Télévisions tiddikjara li l-mekkaniżmu nnotifikat ma jagħtiha ebda vantaġġ ekonomiku fir-rigward tal-kompetituri tagħha peress li, għalkemm hija ngħatat protezzjoni mit-telf ta' dħul kummerċjali, dan huwa bħala kumpens għal restrizzjoni li l-Istat impona fuqha u li ebda operatur fis-suq ma ġarrab: il-waqfien tar-riklamar. Meta l-waqfien tal-messaġġi pubbliċitarji jidħol fis-seħħ, kull distorsjoni tal-kompetizzjoni f'dak is-suq ser tispiċċa, waqt li l-pressjoni fuq il-kompetituri għal sponsorships, meta titqies il-preżenza limitata tagħha, ukoll ser tkun nulla. Fir-rigward tax-xiri tal-hekk imsejħa drittijiet awdjoviżivi "primjum", waqt li TF1 kisbet 96 mill-aħjar 100 udjenza u 18 mill-aħjar 20 udjenza fl-2008, France Télévisions ma kellha ebda kuntratt ta' esklużività mal-kumpaniji l-kbar Amerikani. Hija b'hekk trid tinvesti fil-kreazzjoni awjoviżiva b'rekwiżiti ta' kwalità inkumpatibbli mal-objettivi tal-udjenza tal-istazzjonijiet kummerċjali. Għall-bejgħ tal-programmi, hija tikkunsidra li għandha biss preżenza marġinali.

(54) France Télévisions tikkunsidra barra minn hekk li, peress li l-ammont li ser jiġi allokat lilha jiddependi preliminarjament, preċiżament u oġġettivament kull sena mill-ispiża tal-missjonijiet tagħha, b'korrezzjoni *ex post* f'każ ta' differenza mill-ispejjeż reali, il-mekkaniżmu nnotifikat jissodisfa t-tieni kundizzjoni stabbilita mill-ġurisprudenza Altmark. Ir-raba' kundizzjoni meħtieġa minn dik il-ġurisprudenza hija wkoll sodisfatta peress li sinerġiji li ma setgħux jiġu sfruttati fil-passat ser jiġu sfruttati permezz tal-istabbiliment mill-ġdid tal-organizzazzjoni ġuridika u l-istatuti tagħha, peress li dik ir-raba' kundizzjoni ma teħtiġx li s-servizz għandu jiġi pprovdut bl-aktar livell baxx ta' spejjeż possibbli, iżda li l-ispejjeż jikkorrispondu mal-ispejjeż ta' impriża medja ġestita sew.

(55) Skont France Télévisions, fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' kumpatibbiltà mas-suq intern tal-mekkaniżmu nnotifikat, peress li dan huwa intiż li jibqa' jaħdem sew għal għadd ta' snin, l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku ma jistgħux ikunu magħrufa b'ċertezza suffiċjenti sabiex il-Kummissjoni tkun tista' teżerċita kontroll *ex ante* tan-nuqqas ta' kumpens żejjed. Waqt li l-estimi indikattivi pprovduti għall-2010 sal-2012 mhumiex inkumpatibbli mal-possibbiltà li jsir profitt raġonevoli jew li tiġi kkostitwita riżerva llimitata għal 10 % tal-ispejjeż annwali tas-servizz pubbliku, id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari li jistabbilixxu kontroll *ex post* jippermettu fi kwalunkwe każ li tiġi żgurata l-proporzjonalità tal-finanzjament. Min-naħa l-oħra, peress li l-varjazzjoni tal-ispejjeż tal-iskeda tagħha tiddependi mill-għażliet editorjali tagħha, France Télévisions jidhrilha li hija kostretta biss li tħares l-obbligi ta' servizz pubbliku imposti mill-liġi, fil-libertà li għandha r-Repubblika Franċiża li tiddefinixxi l-kontenut. Barra minn hekk, dawk l-obbligi jsarrfu wkoll fi ħtieġa ta' udjenza, li l-waqfien ta' messaġġi pubbliċitarji ma tnaqqasx. Għall-kuntrarju, għandu jiġi akkwistat numru akbar ta' programmi.

(56) Fl-osservazzjonijiet tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, Métropole Télévisions (M6) tikkunsidra li l-istrument ta' finanzjament previst jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 tat-TFUE, b'mod paritkolari peress li t-tieni u r-raba' kundizzjonijiet stipulati mill-ġurisprudenza *Altmark* mhumiex sodisfatti: kumpens ibbażat fuq stima ta' telf ta' dħul kummerċjali li min-natura tiegħu stess – kif ikkonfermat mill-fatti – ivarja, ma jistax jitqies li huwa bbażat fuq parametri ta' kalkolu oġġettivi u trasparenti tal-ispejjeż tas-servizz pubbliku. Barra minn hekk, il-bażi tal-kalkolu mhijiex dik tal-ispejjeż ta' impriża medja fis-settur u ġestita sew, iżda dik tal-ispejjeż ta' France Télévisions, li għadd ta' indikazzjonijiet tagħhom juru li hija mmexxija b'mod ineffiċjenti, li b'hekk jgħabbi l-ispejjeż tas-servizz pubbliku li għandhom jintrefgħu minn kulħadd.

(57) Fir-rigward tal-kumpatibbiltà tal-miżura mas-suq intern, M6 tikkunsidra li l-istrument ta' finanzjament previst huwa illegali peress li joħloq strutturalment kumpens żejjed tal-ispejjeż tas-servizz pubbliku. Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/111/KE tas-16 ta' Novembru 2006 dwar it-trasparenza tar-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istati Membri u l-impriżi pubbliċi kif ukoll dwar it-trasparenza finanzjarja fi ħdan ċerti impriżi ([11]) teżiġi li Franza tagħmel imputazzjoni tal-obbligi u l-prodotti tas-servizz ta' interess ġenerali fuq il-bażi tal-prinċipji ta' kontabilità analitika applikati b'mod koerenti. Kif enfasizzat il-Qorti tal-Awdituri, France Télévisions ma kellhiex tali strumenti ta' kontabilità. Ebda element oġġettiv ma jista' b'hekk iservi biex jiġi kkalkulat l-ammont tal-kumpens. Kumpens żejjed b'hekk huwa inevitabbli peress li s-sussidju huwa kkalkulat fuq il-bażi ta' dħul kummerċjali li mhuwiex relatat mal-missjoni ta' servizz pubbliku u li lanqas m'għandu jiġi kkunsidrat fl-ispejjeż tagħha. In-natura imprevedibbli tad-dħul mitluf u n-nuqqas ta' analiżi tal-ispejjeż b'hekk jagħmlu wkoll inevitabbli l-kumpens żejjed.

([11]) ĠU L 318 17.11.2006, p. 17–25.

(58) L-integrazzjoni fil-mekkaniżmu ta' finanzjament tat-taxxi ġodda taggrava l-effetti negattivi tal-għajnuna fuq is-swieq tal-akkwist tad-drittijiet awdjoviżivi – fejn il-ġestjoni ħażina ta' France Télévisions, protetta mill-għajnuna pubblika, iżżid l-ispejjeż tal-kompetituri – u fuq l-attività ta' pubbliċità, li France Télévisions ser tittrasferixxi lejn l-isponsorship, mingħajr ma' M6, minħabba l-profil ta' udjenza differenti tagħha, tirkupra l-ispazju lliberat minn France Télévisions. f'dawn iċ-ċirkustanzi, finanzjament *ex post* biss jista' jkun ġustifikat. Il-mekkaniżmu b'hekk huwa strutturalment illegali fin-nuqqas li jiġu - stabbiliti mekkaniżmi ta' kontroll *ex post* indipendenti li jiggarantixxu b'mod effettiv in-nuqqas ta' kumpens żejjed fuq il-bażi ta' ċifri reali, li l-implimentazzjoni tagħhom tkun ineffettiva fi Franza, skont M6.

(59) Fl-osservazzjonijiet tagħha tat-2 ta' Novembru 2009, Télévision Française 1 (TF 1), tpoġġi r-riforma tal-finanzjament ta' France Télévisions f'kuntest ta' bidliet strutturali li jaffettwaw is-suq pubbliċitarju, fejn l-Internet qed jesperjenza tkabbir b'saħħtu. It-televiżjoni tirrappreżenta biss madwar 11 % minn EUR 33 biljun ta' spejjeż ta' komunikazzjoni tar-riklamaturi, fl-2008. Bejn Jannar u Settembru 2009, il-fatturat mill-pubbliċità tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni terrestri diġitali żdied b'60 % kontra tnaqqis ta' 8 % għat-tliet stazzjonijiet privati storiċi li jittrasmettu fuq frekwenza hertz. Għas-sena 2008, l-imposti u t-taxxi mħallsa minn TF1 kienu jirrappreżentaw 60 % tal-qligħ tagħha. Skont TF1, peress li l-kuntratti ta' akkwist ta' drittijiet pluriannwali, l-inflazzjoni tal-prezzijiet u r-riġidità tal-ispejjeż fosthom dawk tal-iskeda li ġew assorbiti mill-obbligi regolamentari tal-produzzjoni u xandir ta' xogħlijiet Franċiżi kienu jirrappreżentaw 30 % tat-total, dawn naqqsu l-marġni ta' manuvrar tagħha. b'mod parallel, il-fatt li hija ġiet soġġetta għal taxxa ġdida awdjoviżiva saħħaħ id-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq.

(60) It-trasferiment potenzjali lejn TF1 tad-domanda tar-riklamaturi hija l-iskop iddikjarat tat-taxxa fuq il-pubbliċità awdjoviżiva. Mhux talli t-trasferiment mistenni ta' EUR 350 miljun ta' fatturat lejn it-tliet stazzjonijiet bi frekwenza hertz ma seħħx fl-2009, iżda dawn jiddikjaraw tnaqqis ta' EUR 450 miljun b'paragun mal-previżjonijiet. Barra minn hekk, il-grad ta' dan it-trasferiment huwa għal kollox limitat mid-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari li, bi traspożizzjoni mid-dritt tal-unjoni, jillimitaw iż-żmien iddedikat għall-pubbliċità b'massimu ta' tnax-il minuta għal kull siegħa ta' xandir, kemm-il darba li medja ta' kuljum ta' sitt minuti fis-siegħa ma tinqabiżx.

(61) TF1 tikkunsidra li t-taxxa tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fuq bażi doppja: peress li France Télévisions effettivament ma tkunx obbligata tħallas aktar wara t-30 ta' Novembru 2011 (data meta hija ser tkun obbligata twaqqaf il-messaġġi pubbliċitarji li s-somom imħallsa għalihom jikkostitwixxu l-bażi) u, fit-tieni lok, peress li France Télévisions ser tkun id-destinatarja tar-riżorsi miġbura b'dan il-mod peress li jirriżulta minn għadd kbir ta' dikjarazzjonijiet governattivi u parlamentari matul id-dibattiti dwar l-abbozz ta' liġi li dawn huma allokati għall-finanzjament tal-għajnuna. Indipendentement mil-legalità intrinsika tagħha, l-iskema ta' tassazzjoni li tiffinanzjaha għandha b'hekk tittieħed f'kunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-għajnuna.

(62) TF1 hija tal-fehma li hija sottomessa għal obbligi kumparabbli għal dawk li għandha France Télévisions, li għandha programmi ftit differenti minn tagħha. Anki jekk TF1 tilqa' b'mod favorevoli r-riformulazzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi u tal-ispeċifikazjonijiet wara r-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku, hija jidhrilha, waqt li tibbaża fuq l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, li l-offerta ta' servizz pubbliku tax-xandir mhijiex individwalizzata b'mod suffiċjenti. Huwa b'hekk enfasizzat li, fl-ispeċifikazzjonijiet il-qodma, l-obbligi kwantitattivi ta' xandir jirrappreżentaw 10 % tal-iskedi tal-programmi.

(63) Huwa daqstant insuffiċjenti l-kontroll tal-ispejjeż u tal-kwalità tal-ġestjoni ta' France Télévisions, li jikkawża li s-servizz pubbliku ma jiġix ipprovdut bl-inqas spiża għall-kollettività u joħloq riskju ta' kumpens żejjed. Il-Kummissjoni għandha tivverifika wkoll, f'dan ir-rigward, iż-żieda fil-qligħ mill-attivitajiet kummerċjali, is-sinerġiji li għandhom jirriżultaw wara l-2009 mill-ħolqien ta' impriża waħda France Télévisions u t-tnaqqis tal-pressjoni fuq l-ispejjeż tal-iskeda tal-programmi li jirriżulta minn inqas dipendenza fuq ir-riklamaturi.

## V. **KUMMENTI TAR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA**

(64) Fl-osservazzjonijiet tagħha mibqgħuta fis-7 ta' Ottubru 2009 u li sussegwentement ġew ippreċiżati, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, ir-Repubblika Franċiża tirreferi b'mod paritkolari għad-dubji li esprimiet il-Kummissjoni, minn naħa waħda, dwar il-proporzjonalità tal-finanzjament pubbliku u r-riskju ta' kumpens żejjed u, min-naħa l-oħra dwar it-teħid f'kunsiderazzjoni tat-taxxi ġodda mdaħħla bir-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku għall-finijiet li tiġi evalwata l-kumpatibbiltà tal-miżura nnotifikata mas-suq intern.

### V.1. **Proporzjonalità tal-finanzjament u kontroll *ex post* tar-riskju ta' kumpens żejjed**

(65) Ir-Repubblika Franċiża tippreċiża li l-miżura nnotifikata mhijiex kumpens għat-telf ta' dħul pubbliċitarju tal-grupp France Télévisions, għalkemm l-ammonti previsti mogħtija fuq bażi indikattiva jieħdu f'kunsiderazzjoni dak it-telf, iżda finanzjament intiż biex ikopri l-ispejjeż ta' eżekuzzjoni tal-missjoni ta' servizz pubbliku. Il-ħtiġijiet ta' finanzjament għandhom fil-fatt jiżviluppaw skont il-bidliet fl-ispejjeż tal-iskeda, il-varjazzjonijiet fid-dħul kummerċjali jew tal-mezzi tax-xandir.

(66) Ir-Repubblika Franċiża tenfasizza li l-validazzjoni *ex ante* tan-nuqqas ta' riskju ta' kumpens żejjed għandha ssir mill-verifika tal-eżistenza ta' mekkaniżmi leġiżlattivi u regolamentari ta' kontroll, b'mod konformi mal-ġurisprudenza u l-prattika applikata mill-Kummissjoni, u mhux fir-rigward tal-ammonti indikattivi previsti tas-sussidju u l-ispejjeż indikati għall-futur. L-ammonti indikattivi jingħataw bħala eżempju, fid-dawl tal-pjan tan-negozju approvat mill-awtoritajiet ta' sorveljanza u France Télévisions. Il-metodu tal-kalkolu tas-sussidju mhuwiex ibbażat fuq l-istima tat-tnaqqis tad-dħul pubbliċitarju ta' France Télévisions. Il-kalkolu huwa bbażat fuq formola ġenerali bħal, għal kull sena, l-ammont ikkombinat tal-kontribuzzjoni għall-awdjoviżiv pubbliku u l-allokazzjoni baġitarja għandha tkun, b'rispett għall-impenji tar-Repubblika Franċiża u tal-mekkaniżmi ta' kontroll *ex post* stabbiliti b'mod leġiżlattiv u regolamentarju, proporzjonali mal-ispiża tal-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions, imnaqqsa bid-dħul kummerċjali tagħha.

(67) Barra minn hekk, fir-rigward tas-servizzi awdjoviżivi innovattivi ġodda msemmija fil-komunikazzjoni dwar ix-xandir, ir-Repubblika Franċiża tenfasizza li ċertu numru huwa diġà previst fl-ispeċifikazzjonijiet il-ġodda ta' France Télévisions u l-kuntratt ta' objettivi u mezzi emendat, li kienu u ser ikunu soġġetti għall-kontrolli u l-konsultazzjonijiet preliminari u regolari deskritti hawn fuq. Għall-futur, Franza hija tal-fehma li t-tnedija ta' kull servizz ġdid importanti għandu jkun soġġett għal trattament fi ħdan kuntratt ta' objettivi u mezzi, li għalih japplikaw l-istess kontrolli.

(68) Barra minn hekk, meta jitqies id-dħul fis-seħħ tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir wara l-ftuħ ta' din il-proċedura, ir-Repubblika Franċiża timpenja ruħha li tipperfezzjona l-istrument tagħha ta' kontroll finanzjarju *ex post* biex tissodisfa r-regoli ppreċiżati mill-ġdid f'dik il-komunikazzjoni dwar mekkaniżmi ta' kontroll finanzjarju. Huwa b'hekk previst li jiġi emendat l-Artikolu 2 tad-Digriet nru 2007- 958 tal-15 ta' Mejju 2007. Din l-emenda hija maħsuba biex:

— tiżgura li r-rapport dwar il-kontijiet separati – rekwiżit li jippermetti li jiġi żgurat il-kontroll tan-nuqqas ta' kumpens żejjed – ikun, fuq il-bażi tar-rapport previst fl-Artikolu 3, ikkontrollat minn korp estern li l-għażla tiegħu tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Ministru inkarigat mill-komunikazzjoni, jintbagħat lil dak il-Ministru kif ukoll lill-Assemblea Nazzjonali u lis-Senat, u jsir għas-spejjeż ta' France Télévisions;

— tipperfezzjona l-mekkaniżmu funzjonali maħsub biex jiżgura l-irkupru effettiv tal-kumpens żejjed jew sussidji inkroċjati li jinsabu f'dawn il-kontijiet separati u li ma jkunux kumpatibbli mal-Artikolu 53 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà tal-komunikazzjoni kif ukoll mal-komunikazzjoni dwar ix-xandir tal-Kummissjoni.

(69) Bl-istess mod, sabiex tiġi pperfezzjonata l-informazzjoni tal-Kummissjoni matul l-ewwel snin tar-riforma li saret mil-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009, l-awtoritajiet Franċiżi jimpenjaw ruħhom li jikkomunikaw lill-Kummissjoni, għas-snin 2010 sa 2013:

— ir-rapporti stabbiliti skont l-Artikoli 2 u 3 tad-digriet imsemmi iktar 'il fuq, wara li ġew emendati, f'terminu massimu ta' sitt xhur wara l-laqgħat ġenerali li japprovaw il-kontijiet, inkluża l-informazzjoni dwar l-iżviluppi fl-ishma mis-suq tal-pubbliċità wara l-2007;

— l-elementi pubbliċi ta' segwiment tal-eżekuzzjoni tal-missjonijiet ta' servizz pubbliku minn France Télévisions li huma l-bilanċ tal-istazzjonijiet stabbilit kull sena mill-Kunsill Superjuri tal-Awdjoviżiv (previst mill-Artikolu 18 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986) u r-rendikont tal-verifiki mill-Kumitati Parlamentari (Kumitati inkarigati mill-affarijiet kulturali u mill-finanzi tal-Assemblea Nazzjonali u tas-Senat) tal-president ta' France Télévisions dwar l-eżekuzzjoni annwali tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi (kif jipprevedi l-Artikolu 53 tal-liġi msemmija iktar 'il fuq).

### V.2. **Teħid f'kunsiderazzjoni ta' taxxi ġodda mdaħħla mir-riforma tal-awdjoviżiv pubbliku**

(70) Ir-Repubblika Franċiża tikkunsidra li hija ma qisitx it-taxxi ġodda fuq il-pubbliċità u l-komunikazzjonijiet elettroniċi fin-notifika tagħha. Għalkemm iddaħħlu bl-istess strument leġiżlattiv li stabbilixxa r-riforma, dawk it-taxxi ma jidħlux fil-kamp tal-miżura nnotifikata.

(71) Ir-Repubblika Franċiża tippreċiża li d-dikjarazzjonijiet pubbliċi qabel ma ttieħed il-vot dwar il-liġi li ġew stabbiliti mid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, li sussegwentement ġew ikkuntrarjati mid-dispożizzjonijiet ta' dik il-liġi, mhumiex biżżejjed biex tiġi kkonstatata rabta ta' konnessjoni suffiċjenti tat-taxxi mal-finanzjament tal-għajnuna taħt il-liġi tal-Unjoni. Fil-liġi Franċiża, dawk it-taxxi jinġabru favur il-baġit ġenerali tal-Istat, jikkontribwixxu għall-finanzjament tal-ispejjeż pubbliċi kollha u jsegwu l-prinċipji ta' universalità u ta' unità baġitarja, li jappartjenu għall-blokk tal-kostituzzjonalità tal-finanzi pubbliċi. Skont l-Artikolu 36 tal-liġi organika tal-1 ta' Awwissu 2001 dwar il-liġijiet tal-finanzi, l-allokazzjoni, totali jew parzjali, ta' riżorsa stabbilita għall-profitt tal-Istat, lil persuna ġuridika, tista' tirriżulta biss minn dispożizzjoni espressa tal-liġi tal-finanzi li, f'dan il-każ, ma teżistix.

(72) Ir-Repubblika Franċiża tenfasizza barra minn hekk li m'hemm l-ebda proġett bil-għan li tiġi stabbilita rabta ta' konnessjoni bejn l-imsemmija taxxi u l-finanzjament ta' France Télévisions. Hija tippreċiża li, kieku kellha tiġi prevista modifika l-arkitettura tal-iskema, l-awtoritajiet Franċiżi jipproċedu biex jagħmlu notifika ġdida lill-Kummissjoni, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE.

## VI. EVALWAZZJONI TAL-GĦAJNUNA

### VI.1. L-eżistenza ta' għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE

(73) L-Artikolu 107(1) tat-TFUE jipprovdi li: "Ħlief għad-derogi previsti fit-Trattati, kull għajnuna, ta' kwalunkwe forma, mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li twassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni għall-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti produtturi għandha, safejn tolqot il-kummerċ bejn l-Istati Membri, tkun inkompatibbli mas-suq intern". Dawn il-kundizzjonijiet huma eżaminati hawn isfel.

#### VI.1.1. *Rizorsi tal-Istat*

(74) L-allokazzjonijiet baġitarji li huma s-suġġett ta' din in-notifika huma speċifikati kull sena fil-liġi tal-finanzi li tistabbilixxi l-baġit tal-Istat Franċiż. Dawn b'hekk huma miżuri mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.

#### VI.1.2. *Vantaġġ ekonomiku selettiv*

(75) Il-mekkaniżmu ta' sussidju baġitarju permezz ta' riżorsi pubbliċi li tqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' France Télévisions huwa selettiv peress li France Télévisions hija l-unika benefiċjarja. Is-sussidju baġitarju annwali ta' funzjonament, li huwa maħsub b'mod partikolari sabiex l-impriża tkun tista' tkompli bl-attivitajiet tagħha, jipproteġiha mit-telf ta' dħul kummerċjali pubbliċitarju li sa dak iż-żmien kien jiffinanzja l-ispejjeż u l-investimenti tagħha. France Télévisions b'hekk tista' tistenna li jkollha sehem mill-udjenza li ma setax ikollha fin-nuqqas tal-allokazzjoni baġitarja. Għaldaqstant, hija tirċievi vantaġġ ekonomiku li hija ma setgħetx tikseb b'mod ieħor jew, jekk huwa l-każ, li jikkonsisti f'sussidju, f'kundizzjonijiet tas-suq differenti minn dawk li fihom joperaw il-kompetituri tagħha.

(76) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li r-Repubblika Franċiża ma fformulatx osservazzjonijiet li jikkontestaw l-evalwazzjonijiet tagħha fid-deċiżjoni ta' ftuħ li l-għotjiet previsti ma jissodisfawx kumulattivament il-kriterji stabbiliti fil-ġurisprudenza *Altmark*, u li b'hekk jipprovdu vantaġġ ekonomiku li jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat [12]. Hija tinnota barra minn hekk li, mingħajr preġudizzju għall-iżviluppi ulterjuri fil-ġestjoni u r-riżultati ta' France Télévisions għas-snin li ġejjin, preżentament, ir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri Franċiża dwar France Télévisions – li l-pubblikazzjoni tiegħu f'Ottubru 2009 saret wara d-deċiżjoni tal-ftuħ – jikkonferma l-argumentazzjoni tagħha li r-raba' kundizzjoni mhijiex sodisfatta.

(77) Fil-qosor, jirriżulta minn dak li ntqal hawn fuq li s-sussidji baġitarji li ngħataw biss lill-grupp France Télévisions permezz ta' riżorsi finanzjarji tal-Istat Franċiż jagħtu vantaġġ selettiv lil dik l-impriża.

#### VI.1.3. *Distorsjoni tal-kompetizzjoni u effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri*

(78) France Télévisions hija attiva fil-qasam tal-produzzjoni u tax-xandir ta' programmi li hija tisfrutta kummerċjalment, b'mod partikolari billi xxandar riklami bi ħlas għal riklamaturi jew programmi sponsorjati fl-iskeda tal-programmi tagħha, billi tbiegħ id-drittijiet tax-xandir tagħha jew tixtri tali drittijiet. Dawk l-attivitajiet kummerċjali huma mwettqa f'kompetizzjoni ma' stazzjonijiet oħrajn bħal TF1, M6, Canal +, b'mod partikolari fi Franza, fejn, kif jenfasizzaw l-awtoritajiet Franċiżi, il-grupp France Télévisions jikkostitwixxi l-grupp awdjoviżiv ewlieni. Fl-2010, is-sehem ta' France Télévisions għandu jkun stabbilit għal madwar 10 %, biex b'hekk tibqa' t-tielet fornitriċi fis-suq Franċiż.

(79) Sad-data tat-tneħħija tal-pubbliċità kummerċjali fit-tmiem tal-2011, France Télévisions ser tkompli tkun attiva, għalkemm b'limitazzjonijiet ta' slots fis-siegħa, fis-suq Franċiż tal-pubbliċità kummerċjali fuq it-televiżjoni, b'kompetizzjoni max-xandara l-oħrajn. Wara l-2011 ukoll, France Télévisions ser tkun tista' toffri s-servizzi tagħha lir-riklamaturi għar-riklamar ta' prodotti taħt l-isem ġeneriku tagħhom jew għall-isponsorjar ta' xandiriet, b'kompetizzjoni max-xandara l-oħrajn attivi fi Franza. Għalkemm il-kompetituri ta' France Télévisions ikunu gawdew għal kollox mill-irtirar kważi totali ta' France Télévisions mis-suq tal-pubbliċità li sar bir-riforma, xorta jibqa' l-fatt li France Télévisions ser tibqa' preżenti f'dak is-suq. Effettivament, bħala volumi u sehem mis-suq għall-kompetituri kostanti meta mqabbla mal-2007, fuq il-bażi tal-estimi tad-dħul mill-pubbliċità u sponsorships ta' France Télévisions mibgħuta mill-awtoritajiet Franċiżi, France Télévisions ser jibqgħalha sehem mis-suq ta' 3,3 % fl-2012, kontra aktar minn madwar 50 % u 20 % għal TF1 u M6 rispettivament.

(80) France Télévisions ser tkun tista' tistenna sehem mill-udjenza televiżiva li ma setgħetx tistenna fin-nuqqas tal-allokazzjoni baġitarja inkwistjoni, li b'hekk jista' jkollha effett fuq l-udjenza televiżiva tax-xandara l-oħrajn u, b'hekk, fuq l-attivitajiet kummerċjali ta' dawn tal-aħħar, b'mod li jkun hemm distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni. Fi kwalunkwe każ, France Télévisions tibqa' wkoll attiva fis-swieq tax-xiri u l-bejgħ tad-drittijiet

[12] Ara d-deċiżjoni ta' ftuħ, punti 68 sa 75.

awdjoviżivi, b'saħħa ta' negozjar permezz ta' dik l-għajnuna. L-investimenti fl-ipprogrammar li jippermettu l-għotjiet baġitarji b'hekk jaffettwaw il-mod kif France Télévisions tista' taġixxi bħala xerrejja jew bejjiegħa f'dawk is-swieq.

(81) Jirriżulta minn dak li ntqal hawn fuq li l-għotjiet baġitarji lill-grupp France Télévisions biss permezz ta' riżorsi finanzjarji tal-Istat Franċiż, joħolqu distorsjoni jew, ta' mill-inqas, jheddu li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni fl-isfruttar kummerċjali tax-xandir fi Franza u, sa ċertu grad, fi Stati Membri oħrajn fejn jixxandru l-programmi ta' France Télévisions.

(82) Is-swieq tal-bejgħ u tax-xiri ta' programmi awdjoviżivi u ta' drittijiet ta' xandir li fihom France Télévisions hija attiva huma ta' dimensjoni internazzjonali, anki jekk l-akkwist isir b'limitazzjoni territorjali ġeneralment limitata għal Stat Membru. Barra minn hekk, il-programmi ta' France Télévisions li x-xandir tagħhom jista' jinżamm permezz ta' appoġġ statali jinqabdu fi Stati Membri oħrajn, fosthom il-Belġju u l-Lussemburgu. Finalment, France Télévisions ixxandar ukoll programmi permezz tal-Internet, li huma aċċessibbli wkoll lil hinn minn Franza.

(83) F'dawn iċ-ċirkustanzi, is-sussidji baġitarji previsti jistgħu joħolqu distorsjoni tal-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri.

VI.1.4. *Konklużjoni dwar il-preżenza ta' għajnuna mill-Istat*

(84) Fir-rigward ta' dak li ntqal hawn fuq, is-sussidji baġitarji li r-Repubblika Franċiża beħsiebha tħallas lil France Télévisions jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE, u għaldaqstant għandha tiġi eżaminata l-kumpatibbiltà tagħha mas-suq intern.

VI.2. **Kumpatibbiltà fid-dawl tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE**

(85) L-Artikolu 106(2) tat-TFUE jipprovdi li "[k]ull impriża responsabbli sabiex topera servizzi ta' importanza ekonomika ġenerali jew li jkollha l-karattru ta' monopolju fiskali għandha tkun suġġetta għar-regoli tat-Trattati, b'mod partikolari dawk li jirriferu għall-kompetizzjoni, safejn l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli ma jostakolawx it-twettiq de jure jew de facto tal-funzjonijiet speċifiċi mogħtija lil dik l-impriża. L-iżvilupp tal-kummerċ ma għandux jiżviluppa b' mod kuntrarju għall-interessi tal-Unjoni".

(86) Fil-komunikazzjoni tagħha dwar ix-xandir, il-Kummissjoni tiddikjara l-prinċipji li magħhom hija tikkonforma fl-applikazzjoni tagħha tal-Artikoli 107 u 106(2) tat-TFUE għall-finanzjament tal-korpi pubbliċi ta' xandir mill-Istat. F'dan ir-rigward, l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tirrigwarda ż-żewġ aspetti segwenti:

— L-eżistenza ta' definizzjoni preċiża u ċara f'att uffiċjali tal-missjoni ta' servizz pubbliku, inkluż fil-forniment ta' servizzi ġodda importanti, u soġġett għal mekkaniżmi ta' kontrol effikaċi minn entità indipendenti tax-xandar;

— In-natura proporzjonali u trasparenti tal-finanzjament pubbliku tal-kumpensi meħtieġa għal dik il-missjoni, mingħajr ma dawk il-kumpensi jaqbżu l-ammont tal-ispiża netta ġġenerata mill-missjoni ta' servizz pubbliku, li huwa wkoll soġġett għal kontrolli effikaċi.

VI.2.1. *Definizzjoni preċiża u ċara f'att uffiċjali tal-missjoni ta' servizz pubbliku, soġġett għal mekkaniżmi ta' kontroll effikaċi*

(87) Kif ġie ppreċiżat iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma esprimitx dubji fid-deċiżjoni tagħha ta' ftuħ tal-proċedura, għar-raġunijiet imsemmija fiha, la dwar l-adegwatezza tad-definizzjoni u tal-mandat tal-missjoni ta' servizz pubbliku li France Télévisions ingħatat minn atti uffiċjali, u lanqas dwar l-adegwatezza tal-kontrolli esterni li jsiru dwar il-mod kif France Télévisions twettaq l-obbligi assenjati lilha, kif deskritti iktar 'il fuq. Il-Kummissjoni kienet ukoll tal-fehma li d-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 emendata (Artikoli 43-11, 44, 48 u 53) u tad-digrieti jew atti uffiċjali li jimplimentawha, b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet (digriet nru 2009-796 tat-23 ta' Ġunju 2009) u l-kuntratt ta' objettivi u mezzi, kienu konformi mar-regoli li japplikaw l-Artikolu 106(2) tat-TFUE dwar l-evalwazzjoni tal-għajnuniet għas-servizzi tax-xandir pubbliku ddikjarati fil-komunikazzjoni dwar ix-xandir.

(88) Din il-konklużjoni kienet analoga għal dawk diġà dderivati dwar dan is-suġġett mill-Kummissjoni b'applikazzjoni tal-komunikazzjoni applikabbli, fid-deċiżjonijiet tagħha tal-2003 u tal-2005 għal France 2 u France 3 u, għal France Télévisions, mill-2008 u l-2009.

(89) Huwa b'hekk fuq bażi superfluwa li għandhom jiġu eżaminati l-kummenti kollox ma' kollox ġeneriżi ta' ċerti partijiet interessati li jaffermaw in-natura allegatament simili tal-iskemi tal-ipprogrammar taċ-ċinemas pubbliċi u tal-kompetituri, li huma kkuntrarjati fil-fatti mill-kummenti ta' partijiet oħrajn, u li mhumiex ta' tali natura li jimmodifikaw dik l-evalwazzjoni.

(90) Il-liġi nru 86-1067 emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni tiddefinixxi b'mod wiesa', kwalitattiv, iżda preċiż l-obbligi ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions. Dan għandu jirrigwarda b'mod partikolari pubbliku wiesa' u jipproponi offerta diversifikata konformi mal-objettiv li jiġi żgurat, b'rispett tal-pluraliżmu, il-bżonnijiet demokratiċi, soċjali, ċiviċi u kulturali tas-soċjetà. Il-fatt li ċerti kompetituri jkunu obbligati, minħabba li jappartjenu għall-EBU, li jirrispettaw l-istatuti tagħha, kif tenfasizza l-FFTCE, ma jostakolawx l-eżistenza ta' obbligi speċifiċi ta' servizz pubbliku ppreċiżati fl-atti uffiċjali tar-Repubblika Franċiża li, għall-kuntrarju tal-obbligi li jirriżultaw mill-appartenenza għall-EBU, huma imposti biss fuq France Télévisions.

(91) Barra minn hekk, safejn huwa meħtieġ, l-obbligi ta' France Télévisions huma ppreċiżati wkoll fl-ispeċifikazzjonijiet u fil-kuntratt ta' objettivi u mezzi flimkien ma' indikaturi preċiżi u kkwantifikati li għandhom jintlaħqu fl-iskeda tal-programmi tagħha, li mhumiex imposti fuq ix-xandara kompetituri. Il-mezzi pubbliċi allokati lil France Télévisions huma mogħtija bil-għan li jinkisbu l-objettivi u sabiex jitwettqu l-obbligi ta' servizz pubbliku ddefiniti b'mod leġiżlattiv u regolamentari fl-interess ġenerali, waqt li r-riżorsi privati allokati lix-xandara kompetituri huma mogħtija bi skop purament ta' qligħ. Bl-istess mod, l-eżistenza ta' limitazzjonijiet regolamentari jew li l-operaturi jassumu liberament fl-attività tagħhom ta' xandir ma timplikax l-eżistenza ta' offerta mhux differenzjata fil-fatti għax-xandara pubbliċi u privati. Dawk l-obbligi ta' servizz pubbliku li jirriżultaw mil-liġi, għall-kuntrarju ta' dawk li jirriżultaw mill-appartenenza għall-EBU, huma barra minn hekk soġġetti għal kontrolli esterni regolari, b'mod partikolari parlamentari, fir-rigward tat-twettiq tagħhom.

(92) Barra minn hekk, l-SACD tenfasizza l-impenn akbar ta' France Télévisions favur il-kreazzjoni awdjoviżiva u ċinematografika oriġinali Franċiża meta mqabbla mal-kompetituri, li huma soġġetti għal obbligi ferm iżgħar. Ċertament, l-osservazzjonijiet tal-SACD la jistabbilixxu u lanqas juru r-raġunijiet għalfejn ix-xogħlijiet mhux Franċiżi importati, possibbilment minn Stati Membri oħrajn, huma ta' kwalità inferjuri għal dawk iffinanzjati minn France Télévisions. Iżda xorta jibqa' l-fatt li impenn vinkolanti favur il-kreazzjoni oriġinali, li huwa akbar f'termini assoluti u meta mqabbel mal-kompetituri, jikkontribwixxi u huwa direttament marbut mal-bżonnijiet soċjali u kulturali tas-soċjetà Franċiża li l-iskeda tal-programmi ta' France Télévisions hija obbligata tissodisfa minħabba l-obbligi tagħha ta' servizz ta' interess ġenerali.

(93) Fir-rigward tal-informazzjoni pprovduta mir-Repubblika Franċiża, dik l-evalwazzjoni pożittiva dwar id-definizzjoni u l-kontroll tal-missjoni ta' servizz pubbliku ta' France Télévisions għandha tiġi estiża għall-mekkaniżmi applikabbli għat-tnedija ta' servizzi awdjoviżivi ġodda importanti, fis-sens tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir li daħlet fis-seħħ wara d-deċiżjoni ta' ftuħ ta' din il-proċedura. Dawk is-servizzi, li jestendu l-offerta ta' programmi mxandra għal pjattaformi u formats oħrajn, huma inklużi fl-ispeċifikazzjonijiet u fil-kuntratti ta' objettivi u mezzi ta' France Télévisions li barra minn hekk jippreċiżaw u jikkonkretizzaw il-missjonijiet ta' servizz ta' interess ekonomiku ġenerali previsti mil-liġi. Dawk id-dokumenti huma adottati minn digriet kif indikat iktar 'il fuq, b'mod li s-servizzi l-ġodda diġà previsti u dawk li jistgħu jinħolqu fil-futur huma soġġetti għall-istess proċeduri speċifiċi ta' konsultazzjoni *ex ante* u ta' kontroll annwali *ex post* tal-eżekuzzjoni bħall-imsemmija missjonijiet.

(94) Fil-qosor, b'hekk jidher li d-definizzjoni tal-missjoni ta' servizz pubbliku ddelegata lil France Télévisions kif ukoll il-mekkaniżmi ta' kontroll relatati huma konformi mar-regoli u l-prinċipji stabbiliti fil-komunikazzjoni dwar ix-xandir, li huma inspirati mill-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni.

VI.2.2. *In-natura proporzjonata u trasparenti tal-finanzjament pubbliku*

L-iffissar tal-ammont annwali tas-sussidju baġitarju

(95) Il-mekkaniżmu ta' finanzjament innotifikat mir-Repubblika Franċiża, li minnu jagħmel parti s-sussidju annwali bħala kumpens għat-tnaqqis u eventwalment it-tneħħija totali tal-messaġġi pubbliċitarji, huwa maħsub li jkun permanenti u b'hekk jestendi lil hinn mid-data prevista mil-liġi għall-waqfien tal-messaġġi pubbliċitarji, f'Novembru 2011 skont il-fatti.

(96) Il-finanzjament pubbliku annwali ser jinkludi l-allokazzjoni ta' parti mir-riżorsi tal-kontribuzzjoni għall-awdjoviżiv pubbliku, li qabel kienet tissejjaħ liċenzja, u s-sussidju annwali previst mil-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009. Flimkien mal-għajnuna eżistenti approvata mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha tal-20 ta' April 2005, li ma ġietx immodifikata mill-mekkaniżmu previst, b'hekk ser jiżdied sussidju baġitarju li l-ammont preċiż tiegħu ser jiġi ffissat kull sena fil-liġi tal-finanzi għas-sena finanzjarja relevanti. Fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-Repubblika Franċiża tippreċiża li huma l-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku previsti li ser jintużaw biex jiġi ddeterminat *ex ante*, qabel kull sena finanzjarja, l-ammont tas-sussidju annwali.

(97) Barra minn hekk dan jirriżulta wkoll mill-estimi li ġew ipprovduti bħala eżempju mill-awtoritajiet Franċiżi b'risposta għad-dubji li esprimiet il-Kummissjoni fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura. Il-Kummissjoni tinnota n-natura indikattiva li l-awtoritajiet Franċiżi jattribwixxu lill-previżjonijiet tal-pjan tan-negozju, u li huwa utli għall-impriża inkarigata b'missjoni ta' servizz pubbliku u qabel ma

timpenja ruħha għal spejjeż pluriannwali għal dan il-għan li jkollha qafas finanzjarju previst mill-pjan tan-negozju inkluż fl-approvazzjoni tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi. Dan premess, ir-riżorsi pubbliċi totali indikattivi li jinsabu fih jibqgħu relatati ma', għalkemm inqas minn, l-ammonti tal-ispejjeż grossi ta' forniment ta' dak is-servizz previsti għall-perjodu mill-2010 sal-2012.

(98) Meta titqies il-prevedibbiltà relattiva tal-ispejjeż grossi, li huma inqas volatili mid-dħul kummerċjali li jservi biex jiġu stabbiliti l-ispejjeż netti, iċ-ċifri indikattivi tal-pjan tan-negozju jikkonfermaw *a priori* l-affermazzjoni tar-Repubblika Franċiża dwar in-natura determinanti tal-kriterju tal-ispejjeż netti tas-servizz pubbliku għall-iffissar tal-ammont annwali tas-sussidju li jkun ser jingħata. b'hekk, l-obbligu ta' kumpens finanzjarju mill-Istat li ddaħħal mil-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 ser jikkostitwixxi l-fatt li jiġġenera s-sussidju baġitarju nnotifikat, mingħajr ma jikkundizzjona l-ammont, meta mqabbel ma' stima eventwali tat-telf ta' dħul pubbliċitarju minħabba t-tneħħija tal-messaġġi pubbliċitarji.

(99) Tali approċċ jidher li huwa ġġustifikat oġġettivament. Effettivament, minħabba n-natura perpetwa tas-sussidju, l-iffissar tal-ammont tiegħu b'relazzjoni mad-dħul pubbliċitarju kieku l-messaġġi pubbliċitarji ma tneħħewx bil-liġi, pereżempju, billi jiġi ffissat l-ammont fil-livell tad-dħul qabel ma ġiet imħabbra r-riforma, aġġustat eventalwament skont l-iżviluppi fis-suq tal-pubbliċità televiżiva, isir dejjem aktar arbitrarju. Jekk l-ammont tas-sussidju jiġi kkalkulat b'dan il-mod b'relazzjoni ma' dħul preżunt, tnaqqis akbar tal-ispejjeż grossi tas-servizz pubbliku li jirriżulta, pereżempju, minn sinerġiji fil-futur minħabba l-istabbiliment ta' France Télévisions bħala impriża waħda, jista' joħloq riskju ta' kumpens żejjed minn riżorsi pubbliċi.

(100) Il-metodu tal-kalkolu tas-sussidju annwali b'relazzjoni mal-ispiża tal-missjoni ta' servizz pubbliku, imnaqqas bl-ispejjeż netti kummerċjali li jifdal, huwa barra minn hekk koerenti mal-impenn tar-Repubblika Franċiża, li issa jinsab fl-Artikolu 44 tal-liġi nru 86-1067 emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni u fl-Artikolu 2 tad-digriet dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istat Franċiż u l-korpi tas-settur pubbliku awdjoviżiv, kemm-il darba r-riżorsi pubbliċi allokati lil France Télévision ma jaqbżux l-ispiża netta tat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku assenjati lil din tal-aħħar. Kif ifakkru l-awtoritajiet Franċiżi, dak l-impenn u d-dispożizzjonijiet msemmija hawn fuq huma totalment applikabbli għas-sussidju baġitarju nnotifikat u għall-mekkaniżmu ta' finanzjament pubbliku annwali li minnu issa ser jagħmel parti integrali.

(101) Konsegwentement, il-metodu tal-kalkolu tas-sussidju annwali b'relazzjoni mal-ispiża netta tal-missjoni ta' servizz pubbliku – li b'hekk huwa mnaqqas bl-ispejjeż netti kummerċjali li jifdal – jidher li huwa proporzjonat fis-sens tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ix-xandir.

(102) f'dan ir-rigward, l-osservazzjonijiet kuntrarji ta' ċerti partijiet terzi interessati mhumiex ta' tali natura li jinvalidaw dik il-konklużjoni:

— il-kummenti tal-FFTCE li jallegaw li l-kumpens għan-nuqqas ta' qligħ ta' dħul pubbliċitarju, li ma jagħmlux parti mill-missjoni ta' servizz pubbliku, ma jaqax taħt il-finanzjament ta' dik il-missjoni, ma jistgħux jiġu aċċettati, u lanqas dawk ta' M6 dwar in-natura varjabbli u b'hekk impreċiża tal-estimi ta' telf ta' dħul kummerċjali; huwa skont l-ispejjeż netti ta' servizz pubbliku ta' France Télévision li l-ammont annwali tas-sussidju għandu jiġi ffissat *ex ante*, waqt li l-estimi tal-ammont ipprovduti mir-Repubblika Franċiża għall-2010, 2011 u 2012 huma purament indikattivi.

— l-osservazzjonijiet ta' M6 li jaffermaw li l-allegat nuqqas ta' strumenti ta' kontabilità analitika fi ħdan France Télévisions kif stabbilit mill-Qorti tal-Awdituri Franċiża jagħti lok strutturalment għal kumpens żejjed inkwantu s-sussidju jkun ibbażat fuq elementi ta' spejjeż mhux oġġettivi, bl-istess mod bħall-osservazzjonijiet ta' TF1 dwar il-kumpens żejjed tal-ispejjeż mhux ikkontrollati jew amministrati b'mod ħażin, mhumiex fondati; fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Awdituri stabbilixxiet f'Ottubru 2009 in-nuqqas ta' strumenti ta' ġestjoni ta' kontroll li jintegraw fil-livell tal-grupp France Télévisions l-istrumenti ta' kontabilità analitika tal-kumpaniji sussidjarji u mhux in-nuqqas assolut ta' strumenti ta' kontabilità analitika tal-ġestjoni; għal kull kumpanija tal-grupp France Télévisions, teżisti kontabilità analitika.

— Fit-tieni lok, l-eżami tal-kumpatibbiltà tal-kumpens mas-suq intern, għall-kuntrarju ta' dak dwar l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku għal France Télévisions, ma jirrigwardax l-ispejjeż li impriża medja u amministrata tajjeb fis-settur jista' jkollha biex tipprovdi s-servizz ta' interess ġenerali, iżda dawk li effettivament ser ikollha France Télévisions, inkluż b'hekk it-tnaqqis previst fil-futur; kif intwera iktar 'il fuq, l-ammont totali ta' riżorsi pubbliċi li għandu jitħallas lil France Télévisions ser ikun *a priori* inqas mill-ispejjeż biex jiġi pprovdut is-servizz pubbliku u ser jiġi ffissat b'mod sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, ladarba jitnaqqas id-dħul nett kummerċjali.

(103) Dawn il-kummenti, li mhumiex fondati fir-rigward tal-iffissar *ex ante* tal-ammont ta' sussidju annwali, barra minn hekk ma jieħdux f'kunsiderazzjoni l-eżistenza ta' mekkaniżmi ta' kontroll *ex post*. Effettivament, kif ser jintwera iktar 'il quddiem, l-iffissar annwali *ex ante* fil-liġi tal-finanzi tal-ammont ta' sussidju għas-sena finanzjarja jsegwi mekkaniżmi ta' kontroll *ex post* u, jekk ikun il-każ, ta' rkupru.

Mekkaniżmi ta' kontroll finanzjarju

(104) Il-komunikazzjoni dwar ix-xandir tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi xierqa għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe kumpens żejjed, billi jipproċedu għal kontrolli regolari tal-użu tal-finanzjament pubbliku. L-effikaċja tal-kontroll kif ippreċiżat fil-komunikazzjoni għandha tirriżulta mit-twettiq tagħha f'intervalli regolari minn entità indipendenti, flimkien ma' mekkaniżmi biex jinkiseb ir-rimbors ta' kwalunkwe kumpens żejjed li seta' jkun ingħata jew il-ħlas korrett, fis-sena finanzjarja ta' wara, ta' riżervi li jista' jkun hemm li ma jaqbżux l-10 % tal-ispejjeż tas-servizz pubbliku annwali, minn naħa waħda jew, min-naħa l-oħra, sussidji inkroċjati li jista' jkun hemm.

(105) L-Artikolu 44 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 jippreċiża li "[i]r-riżorsi pubbliċi allokati għall-korpi tas-servizz awdjoviżiv pubbliku bħala kumpens għall-obbligi ta' servizz pubbliku li bihom ikunu ġew inkarigati ma għandhomx jaqbżu l-ammont tal-ispiża għat-twettiq ta' dawk l-obbligi". Dik id-dispożizzjoni tirriżulta mill-impenji tar-Repubblika Franċiża li tniżżel espressament fil-liġi l-prinċipju li ma jingħatax kumpens żejjed għall-obbligi ta' servizz pubbliku stabbiliti fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni ta' kumpatibbiltà tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2005 dwar l-użu tad-dħul mil-liċenzji ([13]).

(106) Id-digriet nru 2007-958 tal-15 ta' Mejju 2007 dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istat u l-korpi tas-settur pubbliku tal-komunikazzjoni awdjoviżiva jinkludi fl-Artikolu 2 tiegħu l-istess formulazzjoni bħall-Artikolu 53 tal-liġi tat-30 ta' Settembru 1986 billi jieħdu f'kunsiderazzjoni "id-dħul dirett jew indirett derivat mill-missjoni ta' servizz pubbliku" u jippreċiża li l-ispiża tal-missjoni ta' servizz pubbliku hija stabbilita permezz ta' kontijiet separati. Id-digriet jipprovdi, fl-Artikolu 3 tiegħu, l-obbligu għal France Télévisions u s-sussidjarji tagħha li jirrispettaw il-kundizzjonijiet normali tas-suq għall-attivitajiet kummerċjali kollha tagħhom u l-formulazzjoni minn korp estern ta' rapport annwali dwar it-twettiq ta' dak l-obbligu, li għandu jintbagħat lill-ministeru responsabbli, lill-Assemblea Nazzjonali u lis-Senat. Din l-aħħar dispożizzjoni ssemmiet ukoll fl-impenji tar-Repubblika Franċiża li jinsabu fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' April 2005, imsemmija fil-premessa 7.

(107) Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni ddeċidiet li kemm id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu l-prinċipju li ma jingħatax kumpens żejjed kif ukoll il-kontroll u l-verifika tal-kundizzjonijiet applikati minn France Télévision għall-attivitajiet kummerċjali tagħha jirrispondu perfettament għat-tħassib li esprimiet il-Kummissjoni matul il-proċedura li wasslet għad-deċiżjoni tal-20 ta' April 2005 ([14]). In-natura adattata tal-kontrolli mwettqa *ex post* fir-rigward tal-ħarsien ta' dawk l-impenji ġiet ikkonfermata wkoll mill-Qorti Ġenerali ([15]).

(108) Il-Kummissjoni rċeviet u eżaminat rapport dwar l-eżekuzzjoni tal-Artikoli 2 u 3 tad-digriet fir-rigward tas-snin finanzjarji 2007 u 2008 (ir-rapporti li saru abbażi tal-Artikolu 3 tad-digriet kienu, għall-2007, iċċertifikati mill-awdituri PriceWaterhouseCoopers u KPMG u, għall-2008, mill-Cabinet Rise), kif ukoll l-abbozz tar-rapport previst fl-Artikolu 2 għas-sena 2009. Ir-rapporti disponibbli jikkonkludu li r-riżorsi pubbliċi allokati lill-grupp France Télévisions ma qabżux l-ispiża netta tat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku li bihom ġie inkarigat u li France Télévisions irrispettat il-kundizzjonijiet normali tas-suq fl-attivitajiet kummerċjali kollha tagħha. Dan b'hekk jeskludi l-possibbiltà ta' sussidji inkroċjati bejn attivitajiet kummerċjali u attivitajiet ta' servizz pubbliku. Il-formulazzjoni tar-rapporti inkwistjoni turi barra minn hekk li huwa possibbli li jsiru kontijiet tal-ispejjeż u r-riżorsi tas-servizz pubbliku tad-diversi stazzjonijiet ta' France Télévisions bl-użu tal-istrumenti tal-kontabilità eżistenti, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu b'mod partikolari M6.

(109) Il-proċeduri ta' kontroll *ex post* tar-riżorsi pubbliċi previsti fid-digriet nru 2007-958 japplikaw għas-sussidju baġitarju nnotifikat. Wara li ġie stabbilit il-kontroll, ir-riżorsi pubbliċi totali allokati lil France Télévisions kienu insuffiċjenti biex ikopru l-ispiża netta għat-twettiq tal-obbligi ta' servizz pubbliku, b'mod illi l-kwistjoni tal-possibbiltà ta' ħlas żejjed ma tqajmitx. Għall-previżjonijiet tal-ispejjeż u d-dħul fuq medda ta' żmien medju li jinsabu fil-pjan tan-negozju u li huma murija fit-tabella 1 iktar 'il quddem, jidher li huwa previst eċċess żgħir fl-2012 li, jekk jiġi kkonfermat u ma jkunx meħtieġ biex jiġu assorbiti d-defiċits previsti għas-snin 2010 u 2011, għandu normalment jitħallas bi prijorità għall-ispejjeż favur il-kreazzjoni awdjoviżiva.

(110) Fi kwalunkwe każ, sabiex il-pjan eżistenti jiġi allinjat mal-preċiżjonijiet li ddaħħlu mill-ġdid fl-2009 mill-komunikazzjoni dwar ix-xandir, ir-Repubblika Franċiża timpenja ruħha li temenda l-Artikolu 2 tad-digriet nru 2007-958 tal-15 ta' Mejju 2007, b'mod li:

— tiżgura li r-rapport annwali dwar il-kontijiet separati jkun, b'mod konformi mar-rapport previst fl-Artikolu 3, ikkontrollat minn korp estern li l-għażla tiegħu hija soġġetta għall-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-komunikazzjoni, jintbagħat lil dak

([13]) Ara d-deċiżjoni C(2005) 1166 finali, punti 65 sa 72.

([14]) Sentenza tal-11 ta' Marzu 2009, TF1 vs Il-Kummissjoni (kawża T-354/05, Ġabra (2009) p. II-00471), punti 205 sa 209.

([15]) Ara f'dan is-sens is-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, M6 u TF1 vs Il-Kummissjoni (kawżi magħquda T-568/08 u T-573/08), b'mod partikolari l-punti 115 u dawk sussegwenti, li għadha ma ġietx ippubblikata.

il-Ministru kif ukoll lill-Assemblea Nazzjonali u lis-Senat, u jsir għall-ispejjeż ta' France Télévisions;

— tipperfezzjona l-mekkaniżmu funzjonali tagħha sabiex jiġi żgurat l-irkupru effettiv ta' kumpensi żejda jew sussidji inkroċjati li jirriżultaw minn dawk il-kontijiet separati u li ma jkunux kumpatibbli mal-Artikolu 53 tal-liġi 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà tal-komunikazzjoni kif ukoll mal-komunikazzjoni dwar ix-xandir.

(111) f'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher li r-Repubblika Franċiża għandha fis-seħħ mekkaniżmi adattati biex tipproċedi għal kontrolli regolari u effikaċi tal-użu tal-finanzjament pubbliku, sabiex tipprevjeni kull kumpens żejjed jew sussidju inkroċjat, kif tipprevedi l-komunikazzjoni dwar ix-xandir.

(112) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, jidher li r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni potenzjali dovuti għall-preżenza ta' France Télévisions fuq swieq kummerċjali fejn hija ser topera wara l-implimentazzjoni sħiħa tar-riforma ser ikunu limitati. Dik il-preżenza ser tkun probabbilment ferm ristretta u r-riforma ser ikollha l-effett prevedibbli li tittrasferixxi, anki jekk biss parzjalment, id-domanda tal-pubbliċità fuq it-televiżjoni lejn il-kompetituri ta' France Télévisions.

(113) Effettivament, kif jirriżulta minn ittra ppubblikata minn seba' stazzjonijiet tat-televiżjoni jew radju privati, it-twettiq tar-riforma sat-tmiem tagħha bit-tneħħija tal-messaġġi pubbliċitarji minn France Télévisions ser ikun ta' tali natura li: 'il-mezzi tax-xandir privati ser ikunu jistgħu jirpiljaw il-kapaċitajiet li jeħtieġu', waqt li ż-żamma tal-messaġġi pubbliċitarji: "tagħti lok għal konsegwenzi negattivi għall-mezzi tax-xandir kollha Franċiżi u timmodifika sostanzjalment il-prospetti ekonomiċi [tal-] atturi …" ([16]).

(114) Fi kliem ieħor, l-irtirar parzjali ta' France Télévisions u l-iffukar mill-ġdid fil-livell tal-istruttura tad-dħul tagħha – kummerċjali jew kumpens pubbliku – fuq ix-xandir ta' programmi li huma konformi mal-missjoni tagħha ta' interess ġenerali u mingħajr kontroparti finanzjarja diretta għall-pubbliku, inaqqsu r-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni potenzjali fis-swieq kompetittivi fejn topera France Télévisions. Dak l-irtirar jiftaħ spazju li jista' jittieħed minn operaturi ġodda jew operaturi li preżentament għandhom preżenza dgħajfa fis-suq tal-pubbliċità, billi eventwalment joħloq kompetizzjoni aktar dinamika.

(115) Minn dan jirriżulta li, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta u l-impenji mogħtija mir-Repubblika Franċiża, il-finanzjament pubbliku ser ikollu l-iskop li jippermetti lil France Télévisions li tkopri l-ispejjeż netti mġarrba biex taqdi l-obbligi li għandha, u dak il-finanzjament għandu jkun limitat għall-dawk l-ispejjeż u jibqa' soġġett għal kontrolli *ex post* li jissodisfaw il-kriterji tal-komunikazzjoni dwar ix-xandir applikabbli. Barra minn hekk, peress li France Télévisions ser tnaqqas il-preżenza tagħha fis-swieq kompetittivi, l-għajnuna prevista ma tagħtix lok għal riskju li jiġi affettwat l-iżvilupp tal-kummerċ b'mod kuntrarju għall-interess tal-Unjoni, biex b'hekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE.

(116) Barra minn hekk, ir-Repubblika Franċiża timpenja ruħha li tipprovdi lill-Kummissjoni b'rapport annwali sal-2013, id-data meta r-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku ser tkun twettqet, li għandu jippermetti li jiġu segwiti l-aspetti tal-implimentazzjoni tar-riforma l-aktar relevanti fir-rgward tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, jiġifieri, il-kumpensi annwali u l-mekkaniżmi ta' kontroll *ex post*, il-kundizzjonijiet applikati minn France Télévisions għall-attivitajiet kummerċjali tagħha u l-iżviluppi fil-pożizzjoni tagħha f'dak is-suq kif ukoll it-twettiq annwali tal-kuntratt ta' objettivi u mezzi.

(117) Fid-dawl tal-iskala tar-riforma, tal-innovazzjonijiet fir-rigward tal-finanzjament tal-missjoni ta' servizz ta' France Télévisions li hija tintroduċi, tal-konsegwenzi tagħha fuq l-evoluzzjoni tal-ispejjeż u d-dħul ta' France Télévisions u tal-ambjent ekonomiku inċert tas-swieq li jaffettwaw id-dħul kummerċjali ta' France Télévisions u tal-kompetituri tagħha, dak l-impenn huwa ta' tali natura li jippermetti lill-Kummissjoni li tivverifika u li ssegwi kemm jista' jkun mill-qrib l-implimentazzjoni tar-riforma, kif ukoll tal-impenji mogħtija mir-Repubblika Franċiża fil-kuntest ta' din il-proċedura.

It-taxxi l-ġodda previsti mir-riforma tas-servizz awdjoviżiv pubbliku

(118) Fid-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura, il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar l-eżistenza ta' rabta ta' konnessjoni bejn id-dħul provenjenti mit-taxxi l-ġodda fuq il-pubbliċità u l-komunikazzjonijiet elettroniċi u s-sussidju annwali li għandu jitħallas sa mill-2010 lil France Télévisions. Tali konnessjoni, jekk tista' tiġi stabbilita, ikollha l-konsegwenza li dawk it-taxxi jkollhom jitqiesu bħala li jifformaw parti integrali mill-għajnuna u jkunu soġġetti għall-eżami tal-kumpatibbiltà mas-suq intern ta' din

([16]) Ittra tal-Presidenti ta' TF1, M6, Canal +, Next Radio TV, NRJ, RTL u Locales TV lill-President tar-Repubblika, tal-21 ta' Ġunju 2010, disponibbli fl-24 ta' Ġunju 2010 fuq: http://www.latribune.fr/technos-medias/publicite/20100623trib0a00523461/france-televisions-les-medias-prives-insistent-pour-mettre-fin-a-la-publicite-.html.

tal-aħħar. Għalkemm l-eżistenza ta' tali konnessjoni setgħet tiġi eskluża għas-sena 2009, b'mod partikolari fid-dawl tad-data tad-dħul fis-seħħ u l-implimentazzjoni tal-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 dwar is-servizz awdjoviżiv pubbliku, baqa' dubju dwar il-futur, fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet li saru mill-ogħla awtoritajiet Franċiżi.

(119) Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, ikkonfermata mis-sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008 fil-kawża preliminari Régie Networks (C-333/07) (punt 99), li "Sabiex taxxa tkun tista" tiġi kkunsidrata bħala parti integrali minn miżura ta' għajnuna, għandu jkun hemm rabta vinkolanti ta' allokazzjoni bejn it-taxxa u l-għajnuna kkonċernata skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti, fis-sens li d-dħul mit-taxxa huwa neċessarjament allokat għall-finanzjament tal-għajnuna u jaffettwa direttament l-ammont ta' din u, konsegwentement, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mas-suq komuni' ([17]). Iż-żewġ kundizzjonijiet ta' applikabbiltà stabbiliti mill-Qorti, jiġifieri, ir-regolamentazzjoni nazzjonali pertinenti u l-influwenza diretta fuq l-ammont tal-għajnuna huma eżaminati iktar 'il quddiem.

(120) Fil-liġi Franċiża, skont l-Artikolu 36 tal-liġi organika tal-1 ta' Awwissu 2001 dwar il-liġijiet tal-finanzi, il-ħlas lil persuna ġuridika oħra ta' riżorsa stabbilita għall-gwadann tal-Istat Franċiż jista' jirriżulta biss minn dispożizzjoni tal-liġi tal-finanzi. Il-liġi tal-finanzi b'hekk trid tipprovdi espressament li d-dħul mit-taxxi fuq il-pubbliċità u l-komunikazzjonijiet elettroniċi li ddaħħlu bil-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 għandu jiġi allokat totalment jew parzjalment għall-finanzjament ta' France Télévisions. Tali dispożizzjoni għadha ma ġietx adottata sal-lum. Għall-ġejjieni, ir-Repubblika Franċiża timpenja ruħha li tipproċedi, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) tat-TFUE, għal notifika ġdida lill-Kummissjoni ta' kull abbozz ta' emenda tal-istruttura tal-iskema. f'dawn iċ-ċirkustanzi, ma tistax tiġi stabbilita rabta ta' konnessjoni vinkolanti bejn l-għajnuna nnotifikata u t-taxxi l-ġodda permezz tal-liġi nazzjonali, fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti.

(121) Barra minn hekk, jidher li l-kriterju determinanti sabiex jiġi stabbilit l-ammont annwali tas-sussidju baġitarju, akkumulat għall-ammont previst ta' allokazzjoni tar-riżorsi tal-kontribuzzjoni għall-awdjoviżiv pubbliku, huwa dak tal-ammont tal-ispejjeż netti tal-obbligi ta' servizz pubbliku assenjati lil France Télévisions u mhux dak tad-dħul derivat mit-taxxi l-ġodda. L-ispejjeż previsti tas-servizz pubbliku huma u ser ikunu soġġetti għal estimi *ex ante* fil-kuntratt ta' objettivi u mezzi b'applikazzjoni tal-Artikolu 53 tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni. Is-sussidju annwali previst fl-abbozz tal-liġi dwar il-finanzi għandu jiġi kkalibrat skont l-ispejjeż netti previsti u l-bilanċ bejn il-previżjonijiet u r-riżultati għandu jiġi kkonstatat u, jekk ikun meħtieġ, ikkoreġut *ex post* fil-kuntest tar-rapport previst għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 2 tad-digriet nru 2007-958 tal-15 ta' Mejju 2007 dwar ir-relazzjonijiet finanzjarji bejn l-Istat u l-korpi tas-settur pubbliku tal-komunikazzjoni awdjoviżiva. Peress li l-ispejjeż jintefqu indipendentement mir-riżorsi miġbura mit-taxxi, id-dħul mit-taxxi ma jistax jinfluwenza direttament l-ammont tal-għajnuna. Barra minn hekk jidher li r-rati tat-taxxi inizjalment previsti mill-gvern Franċiż ġew imnaqqsa fil-liġi finali vvutata mill-Parlament, mingħajr ma dan sarraf fi tnaqqis konkomitanti u proporzjonat tas-sussidju li għandu jitħallas għal France Télévisions.

(122) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, it-taxxi fuq il-pubbliċità u l-komunikazzjonijiet elettroniċi li ddaħħlu bil-liġi nru 2009-258 tal-5 ta' Marzu 2009 ma jagħmlux parti integrali mill-għajnuna u, konsegwentement, m'għandhomx jiġu integrati fl-eżami tal-kumpatibbiltà ta' din tal-aħħar mas-suq intern, għall-kuntrarju ta' dak li jippretendu ċerti partijiet terzi interessati, jiġifieri, l-ACT, l-FFTCE, l-Assoċjazzjoni ta' Stazzjonijiet Privati, M6 u TF1.

(123) Din il-konklużjoni hija mingħajr preġudizzju għall-kumpatibbiltà tal-imsemmija taxxi u tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tagħhom bħala miżuri distinti mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari, fir-rigward tat-taxxa dwar il-komunikazzjonijiet elettroniċi, fir-rigward tal-kwistjonijiet eżaminati fil-kuntest tal-proċedura ta' ksur Nru 2009/5061, fir-rigward tad-Direttiva 2002/20/KE, jew tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi ([18]).

(124) Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu nota tad-dikjarazzjoni ta' Franza li teskludi l-imsemmija taxxi mill-kamp tan-notifika tagħha, li hija s-suġġett ta' din id-deċiżjoni.

## VII. **KONKLUŻJONIJIET**

(125) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li s-sussidju baġitarju annwali favur France Télévisions implimentat kif indikat iktar 'il fuq jista' jiġi ddikjarat kumpatibbli mas-suq intern abbażi tal-Artikolu 106(2) tat-TFUE, skont il-prinċipji u r-regoli ta' applikazzjoni previsti għas-servizzi pubbliċi ta' xandir.

([17]) Sentenza tat-22 ta' Diċembru 2008, Ġabra P. I-10807. Ara wkoll is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2006, Air Liquide Industries Belgium (C-393/04 u C 41/05, Ġabra P. I-5293), punt 46.

([18]) ĠU L 108, 24.4.2002, p. 33–50.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-għajnuna mill-Istat li r-Repubblika Franċiża għandha l-intenzjoni li timplimenta favur France Télévisions taħt il-forma ta' sussidju baġitarju annwali skont l-Artikolu 53, subparagrafu VI tal-liġi nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 emendata dwar il-libertà tal-komunikazzjoni, hija kumpatibbli mas-suq intern b'mod konformi mal-Artikolu 106(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-implimentazzjoni ta' dik l-għajnuna b'hekk hija awtorizzata.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2010.

*Għall-Kummissjoni*
Joaquín ALMUNIA
*Viċi-President*

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-1 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Deċiżjoni 2007/76/KE li timplementa r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-assistenza reċiproka

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1165)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/141/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur ("ir-Regolament dwar kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-konsumaturi") [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 6(4), 7(3), 8(7), 9(4), 10(3), 12(6), u 13(5), u 15(6) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2007/76/KE li timplimenta r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 dwar kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-protezzjoni tal-liġijiet għall-ħarsien tal-konsumatur fir-rigward tal-assistenza reċiproka [2].

(2) Id-Deċiżjoni 2007/76/KE ġiet emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/282/KE [3] biex jiġu stabbiliti l-prinċipji li jiggvernaw in-notifika tal-miżuri ta' infurzar, l-informazzjoni tiġi fornuta fin-notifiki wara n-notifika ta' avviż u l-koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-suq u tal-attivitajiet ta' infurzar.

(3) Ir-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni 2007/76/KE fir-rigward tat-tħassir ta' xi informazzjoni fil-bażi tad-dejta stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u fir-rigward ta' notifiki regolari, iridu jiġu riveduti fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba bl-operazzjoni tan-netwerk tal-kooperazzjoni tal-infurzar.

(4) Huwa xieraq ukoll li jiġu ċċarati r-regolamenti li jiggvernaw l-obbligi tal-awtorità kompetenti li tikkoordina, il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ikkoordinati ta' infurzar, u l-informazzjoni minima li għandha tiġi pprovduta fil-qafas ta' dan it-tip ta' attivitajiet.

(5) Huwa neċessarju li tiġi allinjata d-Deċiżjoni 2007/76/KE mal-opinjoni 6/2007 [4] tal-Partit tax-Xogħol dwar il-Ħarsien tal-Individwi fir-rigward tal-Iproċessar tad-Dejta Personali stabbilita mill-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5] u l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Ħarsien tad-Dejta [6].

(6) Id-Deċiżjoni 2007/76/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(7) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/76/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 364, 9.12.2004, p. 1.
[2] ĠU L 32, 6.2.2007, p. 192.
[3] ĠU L 89, 1.4.2008, p. 26.
[4] Opinjoni 6/2007 dwar il-kwistjonijiet tal-ħarsien tad-dejta relatati mas-Sistema ta' Protezzjoni tal-Konsumatur (CPCS) 01910/2007/EN, WP 139, adottata fil-21 ta' Settembru 2007.
[5] ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
[6] Opinjoni tal-EDPS Ref. 2010-0692.

*ANNESS*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/76/KE hu emendat kif ġej:

1. Il-Punt 2.1.3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2.1.3. Jekk ebda ftehim ma jista' jintlaħaq, l-awtorità rikjesta għandha toħroġ tweġiba fejn tagħti kull informazzjoni rilevanti li jkollha u tindika l-azzjonijiet ta' investigazzjoni u ta' infurzar li ttieħdu jew li huma ppjanati (inklużi skadenzi taż-żmien) sa mhux iktar tard minn erbatax-il ġurnata wara d-data tal-wasla ta' rikjesta permezz tal-uffiċċju uniku ta' kollegament tagħha. L-awtorità rikjesta għandha taġġorna lill-awtorità applikanti dwar dawn l-azzjonijiet fuq bażi regolari kif hu xieraq, iżda tal-anqas kull tliet xhur sakemm:

(a) kwalunkwe informazzjoni rilevanti meħtieġa biex tistabbilixxi jekk tkunx saret infrazzjoni intra-Komunitarja, jew biex tistabbilixxi jekk ikunx hemm suspett raġonevoli li dan jista' jsir, tkun intbagħtet lill-awtorità applikanti jew

(b) jekk tkun waqfet l-infrazzjoni intra-Komunitarja jew ir-rikjesta tkun irriżultat infondata."

2. Fil-punt 2.1.5 jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"Awtorità kompetenti għandha, eżatt kif tiskopri li rikjesta għal assistenza reċiproka skont l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 fiha dejta żbaljata li ma tkunx tista' titranġa permezz ta' metodi oħra, titlob lill-Kummissjoni biex tneħħi l-informazzjoni mill-bażi tad-dejta eżatt kif dan ikun teknikament possibbli u, f'kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn sebat ijiem wara li tkun irċeviet ir-rikjesta għat-tħassir.

L-informazzjoi kollha oħra relatata mar-rikjesti għall-assistenza reċiproka skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 għandha titneħħa mil-bażi tad-dejta ħames snin wara l-għeluq tal-każ."

3. Fil-punt 2.2.2 jiżdied il-paragrafu li ġej:

"Twissijiet fondati għandhom jitneħħew mil-bażi tad-dejta ħames snin wara li jinħarġu."

4. Fil-Kapitolu 4, it-tabella hi sostitwita minn dan li ġej:

"4. KAPITOLU 4 – AĊĊESS GĦALL-INFORMAZZJONI SKAMBJATA U L-ĦARSIEN TAD-DEJTA".

5. Jiddaħħlu l-punti 4.3 u 4.4 li ġejjin:

"4.3. *L-aċċess tal-Kummissjoni għad-dejta*

L-aċċess tal-Kummissjoni għad-dejta għandu jkun limitat għal dak li hu rekwiżit skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004. Dan jinkludi l-aċċess għall-avviżi skont l-Artikolu 7(1), għan-notifikazzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 8(6), u għall-informazzjoni relatata mal-koordinazzjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-attivitajiet tar-rinfurzar skont l-Artikolu 9 u skont il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 15(5) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

4.4. *Dejta sensittiva*

L-ipproċessar minn awtoritajiet kompetenti ta' dejta personali marbuta ma' razza, etniċità, opinjonijiet politiċi, reliġjon, sħubija fi trade-union, saħħa jew mal-ħajja sesswali għandu jkun ipprojbit, sakemm it-twettiq tal-obbligi skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 ma jkunx possibbli mod ieħor u l-ipproċessar ta' dan it-tip ta' dejta huwa permess skont id-Direttiva 95/46/KE.

L-użu minn awtoritajiet kompetenti ta' dejta personali marbuta ma' offiżi, offiżi suspetti u miżuri ta' sigurtà għandhom ikunu limitati għal skopijiet speċifiċi ta' assistenza reċiproka kif iddefinit fir-Regolament (KE) Nru 2006/2004."

6. Il-Kapitolu 6 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"6. Il-KAPITOLU 6 – IL-KOORDINAZZJONI TA' ATTIVITAJIET TAS-SORVELJANZA TAS-SUQ U TAL-INFURZAR

6.1. Meta jiġi applikat l-Artikolu 9(2) tar-regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtoritajiet li qablu biex jikkordinaw l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom jistgħu jiddeċiedu dwar il-passi neċessarji kollha biex tkun żgurata l-koordinazzjoni adegwata u għandhom iwettquhom mill-aħjar li jistgħu.

6.2. Awtorità kompetenti tista' tirrifjuta li taċċetta stedina biex tipparteċipa f'attivitajiet ikkoordinati ta' infurzar, wara konsultazzjoni mal-awtorità li tistieden jekk:

(a) ikunu diġà nbdew proċeduri ġudizzjarji jew is-sentenza finali tkun diġà ngħatat fir-rigward tal-istess ksur intra-Komunitarju u kontra l-istess bejjiegħa jew fornituri quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Istat Membru tal-awtorità mitluba jew dik applikanti;

(b) fl-opinjoni tagħha, wara investigazzjoni xierqa, ma tkunx ikkonċernata mill-ksur intra-Komunitarju;

Jekk awtorità kompetenti tiddeċiedi li tirrifjuta stedina biex tipparteċipa f'attivitajiet ikoordinati ta' infurzar għandha tiddikjara r-raġunijiet tad-deċiżjoni tagħha.

Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tal-Artikoli 6 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004.

6.3. Sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikoli 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu jiddeċiedu li waħda minnhom tikkoordina l-azzjoni ta' infurzar. L-awtoritajiet kompetenti, filwaqt li jqisu l-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ, normalment għandhom jaħtru bħala awtorità ta' koordinazzjoni l-awtorità ta' fejn il-kummerċjant ikollu l-kwartieri tiegħu jew iċ-ċentru prinċipali tal-attivitajiet tiegħu, jew fejn jinsab l-akbar numru ta' konsumaturi affettwati.

6.4. Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-attivitajiet skont l-Artikoli 9(1) u 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004 jekk tkun mistiedna.

6.5. L-awtorità kompetenti nnominata bħala l-awtorità li tikkoordina skont 6.3. għandha tal-anqas tkun responsabbli għal dan li ġej:

(a) tamministra l-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet li jipparteċipaw fl-attivitajiet ikoordinati permezz ta' metodi xierqa,

(b) tabbozza rapport qasir ta' sommarju fl-aħħar tal-attività kkoordinata meta jkun xieraq,

(ċ) tagħlaq l-attività kkoordinata ta' infurzar fil-bażi tad-dejta eżatt kif ikun teknikament possibbli u f'kwalunkwe każ f'temp ta' sebat ijiem wara l-aħħar talba għal assistenza reċiproka maħruġa bejn żewġ awtoritajiet kompetenti li jipparteċipaw f'attivitajiet ikkoordinati ta' infurzar tkun magħluqa mill-awtorità applikanti kkonċernata.

l-obbligi tal-awtorità li tikkoordina ma għandhomx jaffettwaw ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li huma responsabbli għalihom l-awtoritajiet kompetenti l-oħra li jipparteċipaw skont ir-Regolament (KE) Nru 2006/2004 u r-regolamenti implimentati tiegħu.

6.6. Barra mir-rekwiżiti tal-informazzjoni għall-assistenza reċiproka skont l-Artikoli 6, 7 u 8 tar-Regolament (KE) Nru 2006/2004, meta awtorità kompetenti tiddeċiedi li tistieden awtoritajiet oħrajn biex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' infurzar, għandha tipprovdi tal-anqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-dettalji tal-awtorità kompetenti li tistieden biex tikkoordina l-attivitajiet ta' infurzar,

(b) l-isem tal-bejjiegħ jew tal-fornitur,

(ċ) l-isem tal-prodott jew tas-servizz,

(d) il-kodiċi ta' klassifikazzjoni,

(e) il-mezz ta' reklamar jew ta' bejgħ involut,

(f) il-bażi legali,

(g) sommarju qasir tal-ksur,

(h) sommarju tal-għanijiet tal-attivitajiet ikkoordinati".

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Deċiżjoni 97/80/KE li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar surveys għall-ġbir ta' statistika għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/142/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE tad-19 ta' Marzu 1996 fuq stħarriġ statistiku tal-ħalib u prodotti tal-ħalib ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) L-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/80/KE tat-18 ta' Diċembru 1996 li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar surveys għall-ġbir ta' statistika għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ([2]), uriet li huwa meħtieġ li tiġi adottata analiżi aktar dettaljata tal-akbar intrapriżi tal-ħalib.

(2) Id-Deċiżjoni 97/80/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(3) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti tal-Istatistika tal-Agrikultura,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness II għad-Deċiżjoni 97/80/KE jiġi emendat skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il Gurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 78, 28.3.1996, p. 27.
([2]) ĠU L 24, 25.1.1997, p. 26.

*ANNESS*

Fl-Anness II tad-Deċiżjoni 97/80/KE, it-Tabelli D, E, F, G.1, G.2, G.3, G.4 u G.5 qed jinbidlu b’dan li ġej:

“TABELLA D

**Intrapriżi** (1) **skont il-volum ta’ ġbir ta’ ħalib fis-sena**

Pajjiż ................................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta’ Diċembru ..............................

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-ġbir | Għadd ta’ intrapriżi | Ġbir f’1 000 t |
|---|---|---|
| minn 5 000 u inqas | ..................... | ..................... |
| minn 5 001 sa 20 000 | ..................... | ..................... |
| minn 20 001 sa 50 000 | ..................... | ..................... |
| minn 50 001 sa 100 000 | ..................... | ..................... |
| minn 100 001 sa 300 000 | ..................... | ..................... |
| minn 300 001 sa 400 000 | ..................... | ..................... |
| minn 400 001 sa 500 000 | ..................... | ..................... |
| minn 500 001 sa 750 000 | ..................... | ..................... |
| minn 750 001 sa 1 000 000 | ..................... | ..................... |
| ’Il fuq minn 1 000 000 | ..................... | ..................... |
| Total | ..................... | ..................... |

(1) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA E

**Ċentri ta’ ġbir** (1) **skont il-volum ta’ ġbir ta’ ħalib fis-sena**

Pajjiż ................................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta’ Diċembru ..............................

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-ġbir | Għadd | Ġbir f’1 000 t |
|---|---|---|
| minn 1 000 u inqas | ..................... | ..................... |
| minn 1 001 sa 5 000 | ..................... | ..................... |
| minn 5 001 sa 20 000 | ..................... | ..................... |
| minn 20 001 sa 50 000 | ..................... | ..................... |
| minn 50 001 sa 100 000 | ..................... | ..................... |
| ’Il fuq minn 100 000 | ..................... | ..................... |
| Total | ..................... | ..................... |

(1) Imsemmija fil-punt 2 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA F

**Intrapriżi** (1) **skont il-volum ta’ ħalib trattat**

Pajjiż ................................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta’ Diċembru ..............................

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) ta’ ħalib trattat | Għadd ta’ intrapriżi | Volum f’1 000 t |
|---|---|---|
| minn 5 000 u inqas | ..................... | ..................... |
| minn 5 001 sa 20 000 | ..................... | ..................... |

Pajjiż ........................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ........................................

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) ta' ħalib trattat | Għadd ta' intrapriżi | Volum f'1 000 t |
|---|---|---|
| minn 20 001 sa 50 000 | .................. | .................. |
| minn 50 001 sa 100 000 | .................. | .................. |
| minn 100 001 sa 300 000 | .................. | .................. |
| minn 300 001 sa 400 000 | .................. | .................. |
| minn 400 001 sa 500 000 | .................. | .................. |
| minn 500 001 sa 750 000 | .................. | .................. |
| minn 750 001 sa 1 000 000 | .................. | .................. |
| 'Il fuq minn 1 000 000 | .................. | .................. |
| Total | .................. | .................. |

([1]) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA G.1

**Intrapriżi** ([1]) **skont il-produzzjoni annwali ta' ċerti gruppi ta' prodotti tal-ħalib**

Pajjiż ........................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ........................................

**Gruppi ta' prodotti: PRODOTTI FRISKI (1)**

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-produzzjoni | Għadd ta' intrapriżi | Produzzjoni Annwali (f'1 000 t) |
|---|---|---|
| minn 1 000 u inqas | .................. | .................. |
| minn 1 001 sa 10 000 | .................. | .................. |
| minn 10 001 sa 30 000 | .................. | .................. |
| minn 30 001 sa 50 000 | .................. | .................. |
| minn 50 001 sa 100 000 | .................. | .................. |
| minn 100 001 sa 150 000 | .................. | .................. |
| minn 150 001 sa 200 000 | .................. | .................. |
| minn 200 001 sa 250 000 | .................. | .................. |
| 'Il fuq minn 250 000 | .................. | .................. |
| Total | .................. | .................. |

([1]) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA G.2

**Intrapriżi** ([1]) **skont il-produzzjoni annwali ta' ċerti gruppi ta' prodotti tal-ħalib**

Pajjiż ........................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ........................................

**Gruppi ta' prodotti: ĦALIB GĦALL-KONSUM (11)**

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-produzzjoni | Għadd ta' intrapriżi | Produzzjoni Annwali (f'1 000 t) |
|---|---|---|
| minn 1 000 u inqas | .................. | .................. |
| minn 1 001 sa 10 000 | .................. | .................. |
| minn 10 001 sa 30 000 | .................. | .................. |
| minn 30 001 sa 100 000 | .................. | .................. |

Pajjiż ............................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ............................................

**Gruppi ta' prodotti: ĦALIB GĦALL-KONSUM (11)**

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-produzzjoni | Ghadd ta' intrapriżi | Produzzjoni Annwali (f'1 000 t) |
|---|---|---|
| minn 100 001 sa 150 000 | ........................ | ........................ |
| minn 150 001 sa 200 000 | ........................ | ........................ |
| minn 200 001 sa 250 000 | ........................ | ........................ |
| 'Il fuq minn 250 000 | ........................ | ........................ |
| Total | ........................ | ........................ |

([1]) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA G.3

**Intrapriżi** ([1]) **skont il-produzzjoni annwali ta' ċerti gruppi ta' prodotti tal-ħalib**

Pajjiż ............................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ............................................

**Gruppi ta' prodotti: PRODOTTI MIT-TRAB TAL-ĦALIB (22)**

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-produzzjoni | Ghadd ta' intrapriżi | Produzzjoni Annwali (f'1 000 t) |
|---|---|---|
| minn 1 000 u inqas | ........................ | ........................ |
| minn 1 001 sa 5 000 | ........................ | ........................ |
| minn 5 001 sa 20 000 | ........................ | ........................ |
| minn 20 001 sa 25 000 | ........................ | ........................ |
| 'Il fuq minn 25 000 | ........................ | ........................ |
| Total | ........................ | ........................ |

([1]) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA G.4

**Intrapriżi** ([1]) **skont il-produzzjoni annwali ta' ċerti gruppi ta' prodotti tal-ħalib**

Pajjiż ............................................ Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ............................................

**Gruppi ta' prodotti: BUTIR (23)**

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-produzzjoni | Ghadd ta' intrapriżi | Produzzjoni Annwali (f'1 000 t) |
|---|---|---|
| minn 100 u inqas | ........................ | ........................ |
| minn 101 sa 1 000 | ........................ | ........................ |
| minn 1 001 sa 5 000 | ........................ | ........................ |
| minn 5 001 sa 10 000 | ........................ | ........................ |
| minn 10 001 sa 15 000 | ........................ | ........................ |
| minn 15 001 sa 20 000 | ........................ | ........................ |
| minn 20 001 sa 25 000 | ........................ | ........................ |
| 'Il fuq minn 25 000 | ........................ | ........................ |
| Total | ........................ | ........................ |

([1]) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE

TABELLA G.5

**Intrapriżi** ([1]) **skont il-produzzjoni annwali ta' ċerti gruppi ta' prodotti tal-ħalib**

Pajjiż .................................................... Is-sitwazzjoni fil-31 ta' Diċembru ..........................

**Gruppi ta' prodotti: ĠOBON (it-tipi kollha) (24)**

| Klassijiet skont il-volum (tunnellati/sena) tal-produzzjoni | Ghadd ta' intrapriżi | Produzzjoni Annwali (f'1 000 t) |
|---|---|---|
| minn 100 u inqas | .................... | .................... |
| minn 101 sa 1 000 | .................... | .................... |
| minn 1 001 sa 4 000 | .................... | .................... |
| minn 4 001 sa 10 000 | .................... | .................... |
| minn 10 001 sa 15 000 | .................... | .................... |
| minn 15 001 sa 20 000 | .................... | .................... |
| minn 20 001 sa 25 000 | .................... | .................... |
| 'Il fuq minn 25 000 | .................... | .................... |
| Total | .................... | .................... |

([1]) Imsemmija fil-punt 1 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/16/KE"

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Marzu 2011

## li tikkonċerna n-noninklużjoni tal-etossikina fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/941/KE

*(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1265)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2011/143/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1112/2002 ([2]) u (KE) Nru 2229/2004 ([3]) jistipulaw ir-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-raba' stadju tal-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u jistabbilixxu lista ta' sustanzi attivi li għandhom jiġu vvalutati, bl-għan li jiġu possibbilment inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE. Din il-lista kienet tinkludi l-etossikina.

(2) Skont l-Artikolu 24e tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004 l-applikant irtira s-sostenn tiegħu għall-inklużjoni ta' dik is-sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE fi żmien xahrejn mill-wasla tal-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni. B'riżultat ta' dan, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/941/KE tat-8 ta' Diċembru 2008 dwar in-noninklużjoni ta' ċerti sustanzi attivi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' awtorizzazzjonijiet għal prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom dawn is-sustanzi ([4]) ġiet adottata fir-rigward tan-noninklużjoni tal-etossikina.

(3) Skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE n-notifikant oriġinali (minn hawn 'il quddiem "l-applikant") ressaq applikazzjoni ġdida li titlob l-applikazzjoni tal-proċedura aċċellerata, kif previst fl-Artikoli 14 sa 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 33/2008 tas-17 ta' Jannar 2008 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE fir-rigward ta' proċedura regolari u aċċellerata għall-valutazzjoni ta' sustanzi attivi li kienu jagħmlu parti mill-programm ta' ħidma msemmi fl-Artikolu 8(2) ta' dik id-Direttiva iżda li ma ġewx inklużi fl-Anness I tagħha ([5]).

(4) L-applikazzjoni tressqet lill-Ġermanja, li kienet inħatret bħala l-Istat Membru relatur permezz tar-Regolament (KE) Nru 2229/2004. Il-perjodu ta' żmien għall-proċedura aċċellerata ġie rispettat. L-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva u l-użi sostnuti huma l-istess bħal dawk li kienu s-suġġett tad-Deċiżjoni 2008/941/KE. Dik l-applikazzjoni tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti sostantivi u proċedurali li jifdal tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(5) Il-Ġermanja evalwat id-dejta addizzjonali mressqa mill-applikant u ħejjiet rapport addizzjonali. Hija kkomunikat dan ir-rapport lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2009. L-Awtorità kkomunikat ir-rapport addizzjonali lill-Istati Membri l-oħra u lill-applikant għall-kummenti u bagħtet il-kummenti li kienu waslulha lill-Kummissjoni. Skont l-Artikolu 20(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008 u fuq talba tal-Kummissjoni, l-Awtorità ppreżentat il-konklużjoni tagħha dwar l-etossikina lill-Kummissjoni fl-20 ta' Awwissu 2010 ([6]). L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, ir-rapport addizzjonali u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew riveduti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali, u ġew iffinalizzati fit-28 ta' Jannar 2011 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-etossikina.

(6) Matul l-evalwazzjoni ta' din is-sustanza attiva, ġie identifikat xi tħassib. B'mod partikolari, ma kienx possibbli li titwettaq valutazzjoni kredibbli tal-espożizzjoni tal-konsumatur, tal-operatur u tal-ħaddiem, minħabba l-pakkett tad-dejta tossikoloġiku limitat, li jitqies mhux biżżejjed biex jiġu stabbiliti d-Doża Aċċettabbli ta' Kuljum (ADI), id-Doża Akuta ta' Referenza (ARfD) u l-Livell Aċċettabbli tal-Espożizzjoni tal-Operatur (AOEL). Barra minn hekk, id-dejta mressqa ma kinitx biżżejjed biex tiġi stabbilita definizzjoni tar-residwi għall-etossikina u l-metaboliti tagħha. B'żieda ma' dan, kien jonqos xi dejta biex tintlaħaq konklużjoni dwar il-potenzjal ġenotossiku u l-ekotossiċità ta' impurità fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità msejħa impurità 7. Fl-aħħar nett, id-dejta disponibbli ma kinitx biżżejjed biex jiġu vvalutati b'mod sħiħ ir-riskji għall-ambjent u għall-organiżmi mhux fil-mira. Għalhekk, ma kienx possibbli li tintlaħaq konklużjoni fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli li l-etossikina ssodisfat il-kriterji għall-inklużjoni fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

([1]) ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1.
([2]) ĠU L 168, 27.6.2002, p. 14.
([3]) ĠU L 379, 24.12.2004, p. 13.
([4]) ĠU L 335, 13.12.2008, p. 91.
([5]) ĠU L 15, 18.1.2008, p. 5.
([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Conclusion on the peer review of the pesticide risk assessment of the active substance ethoxyquin (Konklużjoni dwar ir-reviżjoni *inter pares* tal-valutazzjoni tar-riskju tal-pestiċidi għas-sustanza attiva etossikina). *EFSA Journal* 2010;8(9):1710. [38 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1710. Disponibbli onlajn: www.efsa.europa.eu/efsajournal.htm

(7) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant biex iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-riżultati tar-reviżjoni *inter pares*. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 21(1) tar-Regolament (KE) Nru 33/2008, il-Kummissjoni stiednet lill-applikant biex iressaq kummenti dwar l-abbozz tar-rapport tar-reviżjoni. L-applikant ressaq il-kummenti tiegħu, li ġew eżaminati bir-reqqa.

(8) Madankollu, minkejja l-argumenti mressqa mill-applikant, it-tħassib identifikat ma setax jiġi eliminat, u l-valutazzjonijiet li saru abbażi tal-informazzjoni mressqa u evalwata matul il-laqgħat tal-esperti tal-Awtorità ma wrewx li wieħed jista' jistenna li, taħt il-kundizzjonijiet proposti ta' użu, il-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-etossikina jissodisfaw b'mod ġenerali r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE.

(9) Għalhekk, l-etossikina ma għandhiex tiġi inkluża fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

(10) Din id-Deċiżjoni hija bla ħsara għat-tressiq ta' applikazzjoni ulterjuri għall-etossikina skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 91/414/KEE u l-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 33/2008.

(11) Fl-interess taċ-ċarezza, l-entrata għall-etossikina fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/941/KE għandha titħassar.

(12) Huwa għalhekk xieraq li d-Deċiżjoni 2008/941/KE tiġi emendata skont dan.

(13) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-etossikina ma għandhiex tiġi inkluża bħala sustanza attiva fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE.

*Artikolu 2*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

(a) l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-etossikina jiġu rtirati sat-3 ta' Settembru 2011;

(b) l-ebda awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-ħarsien tal-pjanti li fihom l-etossikina ma tingħata jew tiġġedded mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

Kull perjodu ta' konċessjoni mogħti mill-Istati Membri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi l-aktar tard fit-3 ta' Settembru 2012.

*Artikolu 4*

Fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/941/KE, l-entrata għall-"etossikina" għandha titħassar.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kummissjoni*
John DALLI
*Membru tal-Kummissjoni*

2011/140/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2010 dwar l-għajnuna mill-Istat C 27/09 (ex N 34/B/09) Sussidju baġitarju għal France Télévisions li r-Repubblika Franċiża għandha l-ħsieb li timplimenta favur France Télévisions** *(notifikata bid-dokument numru C(2010) 4918)* ([1]) 44

2011/141/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2007/76/KE li timplementa r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar tal-liġijiet għall-protezzjoni tal-konsumatur fir-rigward tal-assistenza reċiproka** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1165)* ([1]) 63

2011/142/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2011 li temenda d-Deċiżjoni 97/80/KE li tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/16/KE dwar surveys għall-ġbir ta' statistika għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib** ([1]) ...................................... 66

2011/143/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2011 li tikkonċerna n-noninklużjoni tal-etossikina fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/941/KE** *(notifikata bid-dokument numru C(2011) 1265)* ([1]) ..................................... 71



([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2011 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 100 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 770 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 400 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | Eur 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | Eur 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT